


# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Marija Bambina 2024
## Il-Mellieħa

GasanMamo
INSURANCE
We're Always There

# GET YOURSELF SOME HAPPY



**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM

# Werrej

VO/0841

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci,
Anthony Borg, Carmen Schembri,
Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftiehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

**Ittajpjar:**
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

**Disinn tal-Faċċata:**
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
David Muscat
Grazio Barbara
Amanda Jenkins

**Ritratti:**
Ivan Vella
Josepha Vella

Ritratti tal-Faċċata:
L-istatwa ta' Marija Bambina fil-bidu ta' Misraħ il-Parroċċa biswit il-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial.
Inset: Ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa u ż-żewġ kuruni tad-deheb quddiemha waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni *(ritratt: Arċidjoċesi ta' Malta)*

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com

L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena — Josef Borg - President ....4
Kumitat Direttiv 2024 - 2025 ....6
Kummissjoni Banda u Kor ....7
Kummissjoni Żgħażagħ ....7
Ngħollu isem il-Mellieħa Flimkien — Gabriel Micallef - Sindku ....9
Messaġġ mill-Arċipriet — Kan. Dun Joe Caruana - L-Arċipriet ....12
Is-serjetà fl-għaqdiet volontarji — Prof. John Baptist Gauci - Segretarju Ġenerali ....16
Il-baned u l-impatt tagħhom — Anthony Schembri - Segretarju Finanzjarju ....20
Sena ta' Ħidma — Clayton Vella - Direttur ....21
Ħsibijieti — Mro Anthony Borg - Surmast Direttur ....24
L-Impenn kontinwu mill-Banda u l-Kor — Mariella Barbara - Membru, Kummissjoni Banda u Kor ....28
Inġeddu flimkien — Ryan Micallef - Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ ....29
We're very good at this! — Julie Thomas - Director of the Imperial Choir ....32
Benefits of Music Education — Manuel Cassar - Music Teacher ....36
L-Importanza tal-Baned f'Malta: Mużika, Kultura u Komunità — Mark Vella - Għalliem tal-mużika ....40
Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda — L-Avukat Noel Camilleri - President tal-GħNKB ....41
Djarju 2023 – 2024 ....45
Nifirħu lil… ....61
Niftakru f'ħutna li ħallewna ....65
125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa mejquma fis-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa ....66
Il-Madonna tal-Mellieħa: The creation of an oratorio — Geoffrey Thomas ....68
Programm t'Attivitajiet ....74
Programme of Activities ....77
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ....78
Iljieli Melleħin 2024: Il-Kor tar-Ram fis-Santwarju — Carl Borg ....82
Messaġġ mill-Ministru għat-Turiżmu — L-Onorevoli Clayton Bartolo ....84
Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni — L-Onorevoli Dr Jonathan Attard ....85
L-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Karl Andrew Schembri ....86
Niftakru li l-Festa għadha ssir bi Ħsieb, Responsabbiltà u ħafna Xogħol minn ħafna Nies — Christopher Bartolo - Sagristan ....88
Il-Wirja 'Iċ-Ċaħda 2024' — Matthew Gauci - Segretarju, Kummissjoni Żgħażagħ ....90
Aktar Stejjer minn Selmun — Jeffrey Sammut ....91
Lasting First Impressions — Amanda Jenkins ....100
L-Ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tal-Constitutional Club - Mellieħa: Il-Constitutional Club - Mellieħa (1924-1929) – Jimmy Muscat ....102
Fil-Festa 2024 — Philip Borg ....104
Bond of Friendship Tour 2024 — Sandra Lane & Vivienne Astall ....105
Il-festi Maltin – wirt uniku u prezzjuż — Professor George Cassar ....108
Bidu Mużikali mal-Għaqda Mużikali Imperial — Mariette Borg ....110
Dati Importanti fl-Istorja tal-Mellieħa — Mario Fenech ....112
Dance is the hidden language of the soul — Pippa Roberts ....114
Ir-raħal tal-melħ — Evarist Bartolo ....115
Inċidenti li seħħew fil-Mellieħa fl-ewwel xhur tal-1944 - Marzu-April 1944 — Charles Debono - Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ....116
Il-Bumbarda — Joseph F. Cachia ....118
Il-Granmastri li bnew il-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa u l-inħawi — David Bartolo ....120
Looking Ahead: An EU Citizen's Approach — Professor Stephen Calleya ....123
Marija Mudell ta' Interċessjoni: Minn Kana sas-Santwarju tal-Mellieħa — Rev. Dun Karl Andrew Schembri ....124
Tifkiriet... Il-Mawra tal-Banda Imperial f'Adenau il-Ġermanja ....126
Mellieħa Festa and The Imperial Band Club: an Expatriate's Perspective — Rob Parry ....134
Għad-Dell tas-Santwarju — Ġanni Camilleri ....135
Qisu ma ġara xejn (Il-bniedem Malti jeħtieġ japprezza l-wirt naturali u kulturali) — Paul P. Borg ....136
Min Irreklama f'din il-Pubblikazzjoni ....140

G3 GROUP

The G3 Group operates hotels, bars, restaurants, and wellness centres in the North of Malta. We prioritize trust, autonomy, availability, and meticulous attention to detail. With Maltese hospitality at our core, our mission is to extend exceptional care to every guest, visitor, and team member.

HOTELS | BOUTIQUE ACCOMMODATION | BEACH RESORT











PERGOLA HOTEL AND SPA

SOLANA HOTEL AND SPA

DOMS boutique living

DOMS brasserie

Palm Beach

SQUARE GASTRO BAR

Discover more on **www.g3.com.mt**

FOOD & BEVERAGE OUTLETS | SPA & WELLNESS CENTRES







tòsca | THE PRICKLY PEAR | Da Ciccio cucina | CAVE BAR | Topdeck | NATARAYA day spa & wellness

G3 Group | Adenau Street, Mellieħa, Malta | (+356) 2152 3913 | info@g3.com.mt | www.g3.com.mt



# L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena

**Josef Borg**
*President*



Nagħti merħba lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktejjeb li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. Il-festa ta' Marija Bambina, jgħaddi kemm jgħaddi żmien, tibqa' l-isbaħ żmien tas-sena li jkun tant mistenni mill-Melleħin kollha għax kulħadd jingħaqad flimkien biex niċċelebraw u nieħdu pjaċir bħala komunità. Issa aktar minn qabel, wara li l-festa tradizzjonali Maltija ngħatat l-għarfien bħala Wirt Kulturali Intanġibbli tal-UNESCO, għandna nkomplu naħdmu aktar biex din it-tradizzjoni nkomplu nsaħħuha u nkabbruha b'dawk l-elementi kollha li veru jiddistingwixxu l-identità Maltija fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna.

Din is-sena jaħbat il-125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa, li hija meqjuma b'għożża kbira fis-Santwarju Nazzjonali li huwa ddedikat għaliha. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa tmur lura mijiet ta' snin, u matul is-snin ħafna persuni Melleħin kif ukoll minn madwar Malta kollha talbu l-interċezzjoni u l-għajnuna tagħha, biex tgħinhom f'mumenti diffiċli. Għal dawn il-festi ċentinarji kienu organizzati diversi attivitajiet li jfakkru dan l-anniversarju. L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem attiv f'dawn il-festi ċentinarji kemm bil-banda kif ukoll bis-sehem tal-kor. Fil-21 ta' Settembru 2024, l-Għaqda Mużikali Imperial, biex tfakkar dan l-anniversarju hekk importanti għall-komunità Melleħija, ser ittella' oratorju ddedikat lill-Madonna tal-Mellieħa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Dan l-oratorju għandu kliem il-mibki Jimmy Muscat u bintu Eleanor Vella, filwaqt li l-mużika hija ta' Carl Borg u Geoffrey Thomas.

Din is-sena il-Parroċċa tal-Mellieħa kienet onorata li wieħed minn uliedha, Reverendu Karl Andrew Schembri, kien maħtur saċerdot. Minn qalbi għan-nom tas-soċjetà, nifraħ lil Fr Karl u nawguralu ħidma qaddisa. Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, il-Banda Imperial flimkien mal-Banda La Vittoria akkumpanjaw lil Fr Karl bid-daqq ta' marċi brijużi mill-Bitħa tas-Santwarju sal-Knisja Parrokkjali, fejn wara saret quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ħatra saċerdotali. Mill-ġdid awguri Fr Karl, nifirħu mal-familjari tiegħek u nżommuk dejjem fit-talb tagħna.

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju 2024 saru l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali li fihom ġew eletti d-disa' persuni li ser jiffurmaw l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għas-snin li ġejjin. Nifraħ lis-Sindku Gabriel Micallef, lil Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri flimkien mal-kunsilliera kollha eletti. L-Għaqda Mużikali Imperial, bħalma sar dejjem fil-passat, ser taħdem mal-kunsill lokali elett biex ikollna Mellieħa dejjem aħjar. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sur Dario Vella, is-sindku preċedenti, flimkien mal-kunsill lokali li kien imexxi għall-ħidma li huma wettqu b'risq il-Mellieħa.

Din is-sena saret il-ħatra ta' kumitat direttiv ġdid li ser imexxi s-soċjetà għal dawn is-sentejn li ġejjin. Kienet iffurmata wkoll Kummissjoni Żgħażagħ biex tkompli l-ħidma tagħha u tkun ta' għajnuna għall-Kumitat Direttiv, filwaqt li l-ħatra tal-Kummissjoni Banda u Kor ser issir wara l-festa ta' Marija Bambina. Għaqda dinamika trid issostni l-ħidma tagħha bil-parteċipazzjoni ta' ħafna persuni flimkien. Nirringrazzja lil ħafna nies li qed joffru l-ħin tagħhom biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkun tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Is-sena li għaddiet saru proġetti ta' tisbiħ fil-bar tal-każin u fuq il-faċċata. Dan ix-xogħol ta dehra isbaħ lill-każin u llum dan kollu qed jitgawda mill-membri u dawk kollha li jiffrekwentaw il-każin.

Mill-bidu ta' din is-sena, wara sejħa għall-offerti, kellna tmexxija ġdida fil-bar tal-każin. Bħala kumitat ninsabu sodisfatti li bis-servizz li qed jingħata mill-bar tal-każin u bl-investiment li sar, ħafna aktar persuni qed jiffrekwentaw il-każin. Nixtieq nirringrazzja lil Joseph u Svitlana li jmexxu

l-bar tal-każin u lill-ħaddiema tagħhom għas-servizz li huma jagħtu lill-membri u l-klijenti kollha li jiġu ġewwa l-każin.

It-tagħlim tal-mużika żgur li jrid ikun ta' prijorità f'soċjeta mużikali. Il-banda u l-kor huma ċ-ċentru tal-ħidma fil-każin u dan jingħata prijorità mill-Kumitat Direttiv. Minkejja l-investiment li sar biex insebbħu l-każin, komplejna nsaħħu u ntejbu t-tagħlim tal-mużika. It-tagħlim tal-mużika miexi tajjeb u fi ftit żmien ieħor nibdew naraw il-frott tal-ħidma li saret. Ma waqafniex hawn, imma komplejna nżidu l-ħidma tagħna fit-tagħlim tal-mużika. Il-Proġett 'Bidu Mużikali' mill-Għaqda Mużikali Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Żagħżagħ flimkien mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, bħala parti mill-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2024'. Qed isir tagħlim tal-mużika b'xejn għat-tfal u ż-żgħażagħ minn erba' snin 'il fuq biex inkomplu nħajru aktar persuni jitgħallmu l-mużika u jdoqqu strument ħalli l-banda tagħna tkompli miexja 'l quddiem.

Nirringrazzja lil dawk kollha li b'mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna biex inkomplu mmexxu l-għaqda tagħna 'l quddiem. Saru ħafna proġetti u hemm oħrajn li huma ppjanati fil-futur qarib. Iżda l-aktar proġett importanti u ta' ġid li nemmen li kull għaqda għandha bżonn huwa l-voluntiera li mingħajrhom żgur li l-ebda għaqda ma tista' timxi 'l quddiem.

Grazzi lil kulħadd u nawguralkom il-festa t-tajba.

*Żuru s-sit elettroniku tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana b'*e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**



# Kumitat Direttiv
## 2024-2025



*President*
Josef Borg

*Viċi President*
Spiridione Grech

*Segretarju Ġenerali*
Prof. John Baptist Gauci

*Assistent Segretarju Ġenerali*
Steven Fenech

*Segretarju Finanzjarju*
Anthony Schembri

*Assistent Segretarju Finanzjarju*
Alfred Xuereb

*Direttur*
Clayton Vella

*Assistent Direttur*
Carmel Debono

*Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi*
Damian Vella

# Kummissjoni Banda u Kor



*Wara mix-xellug: Samuel Borg, Ryan Micallef, Isaac Borg*
*Quddiem mix-xellug: Clayton Vella (Segretarju), Mro Anthony Borg (Chairperson), Carmen Schembri*
*Neqsin mir-ritratt: Mariella Barbara, Marvic Battistino*

# Kummissjoni Żgħażagħ



*Wara mix-xellug: Samuel Borg, Nikolai Mangion, Isaac Borg*
*Quddiem mix-xellug: Matthew Gauci (Segretarju), Ryan Micallef (Chairperson)*

BILLY'S




113, George Borg Olivier Street,
Mellieha MLH 1020, MALTA

Tel: (+356) 21 523 676
(+356) 21 523 784

Mob: (+356) 9949 7575
(+356) 9942 7575

www.billyscarhire.com
info@billyscarhire.com

CHAUFFEUR SERVICE | CAR HIRE | HOLIDAY HOMES



# Ngħollu isem il-Mellieħa Flimkien

**Gabriel Micallef**
*Is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa*



Huwa ta' gost u sodisfazzjon għalija li bħala Sindku tad-Disa' Kunsill Lokali tal-Mellieħa, permezz tal-ktejjeb tal-Għaqda Muzikali Imperial, qiegħed għall-ewwel darba f'din il-leġiżlatura, inwassal il-messaġġ tiegħi lill-Melliħin kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

L-Għaqda Muzikali Imperial hija waħda, mal-kumplament tat-tliet għaqdiet mużikali, li toffri spazju sħiħ lill-membri tagħha biex jikbru u jimirħu mużikalment. Huwa ta' sodisfazzjon kbir meta tara l-frott tal-ħidma tal-għaqda jsarraf f'benefiċċju kbir għall-komunità u sodisfazzjon akbar meta tara s-sehem sħiħ tal-għaqda matul is-sena kollha li jkompli juri l-ħidma siewja tal-volontarjat fil-qasam mużikali.

Matul is-snin qed naraw kif il-kalendarju kulturali fil-lokalità tagħna qed jikber u jissaħħaħ b'serje ta' inizjattivi ġodda u innovattivi li jkomplu jżidu l-valur miżjud tal-lokalità, isaħħu s-sens ta' komunità u s-sodisfazzjon. Ta' min jinnota li l-Għaqda Mużikali Imperial mhux biss toffri impenn mużikali u kulturali, imma anke soċjali fost is-sostenituri u ammiraturi tal-istess għaqda. Dan jawgura tajjeb biex ikollna soċjetà aktar inklussiva u attiva.

Nirringrazzja lid-diriġenti tal-Għaqda Mużikali Imperial, is-Surmast Direttur, l-għalliema, il-kummissjonijiet, il-kor, bandisti u allievi tas-sehem tagħhom u tal-impenn fil-qasam tal-volontarjat biex l-aspett kulturali fil-lokalità tagħna jkompli jimxi 'l quddiem. Intom sors ta' ispirazzjoni u ta' inkoraġġiment biex aktar membri tal-lokalità tagħna jkunu parti mill-komunità. Radd ta' ħajr għall-ħidma sfiqa tagħkom.

Bħala Kunsill Lokali tal-Mellieħa hija prijorità tiegħi li flimkien magħkom naħdmu biex mhux biss nattwaw imma nkun sors ta' appoġġ u hekk inkomplu ngħollu isem il-lokalità tagħna – il-Mellieħa – li tant hi għal qalbna. Persważ li dan is-sens ta' koperazzjoni bejn il-kunsill u l-għaqdiet kollha se jkompli jitkattar u jikber fix-xhur u snin li ġejjin biex finalment tgawdi l-komunità Melleħija.

Lest li, safejn nista', nibqa' nagħmel ħilti kollha sabiex nara lill-Mellieħa u dak kollu assoċjat magħha dejjem aħjar. Persważ li dan huwa l-għan tal-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ukoll u nirringrazzjakom talli tagħmlu ħilitkom kollha biex tkomplu tmexxu din l-għaqda 'l quddiem.

Jalla bħas-snin ta' qabel ikollna festa akbar u sabiħa ad unur il-patruna għażiża tagħna Marija Bambina. F'ismi, f'isem sħabi l-kunsilliera u f'isem l-istaff tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa nawgura lill-membri u l-familji tagħkom kif ukoll lill-Melleħin kollha l-festa t-tajba.

Viva Marija Bambina.

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd

# IMPERIAL Terrace




Imperial Band Club
7, Misrah il-Parrocca, Mellieha
Tel: 7924 4141
www.imperialterrace.mt




# PARIS

## WITH ROCS TRAVEL

**MALTA'S ONLY CHOICE TO PARIS**

We are honoured to say that more than 60,000 Maltese passengers have chosen ROCS Travel when travelling to Paris in the past 13 years.

In turn, ROCS Travel has guaranteed not only the very best package prices on the local market, yet also outstanding itineraries including better accommodation and fun-filled experiences, together with the most knowledgeable tour managers. Our experience in handling all these clients, guarantees a most memorable holiday.

Don't just take our word for it, ask all those who have travelled to Paris with ROCS Travel.

**PACKAGE PRICES STARTING FROM**

**€249 PER PERSON**

**OVER 100 DEPARTURE DATES TO CHOOSE FROM**

**CONTACT US TODAY TO BOOK ONE OF OUR DEPARTURE DATES DURING 2024 FOR YOUR UNFORGETTABLE PARIS HOLIDAY.**

ROCS TRAVEL OFFICE, ST. ANNE STREET, FLORIANA | WWW.ROCSHOLIDAYS.COM
EMAIL: TRAVEL@ROCSMAIL.COM | CALL: +356 2015 1515 | WHATSAPP: +356 7766 8833



# Messaġġ mill-Arċipriet

**Kan. Dun Joe Caruana**
*L-Arċipriet*



Sena wara sena niċċelebraw il-festi tagħna. Mhux talli hekk imma talli qisu li kull sena rridu nkabbru l-festa, nagħmlu xi ħaġa ġdida, xi ħaġa aktar mis-snin ta' qabel. Nistħajjel lil xi wħud isaqsu: X'hemm ħażin f'dan? Mhux ħaġa sabiħa li nkabbru u nsebbħu l-festa? Aktar minn hekk, il-festi Maltin ġew dikjarati parti mill-wirt dinji u vetrina mill-isbaħ għat-turisti biex igawdu parti mill-kultura tagħna. Tant huma marbutin mill-qrib mal-kalendarju ta' kull sena li nistgħu nqisuhom parti mill-identità tagħna. M'hemm xejn ħażin f'dan jekk kemm-il darba jiġu osservati ċerti linji gwida.

- **Li nkomplu nżommu fl-ewwel post ir-raġuni ewlenija tal-festa.**
  Ir-raġuni tal-festi tagħna hi biex nagħtu ġieħ lill-patrun jew patruna tal-parroċċa tagħna. Il-festa hi prinċiparjament reliġjuża imma peress li aħna bnedmin tad-demm u l-laħam, apparti minn erwieħ spiritwali, allura matul iż-żminijiet żdiedu elementi umani biex niċċelebraw b'mod sħiħ, ġisem u ruħ. Id-diffikultà hi li dan l-aħħar qed jiġi injorat minn ħafna l-għan reliġjuż tal-festa. Tista' tgħid li l-biċċa l-kbira ta' dawk li jiċċelebraw il-festi ftit li xejn jimpurtahom minn x'qed isir fil-knisja. Żgur li ħafna lanqas biss jindenjaw ruħhom jittawlu l-knisja, aħseb u ara kemm jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru u jippruvaw isiru aktar midħla tal-virtujiet tal-patrun/a u jippruvaw jimitawhom biex hekk il-festa sservihom biex jikbru fil-ħajja Nisranija tagħhom, li wara kollox hu l-iskop ewlieni li aħna bħala Knisja niċċelebraw il-festi tagħna. Dan iwasslek biex issaqsi lilek innifsek: la dan l-iskop qed jintilef daqshekk, għad baqa' żmien li bħala knisja niċċelebraw dawn il-festi? Lil min ikun qed jorganizzahom jiswewlu ħafna wġigħ ta' ras, ħela ta' ħin u ta' riżorsi li faċli ssib kif tużahom aħjar. Barra minn hekk, min irid igawdi l-element tal-festi ta' barra, baned, nar u armar, illum m'għadx hemm bżonn jistenna l-festa tal-parroċċa – inħolqu ħafna okkażjonijiet oħra matul is-sena ċivika li qed joffru dawn l-ispettakli. Mhux hekk biss, imma sikwit dawn il-festi jispiċċaw okkażjoni għal abbużi minn droga, xorb alkoħoliku u fi sfrattu ta' familji. Mhux talli ma jkabbrux lil dak li jkun fit-tajjeb imma talli jkunu kawża tal-ħażin.

- **Li ma nkunux sproporzjonati fil-mod kif niċċelebraw għax kull sproporzjon jirredikola dak li nkunu qed nagħmlu**. Li tara xi ġenituri li jagħmlu party għall-praċett tat-tifel jew tifla qisu t-tieġ tagħhom iwassluk biex titħassar lit-tifel/tifla u tirredikola lill-ġenituri. Il-festi ta' barra splodew b'mod fenominali. Il-festa li qabel kienet tiġi ċċelebrata fuq tlett ijiem, illum qed tieħu ħmistax jekk mhux iżjed ukoll. Dan iwassal li kollox isir bi sforz u tqanżiħ. F'diversi parroċċi l-armar, il-banda u n-nar m'għadhomx mod kif in-nies inġenerali tieħu pjaċir imma kif ftit dilettanti jimponu l-gosti tagħhom fuq ħaddieħor, iridu jew ma jridux. Barra minn hekk is-somom enormi ta' flus li jintefqu hu skandlu fir-raġunament Nisrani quddiem il-fatt li hawn tant u tant nies nieqsa minn dak li hu essenzjali għall-eżistenza tagħhom. Hekk festi suppost bażikament spiritwali jsiru daqqa ta' ħarta tal-arroganti f'wiċċ min hu fil-bżonn li kważi kważi b'inkejja jisparpalja tant f'dak li hu tassew sekondarju.

- **Li dak li nagħmlu ma nagħmluhx b'pika**. Mhux l-ewwel darba li pika minn dawk li jkunu qed jieħdu sehem twassal għal tilwim u ġlied. Tiġi l-festa u minflok tiswa biex dak li jkun jiltaqa' u jieħu gost flimkien, u forsi wkoll jekk kien hemm xi nuqqas ta' ftehim jitranġa fl-okkażjoni tal-festa, isir eżattament bil-kontra.

Bil-Malti ngħidu: "il-piki jaqtgħu l-aptiti". Altru li hu hekk.

Tgħiduli: Allura int taħseb li m'għadx baqa' żmienhom il-festi? Baqa' żmienhom u kif, għax il-bniedem jeħtieġ ħin fejn jistrieħ u jieħu pjaċir. Imma bħal kull ħaġa oħra jeħtiġilna li nidderiġuhom aħna mhux inħalluhom jiġru bina huma. Karozza misjuqa tajjeb twasslek bis-sewwa fid-destinazzjoni fejn trid tasal, imma karozza misjuqa ħażin twasslek jew dritt għal ġol-ħajt, jew żaqqek 'il fuq l-isptar jew taħt iċ-ċipress taċ-ċimiterju. Ejjew issa, waqt li għadna fiż-żmien, ma nħallux li l-festi tant jitilfu s-sens tagħhom li jispiċċaw biex imutu mewta naturali jew jiġu mwaqqfa, imma nibżgħu għalihom u nidderiġuhom sewwa ħalli nkunu nistgħu nibqgħu ngawduhom għal ħafna aktar.

Il-festa t-tajba.

***Inħeġġu lil kulħadd***
***jattendi l-funzjonijiet reliġjużi***
***u jersaq għas-Sagramenti***
***tal-Qrar u t-Tqarbin***
***b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***







epc
Buy online at
www.epc.com.mt
One Stop Shop for all your IT needs!
MELLIEHA SHOP
26 Sant Elena Street,
Mellieha
Tel: 21525280 Mob: 79043333
Email: sales@epc.com.mt
BACK To School
OFFERS


fieldsports
Shooting Sports & The Outdoor Life
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF THE WORLD'S LEADING BRANDS
HAND GUNS - SHOTGUNS - RIFLES - AIR GUNS - AMMUNITION - SCOPES - KNIVES - FOOTWEAR - EYEWEAR - CLOTHING - ACCESSORIES
Shop: 21/22 Parish Square, Mellieha. Telephone: 21523036. Email: info@fieldsportsmalta.com. Website: www.fieldsportsmalta.com.
Benelli
BERETTA
BROWNING
COLT
Perazzi
GAMO
FIOCCHI
Rizzini
B&P Baschieri&Pellagri
WINCHESTER
EOTech
GLOCK
Blaser
BUCK KNIVES
Aimpoint
CCI
meopta
NEXTORCH

PARADISE BAY
RESORT

# EVENTS

## *SERVICE FOR EVERY OCCASION*










**Weddings | Conferences | Birthdays | Graduations | Baptism | Holy Communion | Confirmation**

***Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.***

+(356) 2289 5000

events@paradise-bay.com



# Is-serjetà fl-għaqdiet volontarji

**Prof. John Baptist Gauci**
*Segretarju Ġenerali*



L-għaqdiet volontarji, fosthom is-soċjetajiet mużikali, fil-biċċa l-kbira minnhom bdew bħala grupp ta' nies b'għan komuni li ddeċidew li jibdew iqattgħu l-ħin liberu tagħhom flimkien biex, fil-kumpanija ta' xulxin, jagħmlu xi ħaġa li minnha seta' jibbenifika l-istess grupp u/jew il-komunità inġenerali. Kienu strutturi sempliċi: kumitat elett mill-membri li kellu jaħdem biex jieħu l-għaqda fid-direzzjoni li jixtiequ l-membri. Minkejja din is-sempliċità apparenti, is-soċjetajiet mużikali li ffurmaw fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu vuċi tal-popolin meta dan ma kellux vuċi, kienu l-benniena tad-demokrazija meta din ma kinitx mħaddna, kienu joffru drittijiet lil min ma kellux, kienu postijiet li jxerrdu l-edukazzjoni meta t-tagħlim ma kienx għal kulħadd, kienu joffru opportunità ta' żvog meta l-ħajja kienet iktar iebsa. U dawn l-istess rwoli għadhom jaqduhom sal-lum il-ġurnata, anke jekk is-soċjetà avvanzat u l-ħajja tal-poplu għaddiet minn bidliet drastiċi. Sabiex jibqgħu adekwati maż-żmien, kellhom iżda jaddattaw ruħhom u dawk li ma rnexxilhomx jagħmlu hekk, mietu mewta naturali.

Il-bidliet li kellhom jaddattaw ruħhom għalihom kienu diversi. Mhux se nsemmi sfidi tal-antik, mhux għax m'għandhomx importanza jew għax ma kinux serji, imma sempliċiment għax l-ispazju hawnhekk hu limitat u iktar nixtieq nindirizza r-realtajiet tal-lum. Se niffoka b'mod speċjali fuq dik l-isfida li nqis li għandha rwol ċentrali fil-preżent: il-bżonn tas-serjetà f'dak kollu li jagħmlu dawn l-għaqdiet, sew jekk hi fit-tmexxija, fl-attivitajiet li jkunu organizzati, u fl-edukazzjoni li joffru. Naħseb li din is-serjetà li biha noperaw hi obbligu lejn dawk kollha li mmissu magħhom u jmissu magħna, sew jekk huma l-membri stess tal-għaqda tagħna, il-mużiċisti tagħna, l-istudenti u l-ġenituri li jafdawna bl-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħhom, dawk kollha li jattendu għall-attivitajiet li norganizzaw, u l-istituzzjonijiet kollha li magħhom naħdmu tul is-sena.

Bħala segretarju ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial, is-serjetà fit-tmexxija hi element li jien direttament u personalment responsabbli għalih. Din tfisser, l-ewwel u qabel kollox, trasparenza f'dak kollu li nagħmlu. Dan jaf iġib miegħu ħafna burokrazija, li għad li jien l-ewwel wieħed li ngerger dwarha meta din tkun eċċessiva, nifhem ukoll l-importanza tagħha. Wieħed ma jistax jinsa li għaqda volontarja bħal tagħna llum għandha l-opportunità li tibbenifika minn fondi pubbliċi u tal-Unjoni Ewropea, fondi li jafu jlaħħqu l-għexieren ta' eluf, u dan iġib miegħu obbligi li jmorru lil hinn minn dawk morali – huma obbligi legali li ma tistax tonqos minnhom. Tmexxija tajba tgħin biex l-għaqda tikseb fiduċja mhux biss mingħand dawk l-aġenziji li jamministraw il-fondi, imma wkoll mingħand is-soċjetà inġenerali. Dan hu dak li titlob is-serjetà!

In-nies illum għandhom minn fejn jagħżlu u fil-maġġoranza tagħhom jafu jagħżlu b'mod għaqli. Għadda ż-żmien li n-nies tattendi xi attività sempliċiment għax hi organizzata mill-'każin tagħna'. Illum in-nies tfittex valur f'dak li tattendi għalih. Hu għalhekk obbligu tagħna li l-attivitajiet li norganizzaw joffru dan il-valur, sew jekk hu kunċert mużikali, sew xi serata edukattiva, imma wkoll sempliċiment ikla. Kemm se ddum tattendi għall-istess tip ta' kunċert, taħdita jew ikla! Il-poplu llum għandu mitt mod kif jista' jaljena ruħu mill-ħajja u għalhekk ma nkunux qed naqdu dmirna sew jekk aħna wkoll inżidu ma' dawn is-sorsi ta' aljenazzjoni. Anzi, għandna naraw kif innaqqsu l-aljenazzjoni billi nedukaw. U bħala edukatur, l-edukazzjoni tilgħab irwol ċentrali f'dak li jsawwar il-ħsieb personali tiegħi. Hu wkoll għalhekk li nemmen bis-sħiħ li rridu noffru opportunità ta' edukazzjoni fi kwalunkwe attività li ntellgħu. Hu obbligu tagħna li nagħmlu hekk. Forsi jkun hawn min ma jifhimx mill-ewwel din id-direzzjoni, imma

rridu nkunu aħna l-pijunieri li nimbuttaw f'din id-direzzjoni, forsi xi kultant kontra l-kurrent. Wara kollox, anke missirijietna kellhom jaqdfu kontra l-kurrenti ta' żminijiethom biex wasslu l-għaqdiet tagħna sal-lum. Naħseb u nemmen li l-Għaqda Mużikali Imperial ilha li fehmet dan l-obbligu li għandha. Dan hu dak li titlob is-serjetà!

Edukazzjoni mużikali tal-aqwa livell hi ukoll il-filosofija li nħaddnu u nippromwovu bħala għaqda. L-investiment fit-tagħlim jibqa' l-prijorità tagħna – investiment fi strumenti ġodda u l-aktar adattati għat-tagħlim, investiment fl-infrastruttura li fiha nagħtu t-tagħlim, u fuq kollox investiment fl-għalliema tagħna – dan kollu jsarraf f'investiment fl-istudenti tagħna u l-mużiċisti tagħna. Il-proċess ta' tiġdid fit-tagħlim li bdejna tul l-aħħar ftit snin u li ktibt fuqu fis-snin preċedenti għaddej b'ritmu tajjeb. Tul dawn l-aħħar ġimgħat għamilna pass ieħor f'din id-direzzjoni, anke grazzi għall-fondi li ksibna bħala parti mill-proġett "It-taħriġ mużikali taż-żgħażagħ fil-każini tal-banda 2024" amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Dan billi nedejna klassijiet ta' introduzzjoni mużikali għal dawk it-tfal u ż-żgħażagħ minn erba' snin 'il fuq (u l-ġenituri tagħhom) li jew jixtiequ jieħdu biss togħma tal-edukazzjoni mużikali jew li forsi għadhom ma ddeċidewx jekk il-mużika tgħoddx għalihom jew le. Il-pjan hu li nkomplu għaddejjin b'dawn is-sessjonijiet b'mod regolari sabiex noffru opportunità oħra differenti ta' tagħlim lill-komunità li tmur lil hinn minn dak li qatt offrejna s'issa jew li konna mdorrijin bih. Dan hu dak li titlob is-serjetà!

Għaqdiet volontarji serji huma s-sinsla tas-soċjetà. Mingħajrhom pajjiżna ma jistax ikompli jimxi 'l quddiem. Hu dmirna li nħarsuhom, nindukrawhom u nsaħħuhom, għalina u għal dawk kollha li ġejjin warajna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial.*

**J. Vella**

**Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.**

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**

ta' titta
confectionery

152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa

Mob: 79366078






Multiple Destinations, Unique Experiences.

**one80.com.mt**

one80 KITCHEN • LOUNGE MELLIEĦA

one80 ST. CHRISTOPHER STR. VALLETTA

one80 KITCHEN AT MGARR YACHT MARINA, GOZO

IX-XATT AT one80 DRINKS · SNACKS

one80 IZAKAYA · 居酒屋

ember at sea ROBATA GRILL BY ONE80

# welbee's
supermarket



# IL-FESTA T-TAJBA!

## WE ARE ON WOLT

Wolt

GET YOUR GROCERIES DELIVERED
WITH JUST A FEW TAPS

**WELBEE'S MELLIEHA**
Triq Il-Kbira
Il-Mellieha

**TELEPHONE:**
2152 3192

**EMAIL:**
mellieha@welbees.mt

**OPENING HOURS:**
Monday to Sunday



## NOW WITH BIGGER CASHBACK* OFFERS

| SPEND €50 | SPEND €100 | SPEND €150 | SPEND €200 | SPEND €300 |
|---|---|---|---|---|
| €3 CASHBACK | €8 CASHBACK | €11 CASHBACK | €16 CASHBACK | €24 CASHBACK |

EVERY OTHER €100 GET +€8 CASHBACK

sliema - balluta - mellieħa - naxxar - st.julian's
st.venera - paceville - qawra - campus hub - shoreline



# Il-baned u l-impatt tagħhom

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*



Huwa diffiċli li wieħed jipprova jimmaġina l-ħajja fl-ibliet u l-irħula tagħna mingħajr il-każini tal-banda, speċjalment meta tkun ġej minn raħal jew belt fejn għal każin tal-banda wieħed, ikun hemm tnejn jew saħansitra tlieta. L-attività li jiġġeneraw dawn il-każini hi waħda kbira u mhux lakemm wieħed jinjoraha. Trid tqis li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-każini huma attivi s-sena kollha u mhux biss f'xi staġun partikolari. Minn kunċerti għall-pubbliku, wirjiet b'temi partikolari, u diversi attivitajiet oħra – dejjem għaddejjin minn attività għall-oħra. Iżda ovvjament, il-qofol tal-attivitajiet ta' kull każin jintlaħaq fil-jiem tal-festa tar-raħal jew belt rispettiva. L-attivitajiet jibdew minn tista' tgħid ħmistax qabel – bejn programmi mużikali u marċi mat-toroq tal-lokalità, l-attività ma taqta' kważi xejn. Hawn wieħed ta' min jieqaf ftit u jirriffletti – min qed jiggwadanja minn din l-attività kollha li jiġġeneraw il-każini tal-banda?

L-ewwel u qabel kollox hemm il-membri stess tal-għaqdiet u l-komunità inġenerali. Dawn l-attivitajiet jagħtu l-ħajja lil-lokalità, iżommu l-poplu impenjat billi joffrulu attivitajiet ta' interessi varji. Komunità attiva hi komunità iktar b'saħħitha, dinamika u magħquda, waħda li tippromwovi s-sens ta' appartenenza fost il-membri tagħha. Mingħajr dawn l-attivitajiet, ikun hemm xi ħaġa nieqsa u jinħass il-vojt. Biżżejjed wieħed iwaddab ħsibijietu għal ftit tas-snin ilu meta l-pandemija tal-COVID-19 ma ħallietx dawn l-attivitajiet iseħħu – il-vojt li nħass kien wieħed reali u sinifikanti.

Mill-attività li jiġġeneraw l-għaqdiet mużikali tiggwadanja wkoll il-komunità kummerċjali tal-belt jew raħal, u tal-pajjiż kollu b'mod iktar wiesa'. Nistgħu nħarsu lejn dan l-impatt minn żewġ lentijiet – it-turiżmu estern u dak intern. Mhumiex ftit dawk it-turisti li jiġu jżuru pajjiżna biex jesperjenzaw il-festi tradizzjonali tagħna. L-industrija tat-turiżmu hi pilastru għall-ekonomija ta' pajjiżna u għalhekk il-każini tal-banda qed jikkontribwixxu mhux ftit biex din l-industrija tkompli tissaħħaħ. Bi pjaċir ninnota li l-Awtorità tat-Turiżmu f'dawn l-aħħar snin għarfet dan il-kontribut u l-għajnuna finanzjarja li l-għaqdiet mużikali, fosthom l-Għaqda Mużikali Imperial, irċevew jirriflettu dan kollu. It-turiżmu intern ukoll iħalli effett kbir fuq il-ħwienet, ristoranti u lukandi fil-lokalità. Hu fatt magħruf li d-dilettanti tal-festa f'Malta huma bosta, u dawn ukoll iħallu impatt finanzjarju fuq il-komunità kummerċjali tal-ibliet u l-irħula tagħna.

Hawnhekk forsi ta' min jinnota li, għad li l-għaqdiet mużikali qed jgħinu bis-sħiħ lill-komunità kummerċjali tal-belt jew raħal tagħhom, din l-għajnuna mhux dejjem tkun reċiprokata. Ma rridx nitfa' lin-negozji kollha fl-istess keffa għax ma nkunx ġust. Iżda ftit huma dawk in-negozji li jirrikonoxxu b'mod adekwat l-effett li jħallu fuqhom l-attivitajiet organizzati mill-għaqdiet mużikali b'mod speċjali fil-jiem tal-festa.

Tajjeb li kieku dawn iroddu lura lill-baned xi ftit minn dak li jirċievu, mhux biss bħala għajnuna finanzjarja, imma anke sempliċiment b'xi ġest ta' rikonoxximent għax-xogħol tal-baned. Tweġġa' meta tara każijiet li waqt li banda għaddejja bil-marċ minn quddiem xi bar, dan ikollu l-mużika miftuħa beraħ tant li kważi kważi tidfen il-banda. Jew inkella waqt li jkun għaddej programm mużikali, ikun hemm xi stabbiliment li jtellef bl-istorbju eċċessiv li jkun qed jiġġenera. Bi pjaċir ninnota li dawn il-każijiet ma jseħħux f'raħalna, imma ta' min wieħed iżomm għajnejh miftuħa għax kif iseħħu f'lokalitajiet oħra, jistgħu faċilment jidħlu fil-Mellieħa wkoll.

Qabel nagħlaq nixtieq minn hawnhekk nirringrazzja lil kull min ta u għadu jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex il-każin tagħna jista' jibqa' għaddej fit-triq li qabad tul dawn l-aħħar snin. L-għajnuna tagħkom tkompli tgħinna biex nibqgħu norganizzaw attivitajiet tul is-sena kollha li jkunu ta' fejda għall-poplu Mellieħi u għal dawk kollha li jżuruna minn barra minn raħalna u minn lil hinn minn pajjiżna. Grazzi mill-qalb!

Nawgura l-festa t-tajba lill-anzjani, l-emigranti u l-Melleħin kollha.



# Sena ta' Ħidma

**Clayton Vella**
*Direttur*



Għaddiet sena oħra u qisu lbieraħ li kont qed inħarbex dawn l-erba' versi għal fuq il-magażin li l-Għaqda Mużikali Imperial toħroġ ta' kull sena għall-festa ta' Marija Bambina. Iż-żmien sar itir kif jgħidu, jew aħjar, ngħidu li l-ħajja saret wisq mgħaġġla li l-ħin jidher qed jgħaġġel iktar għad li fil-verità l-arloġġ l-istess għadu jdur; il-bniedem għadu ma sabx tarf kif ibiddel dak ukoll!

Il-ħidma ġewwa l-każin baqgħet dejjem għaddejja u hekk kif għaddiet il-festa ta' Marija Bambina, kien imissna l-festa tal-Madonna tas-Santwarju. L-appaltatur tal-bar kien kellimna illi kien ser jagħmel sal-bidu tas-sena u jieqaf, u allura hekk kif bdiet is-sena l-ġdida, bdejna nitkellmu fuq il-loġistika ta' kif ser jinbidlu l-fridges tal-bar. Il-każin kien applika taħt skema tal-enerġija biex jinbidlu l-fridges biex ikunu iżjed moderni u jaħlu inqas enerġija. Din ma kinitx xi biċċa xogħol faċli għax ma tistax ssir waqt li l-bar ikun qed jopera u allura kien il-mument opportun biex meta waqaf l-appaltatur u qabel beda l-ieħor, proprjament billejl, inqagħlet il-faċċata tal-bar eżistenti bil-galbu u nqalgħu l-fridges l-antiki. Għaddejna servizzi tal-ilma u dawl ġodda, daħħalna l-fridges f'posthom u reġgħet bdiet tinbena l-istruttura tal-faċċata tal-bar. Dan ix-xogħol sar kollu b'mod volontarju mill-membri tal-għaqda tagħna. Ma' dan l-istess proġett kellna t-tibdil tad-dawl tal-faċċata. Dan issa jinsab lest ukoll u ġie jikkumplimenta lill-faċċata, kif ukoll parti mid-dawl il-ġdid hija *RGBW rope light*, allura, nistgħu nbiddlu l-kulur skont x'okkażjoni tkun ġejja u l-faċċata tista' tinxtegħel f'partijiet differenti skont l-okkażjoni.

Issa li s-sular tal-bar ġie pjan miftuħ bdiet tinħass il-ħtieġa li ssir l-arja kundizzjonata kif ukoll suffitt. Kollox hu sabiħ li jsir imma kollox irid isir bil-galbu. Biex issir l-arja kundizzjonata jrid jinbidel is-servizz tad-dawl biex ikun hemm iżjed amperaġġ, għax kif aħna bħalissa s-sistema ma tiflaħx għal sala oħra bl-arja kundizzjonata. Dan ikun diffiċli biex tfiehem lill-membri u nies oħra li jiġu l-każin imma dik hi r-realtà. Il-ħsieb huwa illi wara li tgħaddi l-festa nagħmlu s-suffitt bil-ħsieb li fil-futur issir l-arja kundizzjonata, ħalli meta jasal il-mument u nkunu nistgħu nagħmluhom, ma jkollniex għalfejn nerġgħu nkissru s-suffitt kollu u terġa' tibda mill-ġdid.

Apparti minn dawn, ressaqna wkoll applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir it-tħaffir tal-każin u jkollna aċċess mill-pjazza. Dan il-proġett huwa ambizzjuż imma huwa neċessarju ferm għall-esiġenzi tal-lum il-ġurnata. L-ispazju fejn taħżen l-affarijiet huwa dejjem problema, u għalhekk dejjem trid tara fejn ser iżżid biex ikollok iktar spazju u tkun tista' tqassam l-affarijiet iżjed aħjar. Bħalissa l-applikazzjoni tinsab quddiem l-Awtorità tal-Artijiet.

Dawn li elenkajt hawn fuq huma biss parti mill-ħidma li jkun hemm kontinwament ġewwa l-każin għax ix-xogħol ta' manutenzjoni kif ukoll t-tibdil ta' sistemi antiki dejjem għaddej.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melliħin kollha, lil sħabi tal-kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni u nħeġġiġkom biex fil-festa tgħaddu sal-każin ħalli wieħed ikun jista' jara b'għajnejh ix-xogħol li sar matul is-sena.


Mobile: 99422197 (on-site visits); 99526254 (administration)
Facebook: Zammitconcretemalta
e-mail: info@zammitconcrete.com
Website: www.zammitconcrete.com
Professional Concrete Contractor
for both residential and commercial sectors.
Specialising in various outdoor concrete finishes
for garages, roofscreeds, terraces, driveways, pool areas,
factories, warehouses, etc.
ZAMMIT CONCRETE
WORKS LTD


HERBIES
JEWELLERY LTD.
44, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa • 2152 5906 • info@herbiesmalta.com

DRIVE WELL
MOTORING SCHOOL
PRIVATE & COMMERCIAL DRIVING LICENCE TUITION
9949 8240
www.drivewellmalta.com

ALL NEEDS
HARDWARE STORE
OPENING HOURS
Monday - Friday: 6:30-18:00
Saturday: 6:30-13:00
PHONE
+356 7952 1167
EMAIL
knv@allneeds.com.mt
FACEBOOK
www.fb.com/AllneedsDIY



# Ħsibijieti...

**Mro Anthony Borg**
*Surmast Direttur*



### L-ewwel ċentinarju...

Il-Banda Imperial twaqqfet fl-1930 u fil-fatt l-ewwel programm mużikali sar fil-pjazza tal-parroċċa fil-21 ta' Settembru tal-istess sena. Imma tajjeb li nfakkru li l-Banda Imperial tnisslet mill-Costitutional Club tal-Mellieħa li twaqqaf fl-1924, propju mitt sena ilu. Nemmen li t-twaqqif tal-Constitutional Club fil-Mellieħa kien strumentali biex sitt snin wara twaqqfet il-Banda Imperial. Ma rridux ninsew li dawk iż-żminjiet kienu diffiċli immens, l-aktar minħabba l-kwistjoni politiko-reliġjuża li kienet fl-aqwa tagħha.

*L-ewwel seduta tal-Kumitat tal-Constitutional Club, saret nhar il-31 t'Awwissu 1924, bil-Markiż Testaferrata Oliver ġie nnominat President, Carmelo Stellini Kaxxier, Ġio Maria Camilleri aġent Kaxxier u Giorgio Vella Segretarju. Waqt din is-seduta ġew approvati wkoll ir-regolamenti li fuqhom kellu jitmexxa l-każin. Wara, f'seduta oħra li saret f'Ottubru tal-istess sena, kien hemm proposta biex jiġi mwaqqaf tim tal-futbol, ġew approvati 73 membru tal-Każin u li l-Bottegin tal-Każin ingħata f'idejn Francesco Buttiġieġ* (silta meħuda minn 'Il-Każin Imperial, Mellieħa, Studju Kronoloġiku – is-snin tal-bidu 1924-1929', Jimmy Muscat u Jonathan Muscat, Jannar 2021).

Tajjeb li mhux biss infakkru kif jixraq din il-ġrajja ferm importanti imma niftakru wkoll f'dawk kollha li minkejja t-tfixkil li sabu, kellhom il-ħila li jwettqu dak li kienu jemmnu fih. Il-Constitutional Club huwa l-prekursur tal-Għaqda Muzikali Imperial, għaqda mużikali li flimkien ma' għaqdiet oħra, matul is-snin kellha u għad għandha sehem ewlieni fl-iżvilupp edukattiv, kulturali u soċjali tal-Mellieħa.

### Eynsford Concert Band

Iż-żjara tal-Eynsford Concert Band minn Kent, l-Ingilterra, kompliet tkabbar il-ħbiberija bejn iż-żewġ baned li tmur lura għexieren ta' snin. Fost il-programm impenjattiv li l-Eynsford Concert Band kellha f'Malta tajjeb insemmu l-kunċert li sar fil-Pjazza tal-Parroċċa tal-Mellieħa bl-isem *The Bond of Friendship,* tifkira tal-ħbiberija bejn iż-żewġ baned. F'dan il-kunċert indaqqew siltiet mill-baned rispettivi u wara l-baned daqqew siltiet bħala massed band taħt id-direzzjoni taż-żewġ surmastrijiet tagħhom. Interessanti ferm kienet il-masterclass mis-Surmast Michael Smith flimkien mal-Eynsford Band ġewwa l-Każin Imperial. Kienet esperjenza interessanti immens għal dawk li attendew. F'din il-masterclass Smith ittratta diversi suġġetti utli għad-diretturi mużikali. Fost dawn insemmu stili differenti ta' tmexxija, il-komunikazzjoni, il-preparamenti għall-kunċert, l-għażla tal-mużika, u kif tagħmel l-aħjar użu mill-ħin u r-riżorsi disponibbli, fost oħrajn. Kienet sessjoni ferm interessanti u fl-istess waqt informattiva.

Esperjenzi bħal dawn ikomplu jkattru l-ħiliet u l-esperjenza mużikali tagħna. Nitgħallmu minn xulxin, naqsmu l-esperjenzi mużikali tagħna u, għaliex le, naqsmu wkoll it-tħassib tagħna ma' xulxin. Nixtieq inrodd ħajr lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu li permezz tal-għajnuna tagħha din iż-żjara setgħet issir realtà.

### L-Oratorju – Il-Madonna tal-Mellieħa...

Waqt li qed nikteb dawn il-kelmtejn għaddejjin bil-provi tal-oratorju oriġinali "Il-Madonna tal-Mellieħa" bħala l-kontribuzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial lill-poplu Mellieħi fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma fis-Santwarju Nazzjonali ddedikat għaliha. Il-kitba ta' dan l-oratorju hija tal-istoriku Mellieħi Jimmy Muscat u bintu Eleanor Vella, il-mużika ta' Geoffrey Thomas u Carl Borg, miktub għal solisti, kor u banda Dan l-oratorju ser jiġi esegwit nhar is-Sibt 21

ta' Settembru 2024 ġewwa l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Inħeġġiġkom biex ma titilfuhx.

**Kate...**

It-telfa ta' Kate Attard niktitni bil-kbir… kienet tfajla intelliġenti u mużiċista promettenti ferm fost ħafna ħiliet oħra li kellha … imma l-Ħallieq kellu pjanijiet oħra għaliha.

Niftakru wkoll fil-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial li għaddew għal ħajja aħjar matul l-aħħar sena. Nirringrazzjawhom ta' dak kollu li għamlu matul ħajjithom. Lil dawn kollha nibqgħu niftakru fihom fit-talb tagħna.

**Radd il-Ħajr...**

Xieraq li ntemm dawn il-kelmtejn billi nrodd ħajr lil dawk il-ħafna li b'xi mod jew ieħor ħadmu bis-sħiħ, ħafna drabi b'sagrifiċċji personali mhux żgħar, biex isostnu l-impenji tal-Banda u l-Kor Imperial. Il-ħidma tagħkom bla waqfien hija ferm apprezzata. Ta' dan inroddilkom l-akbar ħajr mill-qalb.

HORACE ENTERPRISES LTD.
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

84, Gudja Road, Għaxaq, GXQ2172, Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt

Green Valley
**Triq il-Fortizza Mellieħa,**
**Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874**
**E-mail: greenvalley.ra@gmail.com**
**This Discount Store with**
**daily Fresh Fruit and vegetables!**
**We are open 7 days a week**
**from 6.30am till 8.00pm**
**Sundays and public Holidays**
**from 8.00am till 1.00pm**
**We do free deliveries**
**Join our loyality card!**

Ta' Peter
Bar, Restaurant &
Games Room
*Specialising in*
*Maltese Cuisine*
*&*
*Fresh Fish Dishes.*
Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

HaILYS
for Men & Women

SCOTCH&SODA
AMSTERDAM COUTURE

Jus d'Orange
PARIS

MINOTI
for Kids

RIP CURL

TIMEZONE

adidas

DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR

85 g. borg olivier street
mellieha • malta
2152 3538






THE CATERER

Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591

Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!

We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering

Visit our shop for our full range of products!

www.thecaterer.com.mt • info@thecaterer.com.mt • Find us on Facebook

# A.J.M Service Station Ltd.

**- AUTO MECHANIC/SERVICE -**
**- CAR COMPUTER DIAGNOSTIC -**
**- BATTERY CHANGE -**
**- VULCANIZING -**
**- TYRE CHANGE/REPAIRS -**
**- 24/7 CAR WASH -**
**- CALL FOR ROAD ASSISTANCE -**

TEL: 2752 5200

ajm@mzfuels.com





# L-Impenn kontinwu mill-Banda u l-Kor

**Mariella Barbara**
*Membru, Kummissjoni Banda u Kor*



Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa ta' Marija Bambina.

L-Għaqda Mużikali Imperial timpenja ruħha biex twassal ħidmietha u aktar permezz ta' dan il-ktejjeb. Din is-sena qiegħda nwassal dan il-messaġġ f'isem il-Kummissjoni Banda u Kor.

Il-Kummissjoni nistgħu ngħidu li hija waħda attiva fil-ħajja tal-għaqda għaliex timpenja ruħha u żżomm kordinament kontinwu mal-Kumitat Direttiv fejn jinvolvi l-impenji tal-banda u l-kor. Ta' min isemmi wkoll li l-kummissjoni tieħu ħsieb torganizza tombli fix-xahar fil-każin. Hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lis-Sa Marvic Battistino li kienet tgħin fl-organizzazzjoni u li minħabba impenji familjari ma setgħetx tkompli u fl-istess waqt nawgura lis-Sa Diane Cucciardi tal-għajnuna kbira u kontinwa tagħha.

Ħidmet il-kummissjoni mhux biss hija kkonċentrata fuq il-jiem tal-festa, anzi ferm aktar minn hekk. Dan għaliex nippruvaw inżommu l-banda u l-kor attivi matul is-sena kollha billi nipparteċipaw f'diversi attivitajiet u ntellgħu programmi skont l-okkażjoni, kemm dawk annwali kif ukoll dawk organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Ta' min isemmi l-programmi tat-2 ta' Settembru, Ħadd il-Palm u diversi servizzi li l-banda u l-kor itellgħu barra mill-Mellieħa. Matul il-ġranet tal-Milied indoqqu u nkantaw f'diversi lukandi fil-Mellieħa. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa u l-Prima Messa ta' Rev Fr Karl Andrew Schembri, il-Banda Imperial ħadet sehem flimkien mas-Società Filarmonica La Vittoria.

Kif qegħdin taqraw, biex tipprepara għal dawn l-avvenimenti, teħtieġ impenn u sagrifċċju, u fil-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu llum, mhux faċli. Ta' min isemmi li l-banda u l-kor jiltaqgħu darba fil-ġimgħa jew aktar, kif ikun meħtieġ.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lis-Surmast Direttur, Mro Anthony Borg, lid-Direttriċi tal-Kor, is-Sa Julie Thomas, lill-għalliema tal-mużika, lil sħabi membri fil-Kummissjoni tal-impenn tagħhom, lill-bandisti u l-koristi, kif ukoll lil dawk kollha involuti, tal-għajnuna u s-sostenn tagħhom b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

**Ningħaqdu mad-dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Ružarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna mhuwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII



# Inġeddu flimkien

**Ryan Micallef**
*Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ*



Ħbieb, il-festa reġgħet magħna u għalhekk kif għaddiet sena oħra, erġajt ninsab nikteb kelmtejn qosra għal żmien il-festa f'dan il-ktejjeb. Però, għall-kuntrarju ta' snin preċedenti, din is-sena ser inkun qed inwassal dan il-messaġġ f'isem iż-żgħażagħ fi ħdan is-soċjetà. Minn qalbi nsellem lill-predeċessur tiegħi, u filwaqt li nirringrazzjah tax-xogħol tiegħu, nawguralu iżjed xogħol ta' fejda fi ħdan l-amministrazzjoni tal-għaqda tagħna.

Spiss nieqaf u nirrifletti fuq min hu ż-żagħżugħ/a fis-soċjetà u x'jiswa. Filwaqt li nemmen illi kull individwu fis-soċjetà huwa importanti u għandu x'joffri, mill-iżgħar sal-ikbar fostna, naħseb illi ż-żgħażagħ jiddeterminaw il-futur ta' kwalunkwe soċjetà u għalhekk wieħed jista' jqisna bħala s-sinsla li ssaħħaħ il-forza ta' kull xorta ta' grupp fis-soċjetà, ikun xi jkun. Infatti, huwa ferm importanti li kull żagħżugħ/a jara li jimpenja ruħu sabiex iġedded u jaġġorna l-grupp li jifforma parti minnu mal-pass taż-żminijiet, kif ukoll jagħmel kull tibdil neċessarju li minnu tibbenefika s-soċjetà. B'hekk wieħed jista' jikkonkludi li ż-żgħażagħ huma l-muturi li jżommu s-soċjetà ħajja u progressiva.

Wisq probabbli ssib ħafna li jaħsbu li aħna ż-żgħażagħ ninvolvu ruħna biss fejn jappartjeni xogħol li jirrikjedi aktar l-aspett fiżiku, bħat-tqassim tal-ktieb tal-festa u l-ġarr tal-affarijiet neċessarji għal xi attività mużikali. Iva, dan ix-xogħol irid isir u kif! Però, apparti dan, il-preżenza żagħżugħa tinħtieg sabiex inkunu nistgħu niġbdu aktar żgħażagħ lejn il-każin filwaqt li nżommu qalb is-soċjetà tagħna żagħżugħa.

Sfortunatament, qegħdin ngħixu f'dinja ftit jew wisq mgħaġġla illi xejn ma tinkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jissieħbu f'għaqdiet bħal tagħna jew jitgħallmu l-mużika. Dan nifhmu, għaliex biex tibbilanċja l-istudji u forsi anke xi xogħol part-time mhux faċli, aħseb u ara kemm hu faċli biex wieħed isib ftit ħin liberu biex jiddedikah għall-volontarjat, realtà xejn faċli iżda reali. Però, nixtieq b'mod speċjali ninkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jissieħbu f'għaqdiet mużikali u volontarji bħal tagħna sabiex flimkien nippreservaw l-arti u l-kultura tagħna. Forsi hawn min qatt ma esperjenza s-sodisfazzjon li tħoss billi tagħti ħinek fil-volontarjat. Hawn min forsi jgħid li hu impenn ta' sagrifiċċju – u huwa vera – iżda jien naħseb li jekk dan isir bil-qalb, dan jissarraf f'sodisfazzjon kbir għal min ikun qed jagħmlu. Għalhekk minn hawnhekk inħeġġeġ lil kull min hu interessat sabiex jingħaqad magħna sabiex inkomplu nkabbru l-grupp tagħna. Is-sehem tagħkom jista' jagħmel differenza kbira.

Qabel nikkonkludi, nixtieq nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lill-membri kollha tal-Kummissjoni Żgħażagħ tax-xogħol siewi li jagħmlu matul is-sena kollha. Ma nistax ninsa lill-ħbieb tagħna illi jgħinuna fl-attivitajiet illi norganizzaw matul is-sena. Grazzi ħbieb! Nagħlaq billi minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-poplu Mellieħi fl-okkażjoni tal-festa ad unur Marija Bambina.

Viva Marija Bambina u viva l-Banda Imperial!

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on

**info@imperialbandclub.com**


Nella's
BY ANTONELLA
TEL. 2152 2705 | 2752 2705 | MOB. 9989 8335
FORTIZZA STREET,MELLIEHA. ANTONELLAVELLA82@GMAIL.COM


&
TÀ DRONK
Wines, Spirits, Cigars & Tobacco
"Ħamillom wieħed tal-festa!"
Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt,
għal kull bżonn tà xorb, spirti u minerali,
biex torganizza festin sabiħ bejn il-ħbieb!
Triq Borg Olivier, Mellieħa • 21520883 - 99461433 - 99498855 • cvellasons@gmail.com





CAFE

SUIGA

EST. 1963

BAR









Norganizzaw ikliet għall-gosti ta' kulħadd, bħal fenkati, bachelors u hens parties, birthdays u okkażjonijiet privati. Biex tibbukkjaw jew għal aktar informazzjoni, ikkuntattjawna fuq 9929 5415 jew fuq jfsuiga@gmail.com.

Segwuna wkoll fuq il-paġna ta' Facebook

Burmarrad



# We're very good at this!

**Julie Thomas**
*Director of the Imperial Choir*



We have had a busy and a very successful year since last year's festa.

Our concert with the band on the 2nd of September was a big success, even though I had to call in two helpers, Annette Vella and Julie McKellar, to aid us as one of our strongest singers had a bad fall, breaking her ankle and therefore could not join us.



Gail Borg, one of our newest members, made her debut as a soloist when we sang music from The Hunger Games Films: a mysterious piece called The Hanging Tree. Some members of the band accompanied her on sticks, drums and flute. It was something very different to what we had done before, and it was a hit! Our festa week finished on the 7th and the 8th of September, with our performances of the hymn to Our Lady of Victories.

The band and choir performed again on the 24th of September in the lower square, as part of the small feast for Our Madonna Tal-Mellieħa.

In November we sang with a group from the band at our usual remembrance service at the Parish Church and this was followed by two hymns sung at the cemetery. Later in the month we were invited back to the beautiful St Catherine's Monastery in Valletta to sing for their festive mass. Sadly, unbeknown to us, this would be the last time our youngest singer, Kate Attard, would be singing with the choir as she died in March 2024 following a tragic accident. What a loss of such a musical, vibrant and beautiful young life who showed so much promise for the future. A poignant service, dedicated to her soul, was organised at the parish church of Manikata in April, by one of our altos, Maryanne Quattromani, and we were joined by many singers who had known Kate. Thank you, Maryanne, it was a lovely gesture.



Rehearsals continued as usual, now working towards Christmas. We performed at two new venues this year. Our first was at the Mellieħa Holiday Centre (The Danish Village). This was a great evening as our audience had just finished their evening meal and were ready for some fun. Many joined in the singing and, indeed they were a lively and jolly bunch.

The second new venue was at The Pergola Hotel and Spa. Originally, they wanted us to sing near the pool bar but, as the



weather was cold and blustery, we relocated into the dining room (at a squash) inside the main hotel. Again, we had a wonderful audience, including a large group from Iceland who had had a lucky window for flights amidst the last volcanic eruption there. They were really into the Christmas spirit, and the children in the group loved playing the various bells and tambourines we had brought, during a boisterous rendition of *Jingle Bells*!

Our final Christmas performance was our usual Boxing Day concert at the Maritim Antonine Hotel, again with a very appreciative audience. We followed this with our traditional Christmas get together at the restaurant.

Rehearsals began again in the new year ready for our Palm Sunday concert. We were invited to sing at the opening of the Easter Exhibition at the club and chose our pieces from the sacred musical *Ikun li trid int*. We also sang a piece from this work at our Palm Sunday concert together with '*When I Survey The Wondrous Cross'* with solo trumpet by Matthew Gauci.

After Easter, rehearsals began for the main festa concert and the build up to the Sanctuary celebrations of the 125 years since the crowning of the Madonna tal-Mellieħa in September 1899. Early in July we were asked to perform in a celebratory concert at the Sanctuary courtyard with many other acts from Mellieħa. It was a lovely occasion. Thank you, Marisa, for your beautiful rendition of William Gomez's Ave Maria. This concert is cause for another worthy mention. It was the first performance with the choir for two new members, Anett Levai-Lotte and her daughter Blanka, originally from Hungary, now living in Mellieħa. The choir marvelled at how quickly they worked hard to master the songs that we sang in Maltese. Well done both of you.

This year we have double the workload for September. As well as our concert on the 2nd, our choir and the band are joining forces with The Choir of the National Sanctuary of Our Lady of Mellieħa in an exciting performance of a new oratorio on the 21st of September. Rehearsals, as we go to print, are going well for both.

The addition of our two new members from Hungary has made me look back at some of the pieces I choose for my ladies to sing, as well as those Surmast Anthony Borg asks us to perform, I realise that we manage to sing in a variety of languages very well! During last year's festa we sang in Welsh (my native language.) We regularly sing in Maltese, Latin and English of course but the Maltese manage Welsh surprisingly easily and can sound very accurate. The 'll 'pronounciation does give them a bit of trouble but, on the whole, they are very convincing. In the Palm Sunday concert we sang *Indodana*, a beautiful piece in Xhosa which is a branch of the Nguni language and one of the main languages spoken in South Africa. This was not our first time with this language. We sang *Senzenina* (with Mark Anthony Bartolo) in our concert in 2022. This has its own difficulties as it has more unusual pairings of consonants together such as '*Ngob'umthathile*' and '*Nkulunkulu*'. We have sung in German in the past and at Christmas time we sing many carols in Italian, and, recently, Marisa's beautiful Ave Maria was in Spanish. We have sung quite a few pieces by Karl Jenkins, such as *Adiemus* and *Cantilena*. He is well known for making up a language that is both easy to sing and beautiful to listen to. We are singing another piece of his during this festa concert, see what you think. Looking forward to Christmas I would love the choir to sing a song in Gaelic and, even further forward to festa 2025, where I really want them to do a piece I recently heard by the Latvian ladies' group 'Tatumeitas'. They sing a fabulously exciting song called *Raganu Nakts*. It would be in Latvian, but it is quite repetitive and involves lots of drumming. Also, with our new choir members, it would also be a good chance to try a Hungarian song. Annet has suggested some beautiful pieces that we could do for next Palm Sunday. After all, we now have expert help! Variety is the spice of life they say!

Thank you for all your support at our concerts throughout the year. A big thank you to all my ladies for their trust and dedication over the year and for the support of their family members. A massive thank you to my husband Geoff, who accompanies us on piano, organ and drums and anything really, and who has to step in to conduct as well from the keyboard when I have to sing if anybody is missing.

Best wishes for a very happy festa.

# the Beach at Paradise Bay

thebeachmalta.com





Paradise Bay Lido PO Box 18 Mellieha, Northern Region, Malta |
+356 2157 5491 | FB: @thebeachatparadisebay

Mediterranean Dishes / Sunbeds / Kayaks / Live Paella Cooking

Find us on: facebook














# Benefits of Music Education

**Manuel Cassar**
*Music Teacher*



In schools, children learn music. Some might see this subject as extra, while others might see it as a time for children to express themselves. Research shows that teaching music to children might facilitate the learning process of other subjects whilst also increasing the skills children would inevitably use in other subjects. Music is everywhere. It is all around us, be it a wedding, mass, funerals, celebrations, etc. Making music is not just simply jotting down notes in a music book. It is a process. The involvement of children tapping a particular rhythm, playing an instrument, or even singing all involves multiple skill tests, which are often simultaneously (playing a wind instrument requires moving the hands to press the correct buttons, articulating notes using the tongue, hearing what other musicians are playing and analysing the music sheet that is being played). Hereunder are some benefits that music education has on children:

## 1. Language development

When children are introduced to schools, their first instinct is to analyse their environment. Listening to other people talk is one of them. Children tend to want to decode all the sounds and words they hear, and music education helps enforce these natural abilities (Brown, 2012). Music and language are closely linked and processed in the brain in the same region. Introducing several sounds in early childhood education enables children to be exposed to, learn and practice the sounds and words. Gestural and vocal imitation has been acknowledged as the origin of human communication, (Donald, 1991), and such techniques would be very beneficial for children to learn new songs or pronounce new words. Nursery rhymes usually contain several rhymes and repetitions, which support this technique, allowing children to develop their awareness of letters and sounds (Queensland, 2020). Teaching singing as part of music education also increases the students' concentration, listening skills, vocabulary, and sentence development.

## 2. Music education increases intelligence

This point does not have to do with the Mozart effect (studies linked to Mozart's music that can lead to extended memory retention) per se. Instead, this is a question of whether music education increases intelligence that would eventually extend to non-musical areas of cognition. Music lessons require children to be attentive and focused, including the daily practice and other learning outcomes. However, this combination can positively impact cognition, especially during early childhood years when the development of the brain is still sensitive to several environmental influences (Huttenlocher, 2002). Several studies hypothesised that music lessons promote intellectual development, including a study by E. Glenn Schellenberg at the University of Toronto. His study sample included 144 six-year-olds assigned randomly to each group, including either Keyboard, Kodály, drama lessons or no lessons. Those children who had no lessons received keyboard lessons for the following year. After conducting this study, the results showed that music lessons increase IQ by small increments. In contrast, those in drama classes did not have the same increase in IQ; however, their social behaviours increased (Schellenberg, 2004).

## 3. The brain works harder when exposed to music learning

Research shows that the brain of a musician works differently than that of non-musicians. Children involved in music have more significant growth of neural activity than people who are not musically trained. Foregeard et al. found significant changes in the fifty-nine children observed and studied. An improvement in sound discrimination and motor skills was present in children who received musical tuition, and images showed activity in the brain network associated with the two mentioned skills (Forgeard et al., 2008).

## Conclusion

In conclusion, music education offers numerous benefits for children, including enhancing language development, increasing intelligence, and stimulating the brain to work harder. By integrating music into school curricula, we can provide children with valuable skills that extend beyond the music classroom, helping them succeed in various aspects of their academic and personal development. It is clear that music education is not just an extracurricular activity but a crucial component of a well-rounded education.

## References

Brown, L. L. (2012, May 7). The Benefits of Music Education. Retrieved from PBS Kids for Parents: https://www.pbs.org/parents/thrive/the-benefits-of-music-education.

Donald, M. (1991). Origins of the Modern Mind. Harvard University Press.

Queensland, S. L. (2020, August 10). Singing to Support Language Development. Retrieved from first5forever: https://www.slq.qld.gov.au/blog/singing-support-language-development

Hill, W. J. (2002). Advocacy in Music Education. Teaching Music, 10(2), 5.

Huttenlocher, P. (2002). Neural Plasticity: The Effects of Environment on the Development of the Cerebral Cortex. Harvard University Press.

Schellenberg, G. E. (2004). Music Lessons Enhance IQ. Psychological Science, 15(8), 511-514.

Forgeard, M., Winner, E., Norton, A., Schlaug, G., & Fitch, T. (2008). Practicing a musical instrument in childhood education is associated with enhanced verbal ability and nonverbal reasoning. PloS One, 3(10), E3566.

Trid quddiesa sabiħa għall-għeżież tiegħek fl-aħħar ta' ħajjithom?

Ċempel lil

**Mġarr Folk Group**

fuq

**79046166 / 21574686**

u staqsi għal

**Bernard Vella**

~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~

Nagħmlu wkoll quddies tat-tiġijiet u anniversarji

Café • Bar • Grill

Ċavett Place

EST. 2003

Made with love

Triq il-Kbira, L-Imġarr, Malta

Mobile: 9978 8449


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com
find us on facebook


FREE DELIVERY
bottles & bottles
www.bottlesandbottles.com
" your wholesale beverage store "
OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK
7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA
Find us on Facebook
Contact Us: 21521235


Art in Beauty
MED-AESTHETIC CLINIC
132 Triq il-Kbira, Mellieħa
+356 21 522 123
+356 99 843 941
info@artinbeauty.com
www.artinbeauty.com
Art in Beauty
Laser Hair Removal
Body Sculpting
HIFU - Facelifts
Chemical Peels
Botox & Fillers
Pedi Spa
Dermapen
Advanced Facials
Pigmentation

SUNDAY ALL-INCLUSIVE BUFFET LUNCH
FROM OCTOBER TO MID-JUNE
RESTAURANT
IDEAL FOR ALL THE FAMILY
GREAT DANE
RESTAURANT
GHADIRA BAY, MELLIEHA
Email: info@walshs.com.mt
Menus
BOOK NOW
21575750



# L-Importanza tal-Baned f'Malta: Mużika, Kultura u Komunità

**Mark Vella**
*Għalliem tal-mużika*



Malta għandha tradizzjoni rikka ta' mużika bandistika li tifforma parti integrali mill-kultura u l-komunità lokali. Il-baned Maltin mhux biss jipprovdu divertiment mużikali imma wkoll jikkontribwixxu għat-tradizzjonijiet, iċ-ċelebrazzjonijiet, u l-kuxjenza soċjali. Hawnhekk se nagħti ħarsa lejn l-importanza tal-baned f'Malta u r-rwol vitali li jilagħbu fis-soċjetà tagħna.

## Storja u Tradizzjoni

Il-baned f'Malta għandhom storja estensiva li tmur lura għas-seklu 19. Il-ħolqien tal-ewwel baned f'Malta kien marbut ma' attivitajiet soċjali u reliġjużi, b'għan li jipprovdu mużika għal festi, ċerimonji reliġjużi, u avvenimenti pubbliċi. Illum, kull raħal f'Malta għandu tal-inqas banda waħda, u ħafna drabi aktar minn waħda, li tgħaqqad in-nies u tippromwovi sens ta' komunità.

## Kontribut Kulturali

Il-baned huma pilastri tal-kultura Maltija. Huma protagonisti ewlenin fil-festi reliġjużi, partikolarment matul il-festi titulari li jsiru f'kull lokalità matul is-sajf. Dawn il-festi jinkludu purċissjonijiet, marċi, u spettakli pirotekniċi, fejn il-baned jilagħbu rwol ċentrali billi jakkumpanjaw il-purċissjonijiet bil-mużika tradizzjonali. Il-preżenza tal-banda tgħolli l-ispirtu ta' ċelebrazzjoni u solidarjetà fost il-komunità.

## Edukazzjoni Mużikali

Il-baned joffru opportunitajiet ta' tagħlim mużikali lil nies ta' kull età. Ħafna baned għandhom skola tal-mużika fejn it-tfal u l-adulti jistgħu jitgħallmu jdoqqu strumenti mużikali mingħajr ħlas. Dan mhux biss jgħin fit-tkabbir tal-ħiliet mużikali individwali imma wkoll jipprovdi pjattaforma għaż-żgħażagħ biex jindukraw it-talent mużikali tagħhom u jipparteċipaw f'attivitajiet kostruttivi.

## Tkabbir Personali u Żvilupp Soċjali

Li tkun membru ta' każin tal-banda jinvolvi aktar minn sempliċiment tagħlim ta' strument. Il-parteċipazzjoni fil-banda tgħin biex tiżviluppa ħiliet importanti bħal dixxiplina, xogħol f'tim u responsabbiltà. Il-membri tal-banda jitgħallmu l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-impenn, kif ukoll kif jaffermaw ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' prestazzjoni pubblika. Il-baned joħolqu wkoll ambjent fejn l-individwi jistgħu jagħmlu ħbieb ġodda u jibnu relazzjonijiet soċjali sodi.

## Kontribut Ekonomiku

Il-baned għandhom ukoll impatt ekonomiku pożittiv fuq il-komunità. Matul il-festi u l-avvenimenti organizzati mill-baned, ħafna nies iżuru r-raħal jew il-belt fejn qed issir l-attività. Dan iżid l-attività kummerċjali lokali, partikolarment fir-ristoranti, ħwienet u lukandi. Għaldaqstant, il-baned jgħinu fit-tisħiħ tal-ekonomija lokali.

## Promozzjoni tal-Identità Nazzjonali

Il-baned jgħinu biex isostnu u jippromwovu l-identità nazzjonali Maltija. Il-mużika tradizzjonali li jdoqqu l-baned spiss tinkludi kompożizzjonijiet li jirriflettu l-istorja u l-kultura ta' Malta. F'avvenimenti nazzjonali, il-baned spiss jilagħbu rwol patrijottiku u jdoqqu mużika li tiċċelebra l-patrimonju Malti u hekk jgħinu biex iżommu ħajjin l-ispirtu nazzjonali u l-kburija tal-pajjiż.

Il-baned f'Malta għandhom rwol fundamentali fil-ħajja soċjali, kulturali, u ekonomika tal-gżejjer tagħna. Minn ċerimonji reliġjużi u festi popolari għal edukazzjoni mużikali u żvilupp personali, il-baned jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-soċjetà Maltija. Il-mużika tal-baned hija parti mill-identità kollettiva tagħna, u l-isforzi kontinwi tal-membri tal-baned biex jippreservaw u jippromwovu din it-tradizzjoni huma ta' valur kbir. Permezz tal-imħabba tagħhom għall-mużika u d-dedikazzjoni tagħhom lejn il-komunità, il-baned Maltin jibqgħu pilastri ta' għaqda u kultura fil-gżejjer tagħna.



# Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

**L-Avukat Noel Camilleri**
*President tal-GħNKB*



Is-sena 2023 għandha tibqa' mnaqqxa fl-istorja ta' pajjiżna u ta' dawk l-eluf ta' voluntiera li jaħdmu favur il-komunijtajiet tagħhom fl-organizzazzjoni tal-festa tal-patrun. Għaliex kien proprju f'Diċembru 2023 ġewwa l-Botwsana, meta l-UNESCO ddikjarat il-Festa Maltija bħala Wirt Dinji Intanġibbli. Fl-istess sezzjoni kien hemm oħrajn li ngħataw dan l-unur fosthom il-Mużika Lirika Taljana li kulħadd jaf kemm hija magħrufa mad-dinja kollha. Dan waħdu għandu jgħinna nifhmu aktar l-importanza u l-prestiġju ta' dan l-unur li għandu jixprunana aktar ħalli nkomplu naħdmu favur dan il-patrimonju ta' pajjizna. Kien ta' sodisfazzjon kbir immens għall-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li l-ħidma li wettqet fuq medda ta' snin bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura, tal-Kurja, tal-Għaqda Maltija tal-Piroteknika u stakeholders oħra ssarraf f'dan l-unur.

L-importanza tiżdied għax filwaqt li sa Diċembru 2023 il-festa Maltija kienet ikkonsidrata bħala wirt nazzjonali intanġibbli, issa l-festa Maltija ngħatat rikonoxximent mondjali. Dan l-unur għandu jagħmel kburin mhux biss lil dawk kollha involuti fil-festi imma anke lill-poplu Malti u Għawdxi kollu li parti minn dak li jagħmilna poplu issa għandu rikonoxximent dinji. L-unur tal-UNESCO lill-festa Maltija għandu wkoll ikollu ramifikazzjoni pożittiva kemm għall-qasam turistiku ta' kwalità imma anke għal dak kulturali għax dan l-unur huwa xhieda wkoll tal-importanza tal-kultura popolari.

Għalhekk din is-sena 2024 hija l-ewwel sena li l-festa Maltija ser tiġi ċċelebrata bl-unur ta' Wirt Intangibbli Dinji tal-UNESCO u għandna dejjem inżommu fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzonijiet tal-festa Maltija dawk l-elementi li jikkostitwixxuha, li tibda bil-liturġija reliġjuża, tkompli b'dawk esterni tal-marċi mill-baned tas-soċjetajiet tal-banda tagħna, il-piroteknika u l-armar tradizzjonali li jżejjen il-pjazez u t-toroq tagħna. Imma fuq kollox għandna naħdmu ħalli s-sens ta' komunià jkompli jissaħħaħ. Dan ir-rikonoxximent dinji jfisser aktar ħidma sabiex li nagħrfu u nħarsu dawn l-elementi li verament isawru l-festa Maltija għaliex l-UNESCO għandha d-dritt li kull perjodu ta' snin titlob rapport u tagħmel il-verifiki b'mod indipendenti sabiex tara li l-elementi li fuqhom il-festa Maltija ġiet mogħtija dan ir-rikonoxximent dinji ferm prestiġjuż, jibqgħu ħajjin u b'saħħithom.

Biex dan isir hemm il-ħtieġa li jkun hemm diskussjoni serja u konkreta sabiex dawk l-attivitajiet li ma jagħmlux ġieħ lill-festa Maltija u oħrajn esterni li addirittura qegħdin joħonqu l-elmenti vera li jsawru l-festa jkun hemm regolamentazzjoni stretta għax mhux ġust li eluf ta' voluntiera li jaħdmu qatigħ is-sena kollha jaraw l-impenn tagħhom jintilef proprju għaliex hemm min japprofitta ruħu u jorganizza attivitajiet u jużaw mezzi li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-festa Maltija. Irridu nuru li dak li huwa patrimonju Malti u li issa anke patrimonju dinji jiġi protett u msaħħaħ bil-fatti.

Għalhekk ejja lkoll flimkien naħdmu ħalli l-festi tagħna jibqgħu jingħataw libsa xierqa kemm lill-aspett reliġjuż, li huwa s-sies ta' kull festa, imma wkoll il-qima u ċ-ċelebrazzjoni popolari u komunitarja li tagħmilna Għawdxin u Maltin. M'għandniex inħallu li s-sinifikat sabiħ tal-festi Maltin u Għawdxin kważi jintilef minħabba interessi u elementi oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-festa tagħna. Dan nistgħu nagħmluh billi nkunu aħna stess li nixprunaw is-sabiħ u nbiegħdu mill-festi tagħna dak kollu li ma jagħmilniex ġieħ lilna bħala poplu. Irridu jkollna l-kuraġġ u d-determinazzjoni sabiex aħna bħala poplu matur u responsabbli u b'veru sens ta' appartenza naraw li l-festi tagħna jibqgħu okkażjoni ta' qima reliġjuża u komunitarja nadifa u inklussiva.

F'ismi u f'isem l-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawguralkom festa sabiħa u xierqa.


WE MANAGE IT
"At Eyetech we strive to offer the best IT services and solutions to suit our customer's needs, through a knowledgeable team that focus on the growth of the IT Technology"
CLOUD PRODUCTIVITY
MANAGED SERVICES
IT PROJECTS
EYETECH
we manage IT
www.eyetechltd.com
Microsoft Partner
Microsoft
Gold Cloud Productivity
Gold Cloud Platform
Gold Collaboration and Content
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Application Development


TRAVEL
BOAT
MOTOR
HOME
Do you need insurance? We've got you covered!
BUSINESS
HEALTH
LIFE
PROTECTION
SAVINGS
INVESTMENT
RETIREMENT
JOSEPH DEBONO
Tied Insurance Intermediary
73, Karizia Office,
Triq Gorg Borg Olivier, Mellieħa
M: 9942 2894
T: 2152 0552-2752 0552
E: insurance@jdebono.com
MAPFRE
The General Business Products are manufactured by MMS whilst the Life Insurance Products are manufactured by MMSV. All products are distributed by Joseph Debono.
Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for both MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV). MMS (C-5553) and MMSV (C-15722) are authorised under the Insurance Business Act. All entities are regulated by the Malta Financial Services Authority. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV).

**LOCAL & OVERSEAS**
funeral arrangements

Offering
**UNDERSTANDING & INTEGRITY**

**PRE-ARRANGEMENT**
services available



WE DON'T
just arrange funerals,
WE HELP
create meaningful days

John Bray & Family
FUNERAL SERVICES

*John Bray - Funeral Director*

PROFESSIONAL
GUIDANCE
*through difficult times*

**24/7 Service** | **Local & Overseas funeral directors** | **Moderate Prices**

John Bray & Family Funeral Services
Est. 1981

Garage/Office Funeral Services, Lampuki Street, St Paul's Bay
Office Funeral Services, Triq Salvinu Vella Mellieha
Residence 117, Our Lady of Fatima, Parades Street, St Paul's Bay

Tel: 21585716 | 21573588 | 21571260 | 21522400 *(Mellieħa office)*
Mob: 99493479 | 79493479
Email: johnbrayandson@yahoo.com **www.johnbrayandsonmalta.com**

# SALA IMPERIAL

* * * mgħammra b'arja kundizzjonata * * *

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi **attività soċjali**, kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

*Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat*

Tel.: 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930



# Djarju
## 2023 – 2024

**22 t'Awwissu 2023** – Tombla speċjali tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**23 t'Awwissu 2023** – Saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali tax-xogħol fl-ewwel sular u fil-faċċata tal-Każin Imperial mill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo.



**25 t'Awwissu 2023** – Barbecue tal-festa f'Misraħ il-Parroċċa.

**28 t'Awwissu 2023** – Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

**29 t'Awwissu 2023** – Riċeviment fil-Każin Imperial għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

**30 t'Awwissu 2023** – Is-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial ħa sehem fil-programm 'Qalb il-Festa' fl-istudios ta' NetFM, Tal-Pietà.

**30 t'Awwissu 2023** – Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

**31 t'Awwissu 2023** – L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

**31 t'Awwissu 2023** – Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

**1 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-programm vokali u strumentali tal-festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

**2 ta' Settembru 2023** – Il-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi' li jixxandar live mill-istudios ta' ONE Radio fil-Marsa.

**2 ta' Settembru 2023** – Programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara sar riċeviment fis-sala tal-każin.

**3 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

**3 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-Programm Mużikali mtella' mis-Società Filarmonica La Vittoria.

**4 ta' Settembru 2023** – Sar il-funeral ta' Carmel Mifsud, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

**4 ta' Settembru 2023** – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq l-Għerien u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**5 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Misraħ il-Parroċċa mill-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo u l-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia.

**5 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-ftuħ uffiċjali t'esebizzjoni tal-arti organizzata mill-Art Club 2000.

**5 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.




General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**

**5 ta' Settembru 2023** – Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li beda minn Triq Edward Camilleri u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**5 ta' Settembru 2023** – Grupp ta' żgħażagħ membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

**6 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

**6 ta' Settembru 2023** – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Mitħna l-Qadima u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Il-Banda Imperial daqqet l-Innu Nazzjonali Malti mat-tlugħ tal-istatwa ta' Malta fuq il-pedestall tagħha f'Misraħ il-Parroċċa.

**7 ta' Settembru 2023** – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib u spiċċa ħesrem fi Triq il-Parroċċa minħabba x-xita.

**9 ta' Settembru 2023** – Ħarġa tal-festa f'Għawdex fost briju minn membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ.



**10 ta' Settembru 2023** – Wara li l-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina ġiet posposta minħabba x-xita, il-Banda Imperial għamlet marċ qasir f'Misraħ il-Parroċċa minn quddiem il-Każin Imperial sa quddiem il-Knisja Arċipretali. Mal-ħruġ tal-istatwa tal-Bambina mill-knisja, il-Banda Imperial sellmet lill-Bambina bid-daqq tal-Ave Maria. Mal-wasla tal-istatwa quddiem il-Każin Imperial, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-innu ad unur ta' Maria Bambina taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

**12 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

**19 ta' Settembru 2023** – Rappreżentanti tal-Kumitat Direttiv attendew attività organizzata mill-Aġenzija għall-Ilma u l-Enerġija fejn l-Għaqda Mużikali Imperial ingħatat fondi sabiex tinvesti f'apparat iktar effiċjenti u b'hekk tkompli tħaddan prattiki iktar sostenibbli.



**24 ta' Settembru 2023** – Marċ u wara programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni tal-mija u erbgħa u għoxrin sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa.



**26 ta' Settembru 2023** – Sar il-funeral ta' Joseph Azzopardi, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

**29 ta' Settembru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**30 ta' Settembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-laqgħa ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fil-campus tal-MCAST, Raħal Ġdid.

**30 ta' Settembru 2023** – Ġiet organizzata tindifa tal-bajja viċin tal-Palazz tal-Marfa.

**7 u 14 t'Ottubru 2023** – Ittellgħu żewġ sessjonijiet ta' krafts bit-tema tal-ħarifa fil-Każin Imperial.

**8 t'Ottubru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**12 t'Ottubru 2023** – Sar il-funeral ta' Giovanna Caruana, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawha waqt il-funeral.

**14 t'Ottubru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

**22 t'Ottubru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**27 t'Ottubru 2023** – Rappreżentanti tal-Kumitat Direttiv attendew il-kunċert imtella' mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar fis-Sala De La Salle fil-Birgu. Dan kien l-ewwel minn żewġ kunċerti parti mill-Festival Nazzjonali tal-Baned organizzat mill-Fondazzjoni Kottonera bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.

**12 ta' Novembru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**12 ta' Novembru 2023** – Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa għal ruħ il-mejtin kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-Ċimiterju 'Sultana tal-Vittorji', fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.



**17 ta' Novembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet kunċert mill-Banda Sinfonika Nazzjonali fil-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla organizzat mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda biex ifakkar il-mitt sena mill-mewt tal-kompożitur Malti Pawlino Vassallo.



**18 ta' Novembru 2023** – Rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipaw waqt il-festa ta' Santa Ċeċilja fil-Belt Valletta organizzata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.

**21 ta' Novembru 2023** – Il-Kor Imperial ħa sehem f'quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Membri mill-Kumitat Direttiv attendew din l-okkażjoni.

**22 ta' Novembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa biex ikunu diskussi l-attivitajiet organizzati biex jimmarkaw il-15-il sena anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Cavriglia, fl-Italja.

**26 ta' Novembru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**1 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2023 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fir-Radisson Blu Resort & Spa, Golden Sands, Għajn Tuffieħa.

**2 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-Kunċert Mużikali Annwali mtella' mis-Società Filarmonica La Vittoria ġewwa d-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

**3 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet is-serata finali tal-Malta International Christmas Choir Festival fir-Rotunda tal-Mosta organizzat mir-Reġjun Tramuntana.

**10 ta' Diċembru 2023** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**11 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Mużew tas-Santwarju, Pilgrim's Lodge, wara xogħol estensiv li sar fuq il-post mill-Parroċċa tal-Mellieħa.

**12 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet kunċert kommemorattiv f'għeluq l-ewwel sena mill-mewt tas-Sra Rita Vella, omm is-Sindku Dario Vella, li kien organizzat mill-familja Vella fil-Maritim Antonine Hotel & Spa b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

**15 ta' Diċembru 2023** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-ftuħ uffiċjali tat-tieni edizzjoni tal-"Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa" organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**17 ta' Diċembru 2023** – Il-Programm Vokali u Strumentali tal-Milied mill-Banda u l-Kor Imperial li kellu jsir bħala parti mill-"Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa" ġie mħassar minħabba l-maltemp.

**18 ta' Diċembru 2023** – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Paradise Bay Resort, il-Marfa.

**19 ta' Diċembru 2023** – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Mellieħa Holiday Centre, fl-Għadira.


P&C Cauchi
CRANE HIRE
UP TO 59m REACH
7925 9208
www.pccauchi.com


P&C Cauchi
Demolition Excavation
info@pccauchi.com .E
www.pccauchi.com .W
9989 9839 / 7925 9208 .M


THE CORE
RESTAURANT & LOUNGE
FOR RESERVATIONS
Tel: (+356) 27600223 / 4
reservations@lurehotelmalta.com
www.lurehotelmalta.com







**20-22 ta' Diċembru 2023** – 'Telegram from Santa': tqassim tar-rigali mill-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar jiem ta' qabel il-Milied.



**21 ta' Diċembru 2023** – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Pergola Hotel & Spa, il-Mellieħa.

**24 ta' Diċembru 2023** – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin Imperial f'Misraħ il-Parroċċa.



**26 ta' Diċembru 2023** – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Maritim Antonine Hotel & Spa, il-Mellieħa.

**6 ta' Jannar 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet ir-riċeviment annwali organizzat mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda fil-każin tal-Banda San Ġiljan. Matul din l-attività ġiet imqassma munita tal-fidda kommemorattiva li l-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ bħala tifkira tal-75 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.




**14 ta' Jannar 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**15 ta' Jannar 2024** – L-appalt tal-Bar tal-Każin Imperial għadda għand is-Sinjuri Joseph Sammut u Svitlana Datsiuk wara li fis-seduta tal-Kumitat Direttiv li saret nhar it-30 ta' Novembru 2023 ġew evalwati l-offerti milqugħa.

**18 ta' Jannar 2024** – Żjara ta' korteżija minn delegazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u mill-Kunsill ta' Cavriglia fil-Każin Imperial.




**21 ta' Jannar 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-każin tas-Società Filarmonica La Vittoria biex ikun iċċelebrat il-15-il sena anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Cavriglia, fl-Italja.

**28 ta' Jannar 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**29 ta' Jannar 2024** – Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial attendew is-serata tal-għoti tal-fondi fl-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda 2024' amministrata mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret f'Villa Blanche, Ħal Farruġ.

**30 ta' Jannar 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-'Euphomum Recital' mis-Sur Mark Vella, għalliem tal-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial, li sar fis-sala ta' Palazzo De La Salle, fil-Belt Valletta.

**2 u 3 ta' Frar 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet Laqgħa Staordinarja tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fis-sala tal-Aġenzija Żgħażagħ, Santa Venera, fejn kien diskuss l-istatut il-ġdid tal-għaqda.

**16 ta' Frar 2024** – Saret il-Laqgħa Ġenerali tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial fejn ġiet iffurmata l-Kummissjoni Żgħażagħ il-ġdida.

**17 ta' Frar 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-Programm Vokali u Strumentali mill-Banda King's Own fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, bħala parti mill-festi ċelebrattivi organizzati biex ifakkru l-150 sena mit-twaqqif tal-banda.

**18 ta' Frar 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**3 ta' Marzu 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**8 ta' Marzu 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fis-sala tal-Aġenzija Żgħażagħ, Santa Venera.

**9 ta' Marzu 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-Inawgurazzjoni tar-restawr fl-entratura prinċipali tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam, ir-Rabat, Malta.

**10 ta' Marzu 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-programm ta' mużika sagra organizzat mill-Kor u Orkestra Maria Bambina fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

**17 ta' Marzu 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**19 ta' Marzu 2024** – Sar il-ftuħ uffiċjali tal-wirja mtellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ bl-isem ta' 'Iċ-Ċaħda'. Din il-wirja kienet tinkludi x-xena taċ-ċaħda ta' Pietru rrappreżentata bi tliet figuri life-size, il-Golgota, sett ta' vari artistiċi u diversi pitturi. Din il-wirja baqgħet miftuħa sad-29 ta' Marzu 2024.



**20 ta' Marzu 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-ftuħ ta' wirja b'konnessjoni mal-Ġimgħa Mqaddsa organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria.

**24 ta' Marzu 2024** – Kunċert annwali ta' Ħadd il-Palm mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġewwa l-Knisja Arċipretali Marija Bambina, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.



**27 ta' Marzu 2024** – Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial attendew il-funeral ta' Kate Attard li għamlet diversi snin iddoqq il-flute mal-Banda Imperial.

**28 ta' Marzu 2024** – L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

**4 t'April 2024** – Sar il-funeral ta' John Debono, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

**7 t'April 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**9 t'April 2024** – Kienet organizzata masterclass fid-direzzjoni mużikali mis-Surmast Michael Smith flimkien mal-Eynsford Band ġewwa l-Każin Imperial.




**10 t'April 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet laqgħa bejn il-Prim Ministru Dr Robert Abela u l-għaqdiet tal-festa f'Malta, li saret fil-każin tal-Banda San Ġorġ, Bormla.

**12 t'April 2024** – Programm mużikali mill-Banda Imperial flimkien mal-Eynsford Concert Band mir-Renju Unit f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa. Fl-aħħar tal-programm, iż-żewġ baned daqqew siltiet bħala massed band taħt id-direzzjoni taż-żewġ surmastrijiet tagħhom.

# IL-FESTA T-TAJBA
# GAWDI L-FESTA U ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

**EVITA S-SĦANA**
Ibqa' ġewwa u oqgħod !'post għall-frisk fl-iktar parti sħuna tal-ġurnata.

**IXROB TA' SPISS**
Ixrob ilma b'mod regolari, anki meta ma tkunx bil-għatx. Evita l-alkoħol u l-ka!feina.

**KUL IKEL ĦAFIF U FRISK**
Kul ikel ħafif u b'kontenut għoli ta' ilma, bħall-insalati u l-frott.

**ŻOMM DAREK FRISKA!**
Agħlaq it-twieqi u l-blinds/purtieri matul il-jum u iftaħhom meta x-xemx tkun inqas qawwija.

**IPPROTEĠI RUĦEK MIX-XEMX**
Ilbes ħafif, imxi fid-dell, indilek "#sunscreen, u ilbes kappell jekk se toħroġ barra.

**EŻERĊIZZJU FIL-FRISK**
L-eżerċizzju fiżiku ippjanah minn qabel u agħżel ħinijiet li fihom ix-xemx tkun inqas qalila. Evita li tagħmel l-eżerċizzju bejn il-11 AM u l-4 PM meta x-xemx tkun fl-aqwa tagħha.

**NIEĦDU ĦSIEB XULXIN**
Niftakru fl-anzjani, it-tfal, u !'dawk li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi.

**FITTEX GĦAJNUNA MEDIKA**
Jekk kawża tas-sħana qed tħoss sintomi bħal sturdament, dardir, tirremetti u uġigħ fil-muskoli, ċempel fuq 21 231 231.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

BEAT THE HEAT

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

EST. 1927
DINGLI BUTCHER
MELLIEĦA

: 21523588
: Dingli Butcher Mellieħa


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TAL-AQWA KWALITÀ
BUFFALO
Patata tal-qatgħa bajda għammiela ħafna,
reżistenti għall-mard u tajba ħafna biex tinħażen u għat-tisjir
SANTÈ
Bikrija
DRUID
Ħamra
HERMOSA
Bikrija
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajnha Ħamra
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346 / 7970 2646
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com


Jevon's Fruit Shop
27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024
Tel: 2152 3546
Mob: 9947 3825
Free Delivery



**16 u 20 t'April 2024** – Sessjoni ta' krafts fil-Każin Imperial.

**20 t'April 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet iċ-ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni presbiterali ta' Fr Karl Andrew Schembri li saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann mill-E.T. Mons. Charles Jude Scicluna, l-Arċisqof ta' Malta.

**21 t'April 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**26 t'April 2024** – Saret laqgħa bejn il-Kumitat Direttiv u l-kandidati tal-Partit Laburista għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Każin Imperial li għaliha attenda wkoll il-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo.

**27 t'April 2024** – Marċ mill-Banda Imperial bħala parti mill-Malta International Fireworks Festival 2024 mill-Misraħ il-Parroċċa sa Triq Ġnien Ingraw, il-Mellieħa.



**2 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-quddiesa u ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-monument ta' Mons. Dun Mosè Debono f'Misraħ il-Parroċċa mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Awżiljarju Mons. Dun Joseph Galea Curmi.

**5 ta' Mejju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**10 ta' Mejju 2024** – Sar it-tberik tal-Każin Imperial minn Fr Sergio Fenech, akkumpanjat mill-Arċipriet Fr Joe Caruana. Wara sar riċeviment bħala ringrazzjament u apprezzament għax-xogħol li Fr Sergio wettaq fil-Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa fit-tmiem tal-ħidma pastorali fostna. Il-President, f'isem il-Kumitat Direttiv u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, ippreżentalu rigal ta' tifkira.



**13 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-funeral ta' omm il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, Dr Noel Camilleri, li sar fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

**15 ta' Mejju 2024** – Saret laqgħa bejn il-Kumitat Direttiv u l-kandidati tal-Partit Nazzjonalista għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Każin Imperial li għaliha attenda wkoll il-Membru Parlementari, l-Onor. Ivan Castillo.

**21 ta' Mejju 2024** – Saret laqgħa bejn il-Kumitat Direttiv u l-kandidat indipendenti għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, is-Sur Matthew Borg Cuschieri.

**23 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett tar-Riġenerazzjoni tal-Bajja tal-Għadira minn Infrastuttura Malta u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

**24 ta' Mejju 2024** – Sar il-funeral ta' Marija Borg, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawha waqt il-funeral.

**24 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-ftuħ tal-"George Fenech – Art Museum and Gallery" fil-Mellieħa.

**24 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-okkażjoni tal-kxif tal-mafkar ad unur Jimmy Muscat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**25 ta' Mejju 2024** – Saret is-seduta ġenerali annwali tal-Għaqda Mużikali Imperial fis-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ngħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul is-sena 2023 u ġie elett Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2024-2025.

**26 ta' Mejju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**26 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet l-Akkademja Mużiko-Letterarja organizzata mill-Banda La Vittoria fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa.

**28 ta' Mejju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-

kuntratt dwar it-trasferiment ta' binja għall-użu tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fil-Grand Hotel Excelsior, il-Furjana.

**2 ta' Ġunju 2024** – Daqq ta' fanfarra fil-purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-purċissjoni.



**7 ta' Ġunju 2024** – Daqq ta' fanfarra fil-purċissjoni tal-Qalb bla Tebgħa ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-purċissjoni.

**14 ta' Ġunju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**21 ta' Ġunju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**27 ta' Ġunju 2024** – Membri tal-Kumitat Direttiv ħadu sehem fil-pellegrinaġġ b'ikona oriġinali ta' Marija Omm Alla mpittra mill-Kappillan tal-Manikata, Dun Peter Paul Sultana fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa. Mal-wasla tal-ikona quddiem il-Każin Imperial, ġie ppreżentat bukkett fjuri lill-Madonna.

**28 ta' Ġunju 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija ċċelebrata f'Burmarrad.



**5 ta' Lulju 2024** – Il-Kor Imperial ħa sehem waqt l-attività 'Għad-Dell tas-Santwarju' organizzata fil-Bitħa tas-Santwarju bħala parti mill-attivitajiet imtella' biex ikun iċċelebrat il-125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma fis-Santwarju Nazzjonali tagħha.

**7 ta' Lulju 2024** – Il-Banda Imperial għamlet marċ minn Triq Sant'Anna, Triq Ġorġ Borg Olivier sal-Bitħa tas-Santwarju fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet organizzati għall-125 Anniversarju





mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma fis-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa. Fl-aħħar tal-marċ, il-Banda Imperial u l-Banda La Vittoria daqqew żewġ innijiet flimkien fil-Bitħa tas-Santwarju.

**10 ta' Lulju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**12 ta' Lulju 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem fl-okkażjoni tal-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ta' Fr Karl Andrew Schembri permezz ta' marċ mis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa sal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Fl-aħħar tal-marċ, il-Banda Imperial u l-Banda La Vittoria daqqew l-Innu tal-Madonna tal-Mellieħa flimkien fuq iz-zuntier tal-knisja. Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u r-riċeviment li sar wara fil-Bitħa tas-Santwarju.



**14 ta' Lulju 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

Aalayah's
Stop & Shop

12, Main Street
Mellieħa.

FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT

OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY

FREE DELIVERY TO
MELLIEHA

Find us on
Facebook

Meet Garage
Cab & Minibus Services



*Find us on Facebook:* Meet Garage Cab & Minibus Services
+356 79550059 / +356 79009698
info@maltameetacab.com
www.maltameetacab.com

VILLAGER
BY MUNCHIES



*Your meeting spot at the heart of Mellieha*

munchies
bistro



*Take a deep breath and just relax and enjoy*

**17 ta' Lulju 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet il-programm mużikali fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Banda Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien.




**20 ta' Lulju 2024** – Il-Banda Imperial tellgħet programm mużikali u wara marċ qasir f'lejlet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina ċċelebrata f'Ħal Tarxien.

**24 ta' Lulju 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.



**27 ta' Lulju 2024** – Brass Ensemble ffurmat minn sitt mużiċisti tal-Banda Imperial tella' programm ta' mużika sagra fis-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa waqt l-'Iljieli Melleħin 2024' organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**28 ta' Lulju 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Addolorata Sultana tal-Martri ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar.

**5, 9, 19, 23, 26 u 30 t'Awwissu 2024** – Sessjonijiet tal-mużika fil-Każin Imperial għal tfal u żgħażagħ bħala parti mill-proġett 'Bidu Mużikali' tal-Għaqda Mużikali Imperial fl-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda 2024' amministrata mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.



**8 t'Awwissu 2024** – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet il-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar il-festi tal-Manikata u l-Mellieħa.

**10 t'Awwissu 2024** – Pasta Night fil-Każin Imperial organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ b'risq il-festa ta' Marija Bambina.

**14 t'Awwissu 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fil-Mosta.

**16 t'Awwissu 2024** – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

**18 t'Awwissu 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

**25 t'Awwissu 2024** – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.





# Nifirħu lil...

1. Sur Gabriel Micallef li ġie elett Sindku tal-Mellieħa, il-Viċi Sindku is-Sur Matthew Borg Cuschieri, u lill-Kunsilliera Emvin Bartolo, Rebecca Bartolo Cutajar, John Buttigieg, Kurt Buttigieg, Corinne Castillo, Jude Samuel Cauchi u Loridana Darmanin li ġew eletti fid-Disa' Kunsill Lokali tal-Mellieħa.




2. Sur Joseph Vella li ngħata l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa; is-Sra Christine Galea, is-Sur Emanuel Galea u s-Sur Vincent Parnis li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa; u s-Sur Carmel Cutajar li ngħata l-Onorefiċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.




3. Dun Karl Andrew Schembri li ħa l-ordinazzjoni saċerdotali. Nawgurawlu kull suċċess fil-ħidma pastorali tiegħu.

4. Dun Mario Tong li beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tal-Mellieħa.

5. Membri tal-Banda Imperial Ayden Taliana Cutajar, Matthew Gauci u Nicholas Falzon, u lill-għalliem tal-mużika tal-istrumenti tar-ram Mark Vella għas-suċċessi miksuba fl-istudju tagħhom. Ayden kiseb Disctinction fl-eżami tal-Clarinet Grade 3 mit-Trinity College London, Matthew kiseb Distinction fl-eżami tat-Trumpet Grade 5 mil-London College of Music, Nicholas kiseb Distinction fl-ALCM Diploma Concert for Drum Kit, u Mark kiseb Distinction fl-ALCM Euphonium Performance Diploma. Grazzi lill-għalliema Manuel Cassar u Mark Vella tal-impenn tagħhom mal-istudenti tal-Għaqda Mużikali Imperial.

6. Steven Fenech u Andrea li fil-Lyon French Open ikklassifikaw fit-tieni post fil-Combi Standard Class 2; fid-Dutch Para Dance 2024 ikklassifikaw fit-tieni post fil-Ballroom Class 2 Senior u fit-tielet post fil-Freestyle u fil-Ballroom Class 2; u fil-Para Dance Sport Polish Open 2024 ikklassifikaw fl-ewwel post fil-Freestyle Combi u fit-tieni post fil-Combi Class 2 Ballroom.

7. Northenders Mellieħa Baseball & Softball Club għar-rebħ tal-kampjonat.

8. Dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess f'dak kollu li jaħdmu għalih.


Happy Feast
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta
MARITIM Antonine Hotel & Spa
George Borg Oliver Street
Mellieha MLH 1021
00356 2289 2000
www.maritim.com.mt
maritim.malta


AL PONTE
PIZZERIA · RESTAURANT
Open Daily
for Lunch
and Dinner
2289 2289
Take Away Available
alponterestaurant
www.alponterestaurant.com
Maritim Antonine Hotel & Spa,
George Borg Oliver Street, Mellieha

## LABRANDA Riviera Hotel & Spa, Marfa Bay, l/o Mellieha

LABRANDA
RIVIERA HOTEL & SPA

Located just by the sea and overlooking the Islands of Comino and Gozo, Labranda Riviera Hotel & Spa is the ideal location for spending some quality time with family and friends. No matter if you are looking for an overnight stay, dining experience, wellness or day by the pool, this is your place to be.





### Gastronomic Experience



### Diverse Meal Plans



### Carisma Spa & Wellness





RECOMMENDED ON HolidayCheck'24

Travelife

VERIFIED Forbes

@LABRANDARIVIERA

WWW.LABRANDA.COM/RIVIERA-HOTEL-SPA
RESERVATIONS.RIVIERAHOTEL@LABRANDA.COM
+356 21525900



# LIFTING SERVICE

## Call 99448559

To any location




Angela Theuma

*54, Dun Franġisk Sciberras Street,*
*Mellieħa, Malta*

*angelatheuma@gmail.com*
*(+356) 99881467 / 27432763*








**A. VELLA BORG & SONS LTD (Tal-Blu)**

SUPPLIERS OF SAND, SPALLS, TORBA, SOIL, RED SAND, CEMENT, BRICKS, CONCRETE, DUMPING AND RECYCLING OF BUILDING MATERIAL

A. VELLA BORG & SONS LTD
QUARRY: 13A, TRIQ IL-MELLIEHA, MELLIEHA
OFFICE: 42, COUNTRY VIEW, TRIQ IT-TGHAM, MELLIEHA.

TELEPHONE: 2152 1214 / (OFFICE) 2152 1213
MOBILE: 9987 7860 / 9946 0507
EMAIL: info@avbsons.com





# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Carmel Mifsud**
23 t'Awwissu 2023

**Joseph Azzopardi**
24 ta' Settembru 2023

**Giovanna Caruana**
10 t'Ottubru 2023

**John Debono**
2 t'April 2024

**Marija Borg**
22 ta' Mejju 2024

***Agħtihom O Mulej il-Mistieħ ta' Dejjem. Ammen.***




*For Quality Metal Works at Competitive Prices*



**JOE GAUCI**
**METAL WORKS**

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976



# 125 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa

## *mejquma fis-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa*

### Sehem l-Għaqda Mużikali Imperial waqt iċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali organizzati mill-Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa



***Il-President tal-Għaqda Mużikali Imperial, is-Sur Josef Borg jippreżenta bukkett fjuri waqt il-pellegrinaġġ li sar nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2024 mill-Manikata għall-Bitħa tas-Santwarju.***
*(Ħajr lil Michael Cauchi)*




***Il-Kor Imperial waqt is-serata 'Għad-Dell tas-Santwarju' li saret fil-Bitħa tas-Santwarju nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju 2024.***
*(Ħajr lil Josepha Vella)*





(Ħajr lil Josepha Vella)

*Il-Banda Imperial waqt marċ li sar mat-toroq tal-Mellieħa nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju 2024.*



(Ħajr lil Michael Cauchi)



(Ħajr lil Michael Cauchi)



(Ħajr lil Michael Cauchi)



# Il-Madonna tal-Mellieħa

## *The creation of an oratorio*

**Geoffrey Thomas**

Last year, a meeting was held at the Imperial Band Club, bringing together representatives of the Imperial Band and Ladies Choir, the Sanctuary Choir, and the family of the late Jimmy Muscat. When he died, Jimmy left – almost complete – a history of the importance and divine influence of Our Lady of Mellieħa over the years, told through a series of events beginning with the shipwreck of St. Paul and St. Luke and concluding with the more accurate dating and restoration of the Icon in the Sanctuary. The outcome of the meeting was that Carl Borg and I were asked to compose a full-length oratorio to the text of this religious history. Why now? Well, as most of you know, 2024 marks the 125th anniversary of the Crowning of the Icon (L-Inkurunazzjoni tal-Ikona).

A year later and rehearsals are in full swing. We have an oratorio, composed in 18 continuous movements, with a total of 34 sections. It is written for tenor, baritone, and bass-baritone soloists, with a soprano narrator, choir, concert band, and continuo (consisting of piano and cello). In all, almost 100 performers will be taking part in the performance on 21st September this year, in the Parish Church, just three days before the actual anniversary.

So, what were the main challenges? Firstly, Carl and I had to share out the movements so that we could compose at a distance, me in Mellieħa, Carl in Brussels. We then planned to share the music as we wrote it so that themes and musical motifs would tie the work together.

Secondly, the Maltese language is not easy to set unless it has been written specifically for music. Even if the metre is regular, it is often the case that the stresses and emphases will be irregular, mixing the poetic feet, or the rhythm of the syllables. For example:

*Aħna konna kollha lsiera*
*Naqdfu, naqdfu bla waqfien*
*Fil-Korona Ottomana*
*L-ikbar ġifen fost l-iġfien.*

This is so easy to set as it comprises regular trochees (an accented syllable followed by an unaccented syllable) whereas in the same poem:

*Wara jiem ta' ħafna biża'*
*Dehret quddiemna artna*
*U fil-port għażiż minn tagħha*
*Dħalna kburin, setgħana.*

combines trochees and dactyls (an accented syllable followed by **two** unaccented syllables). However, this verse eventually provided the stimulus for our 'rescue' motif. Earlier in the work, one of the attacks on Malta is signalled by '*Raettiwr, Raettiwr! Aejjae malajr għax hawn daħlu l-furbuni u qigħdin jistaħbaw taeħt il-luġoġ.*' Congratulations if you understand this at first sight.

Other challenges? Well, we wanted this work to be a true oratorio. An oratorio is, put simply, an opera with a religious text without the staging. The piece needs to flow, even if it's made up of various 'chapters'. To help with this, we decided to use recitatives. In an oratorio, the story is told by a narrator (sometimes an evangelist, or one or more of the characters) through recitative where the music is, mostly, secondary to the text and the accompaniment is very simple: chords played by a keyboard often doubled by a bass instrument. The role of the soloists and chorus is to comment on and/or to demonstrate the action which has been described or introduced. The result in this case is a musical story told by a female narrator, with three male soloists playing the historical characters, and a mixed chorus acting out or commenting on the action.

Finally, we needed to edit and add to the original text. Step forward Eleanor Vella, Jimmy's daughter. As a published author, Eleanor was more than up to the task. She managed to reduce the number of verses to avoid duplication between the narrator and chorus, she added another chapter to bring the story right up-to-date, added a lovely għeluq (or closing

section), and wrote a wonderful hymn in three verses dedicated to Il-Madonna bil-Bambin.

What to listen out for? The oratorio begins with an instrumental description of the shipwreck of St. Luke and St. Paul in 60 A.D. and moves through the ages: 409 A.D. and the consecration by the bishops, the painting of the icon, attacks by pirates and Turks (listen out for the whip!), the building of the Pilgrims Arch following the drought of 1719, the building of Mellieħa as a parish, the coronation of the icon in 1899, the Pope's visit in 1990, right up to the restoration of the icon and of the pilgrims' chambers. Musically, there are mock medieval sections for atmosphere, real French tunes from the area near Lourdes, moments of tragedy matched by moments of relief, thanksgiving and praise, and the oratorio ends on a high with the soloists singing an Ave Maria whilst the chorus are gathered together, witnesses to all that has been done in the name of Our Lady. L-istorja tieħdok lura.

# ID-DROGA TEQIRDEK...
## Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!


J & G
Discount
Discount Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

**Opening Hours**
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00



*Free Delivery*




MALTA INTERNATIONAL AIRPORT
Scan our QR code and visit our website
Airport Transfers
drifter
Call us: +356 2152 3535
drifter


SANTA MARIA
Service Station
Prop. B. & O. Farrugia
GasanMamo
INSURANCE
SANTA MARIA
Service Station
Car wash
Valeting
Internal Steam
Vulcanising & Wheel Balancing
Batteries & Cara Accessories
Car Repairs & Servicing



ORATORIO

# IL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

## Knisja Arċipretali tal-Mellieħa

## 21 ta' Settembru 2024, 8 PM

**Jimmy Muscat**
Kliem

**Geoffrey Thomas u Carl Borg**
Mużika

Solisti: Alan Sciberras, Ken Scicluna, Louis Andrew Cassar
Narratriċi: Mariette Borg

Bis-sehem tal-Banda u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-Kor tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg

CHOIR OF THE NATIONAL SANCTUARY OF OUR LADY OF MELLIEĦA

# Evergreen

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

## Free Delivery

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

# TONY'S BAKERY

***Triq il-Madonna Tal-Għar,***
***Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta***

***Tel: 2152 3432***
***Mob: 9945 1519***
***99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin
kollha l-Festa t-Tajba

iCAM
PHOTOGRAPHY • DESIGN • PRINT

# ICAM

**PHOTOGRAPHY • DESIGN • PRINTING**

**WE OFFER A WIDE SELECTION OF DESIGNED ITEMS, PRINTING AND PHOTOGRAPHY SERVICES**

**/SHOP**
**44, TRIQ SAN MIKIEL,**
**MELLIEĦA**

**/STUDIO**
81, MANNARINO ROAD
BIRKIRKARA

M. +356 9948 9183
E. info@icamstudios.net

**icamstudios.net**




Bayleaves
Restaurant and Pizzeria
Open From
Thursday to Monday
6pm Onwards
9, Triq il-Kbira
Mellieħa, MLH2310
Malta
Tel: 21521281


OPENING HOURS (JULY/SEPTEMBER):
09.30AM-6.00PM
POPEYE VILLAGE
THE POPEYE FILM SET - MALTA
Animation Shows
Water games
Guided tours
Kids Pool
Mini-Golf
I yam what I yam!





# Programm t'Attivitajiet

## *organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad unur*

# Marija Bambina

## *Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2024*

### Il-Ġimgħa, 23 t'Awwissu 2024

**8.00p.m.** Barbecue f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor, kif ukoll diversi mistednin speċjali fosthom Alexia & Chris.

### It-Tnejn, 26 t'Awwissu 2024

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### L-Erbgħa, 28 t'Awwissu 2024

**6.00p.m.** Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### Il-Ħamis, 29 t'Awwissu 2024

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa, 30 t'Awwissu 2024

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

### Is-Sibt, 31 t'Awwissu 2024

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-kumitat u kummissjonijiet, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### It-Tnejn, 2 ta' Settembru 2024

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-sala tal-każin.

### L-Erbgħa, 4 ta' Settembru 2024

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, jgħaddi minn Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq San Luqa, Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

### Il-Ħamis, 5 ta' Settembru 2024

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Edward Camilleri, jgħaddi minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq it-Tħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru 2024

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Franġisk Żahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Is-Sibt, 7 ta' Settembru 2024

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**8.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-innu-marċ popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu Banda Imperial.

## Il-Ħadd, 8 ta' Settembru 2024

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin Imperial.

## It-Tnejn, 9 ta' Settembru 2024

**4.00p.m.** Għax-xalata tal-għada tal-festa, se tkun organizzata mawra bil-Hop-On Hop-Off Bus għal Marsaxlokk. Ikun hemm briju organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.



# REĠJUN TRAMUNTANA

Il- Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Pawl il-Baħar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard, l-Imtarfa

## "Empowering Our Community, Building a Brighter Tomorrow Together"


21572770

WWW.FACEBOOK.COM/REGJUNTRAMUNTANA

#REGJUNTRAMUNTANA

REGJUN-TRAMUNTANA.DLG@GOV.MT





# Programme of Activities

## *organised by the Imperial Band Club for the feast in honour of*

# Our Lady of Victories

## *Patron Saint of Mellieħa 2024*

### Friday, 23rd August 2024

**8.00p.m.** Barbecue organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Entertainment will be provided. Special guests for the evening – Alexia & Chris.

### Monday, 26th August 2024

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Wednesday, 28th August 2024

**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Band and Choir Subcommittee of the Imperial Band Club.

### Thursday, 29th August 2024

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Friday, 30th August 2024

**6.30p.m.** The Imperial Band Club will be participating in a Holy Mass at Mellieħa Parish Church as part of a day dedicated to the civic societies of the parish.

**8.00p.m.** Annual Get Together for emigrants at the Imperial Band Club.

### Saturday, 31st August 2024

**8.00p.m.** A reception at the Imperial Band Club for committee and commissions members, band and choir members and their guests.

### Monday, 2nd September 2024

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir in the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

### Wednesday, 4th September 2024

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to Mellieħa Parish Square.

### Thursday, 5th September 2024

**7.45p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, from Edward Camilleri Street to Mellieħa Parish Square.

### Friday, 6th September 2024

**7.45p.m.** Band marches by the Imperial Band from Old Mill Street to Mellieħa Parish Square.

### Saturday, 7th September 2024

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to Mellieħa Parish Square.

**8.15p.m.** The Imperial Band and Choir perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the club's band stand in the Parish Square, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

### Sunday, 8th September 2024

**6.00p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from Parish Street to Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's band stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the club, the band and choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

### Monday, 9th September 2024

**4.00p.m.** To round off the activities organised for the village feast, the club will be organising a road trip from Mellieħa to Marsaxlokk and back on board the Hop-On Hop-Off Bus. Festive entertainment will be organised during the trip by the youth section.



# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial



L-Onorevoli Ministru Clayton Bartolo jippreżenta alto saxophone biex ikun jista' jintuża mill-Banda Imperial.



L-Onorevoli Ministru Dr Jonathan Attard jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Membru Parlamentari Dr Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Membru Parlamentari Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.



*L-Onorevoli Membru Parlamentari Ivan Castillo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Membru Parlamentari Graziella Galea tippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sindku Dario Vella u l-Kunsillier Gabriel Micallef jippreżentaw donazzjoni bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-għaqdiet Melleħin.*



*Is-Sur Louis Sammut, membru tal-Banda Imperial, jippreżenta silta mużikali.*



Is-Sinjura Gail Borg tipprezenta donazzjoni.



Is-Sinjura Mariella Barbara tipprezenta donazzjoni f'isem il-familji Barbara u Borg.



Is-Sur Charles Caruana jipprezenta donazzjoni f'isem il-familji Vella, Caruana u Cuschieri.



Is-Segretarju Ġenerali, Prof. John Baptist Gauci, jipprezenta donazzjoni mingħand l-emigranti fl-Awstralja: Sam u Tessie Vella, Fantino Schembri, u Vince u Rita Borg minn Sydney, u Louis Borg minn Melbourne



# Programm

## Vokali u Strumentali

MILL-BANDA U L-KOR IMPERIAL TAĦT ID-DIREZZJONI TA'

MRO ANTHONY BORG

"02.09.2024

8PM

FIL-PJAZZA TAL-PARROĊĊA"





## *Iljieli Melleħin 2024*

# Il-Kor tar-Ram fis-Santwarju

**Carl Borg**

Nhar is-Sibt, 27 ta' Lulju 2024 l-Għaqda Mużikali Imperial kellha l-opportunità tieħu sehem fl-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Grazzi għal din l-okkażjoni, numru ta' bandisti mis-sezzjoni tar-ram tal-għaqda kellhom iċ-ċans jerġgħu jingħaqdu fil-kuntest ta' 'brass ensemble', u jesegwixxu programm ġewwa s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Apparti l-fatt li l-post ma jippermettix numru kbir ta' mużiċisti, hemm ukoll diversi benefiċċji li mużiċist idoqq fi grupp żgħir.

Titwila lura fiż-żmien turina li nistgħu nsibu l-bidu ta' dawn iċ-'chamber ensembles' fl-era tar-Rinaxximent. Il-'consorts' ta' dak iż-żmien, normalment bi strumenti tal-korda bħal 'viol' u 'lute', kienu jintużaw l-iżjed biex jakkumpanjaw il-vuċi, iżda eventwalment bdew anke jdoqqu waħidhom.



***Jan Miense Molenaer, Zelfportret van Jan Miense Molenaer met zijn familie, ca. 1630.***
*© Public Domain, https://commons.wikimedia.org/w/index.php?curid=76763190. Frans Hals Museum.*

Fid-dinja tal-istrumenti tar-ram, dawn il-gruppi żgħar tfaċċaw iżjed tard – propju mal-invenzjoni ta' strumenti tar-ram bl-abbiltà madwar nofs is-seklu dsatax. Fil-kuntest ta' 'ensemble', li wieħed jisma' dak li jkunu qegħdin idoqqu ta' madwaru, isir iżjed importanti minn qatt qabel. Il-mużiċist iħoss iżjed ir-responsabbiltà li jitgħallem sew il-parti tiegħu biex b'hekk il-grupp ikun jista' jagħmel provi bla xkiel u jiffoka fuq elementi ta' interpretazzjoni mużikali. Dawn il-ħiliet kollha li persuna titgħallem f'dan il-kuntest intimu, meta jittieħdu lura fil-banda sħiħa, jirriżultaw f'banda b'ħoss iżjed unit, b'mużiċisti li kapaċi jistudjaw u jagħmlu provi effiċjenti u f'dettall. Ir-riżultat għall-'ensemble' u l-banda huma iżjed kollaborazzjoni, aspett soċjali b'saħħtu, u fl-aħħar mill-aħħar, iktar mużika sabiħa. Fil-każ tas-27 ta' Lulju, il-kor tar-ram kien jikkonsisti minn żewġ trumbetti (Matthew Gauci u Carl Borg), althorn (Clayton Vella), żewġ trumbuni (Krystil Grech u Samuel Borg) u baxx (Jonathan Grech).




***Mix-xellug għal-lemin: Carl Borg, Matthew Gauci, Clayton Vella, Jonathan Grech, Samuel Borg u Krystil Grech.***

It-tieni konsegwenza tal-fatt li l-kunċert kellu jsir ġewwa s-Santwarju kienet riflessa fil-programm u l-għażla tal-mużika. Il-post jitlob jew mużika sagra jew dik ta' ġabra u riflessjoni. The Old Hundredth, innu bbażat fuq Salm 134 bil-melodija attribwita lil Louis Bourgeois (c. 1510-1560), fetaħ il-programm b'fanfarra li tant tixraq lill-istrumenti tar-ram. Għal dan il-kunċert indaqq bl-armonija ta' Ralph Vaughan Williams (1872–1958) li hu kien kiteb għall-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II.

Drei Equali (Tliet Ugwali) ta' Ludwig van Beethoven (1770–1827) inkitbu bl-intenzjoni li jindaqqu f'Jum l-Erwieħ Kollha. Bħal isimhom, dawn il-kompożizzjonijiet huma magħmula minn erba' partijiet individwali li jindaqqu minn erba' trumbuni, li f'dan il-każ ġew addattati għal żewġ trumbetti u żewġ trumbuni. L-ewwel u t-tielet Ugwali ndaqqu għall-funeral ta' Beethoven stess. Fil-kunċert indaqqu l-ewwel u t-tieni Ugwali. Innu ieħor, Gresford, inkiteb mill-ħaddiem tal-minjieri Robert Saint (1905–1950), wara t-traġedja li seħħet fil-minjiera tal-faħam f'Gresford, Wales fl-1934.

Il-mużika tar-Rinaxximent hija parti essenzjali mir-repertorju tal-'brass ensemble', partikolarment il-kompożizzjonijiet ta' Giovanni Gabrieli. L-Ave Maria ta' Nicolas Gombert (c. 1495–c. 1560), kompożitur Franko-Fjamming tas-seklu sittax, hija rikka b'kontrapunt imitattiv (teknika karatteristika tal-mużika ta' din l-epoka), fejn grupp wieħed ta' strumenti (żewġ trumbetti u althorn) iwieġeb lill-ieħor (żewġ trumbuni u baxx). [Għal iżjed informazzjoni dwar kompożituri Franko-Fjammingi u l-kontrapunt, nistiednu il-qarrej jagħmel referenza għall-artiklu f'paġna 87 tal-programm tal-festa tal-Għaqda Mużikali Imperial tas-sena li għaddiet.]

Minn kompożitur tas-seklu sittax ġejna meħuda għal wieħed ħaj – Marco Frisina (b. 1954). Frisina, qassis Taljan, huwa wieħed mill-iżjed kompożituri famużi ħajjin fejn tidħol il-mużika sagra. Anima Christi hija fost l-iżjed biċċiet magħrufin ta' taħnina tradizzjonali minn Wales, Mil Harddach Wyt ġiet irranġata għal tliet vuċijiet minn Geoffrey Thomas, fejn imbagħad din ġiet addattata għall-kor tar-ram.

Ave Verum Corpus ta' W. A. Mozart (1756–1791) m'għandha bżonn l-ebda introduzzjoni. Din is-silta nkitbet għall-okkażjoni ta' Corpus Christi, u f'dan il-kunċert indaqqet fuq arranġament ta' E. A. Wienandt. Il-kunċert wasal fi tmiemu b'eżekuzzjoni tal-innu maħbub tal-Madonna tal-Mellieħa, lirika tar-Reverendu Kappillan Dun Carlo Cortis u mużika ta' Giuseppe Caruana (1880– 1931). [Għadd ta' arranġamenti milli ssemmew ġew mixtrija mill-banda grazzi għall-fond 'Insaħħu t-tagħlim mużikali permezz ta' gruppi żgħar' fl-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2022' amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.]

Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-mużiċisti u l-familjari tagħhom talli kkommettew ruħhom għal dan il-proġett bi ħġarhom. Grazzi wkoll lid-Direttur Mużikali Anthony Borg, lil Geoff Thomas u lill-Kumitat Direttiv. Ħajr lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li ta l-ispazju biex mużiċisti lokali jesprimu t-talenti tagħhom f'dan il-lok hekk prestiġjuż.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

## KUNĊERT MILL-BRASS ENSEMBLE

Is-Sibt, 27 ta' Lulju | 19:45
Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa

| | |
|---|---|
| The Old Hundredth | R. Vaughan Williams (1872–1958) |
| I from Drei Equali | L. van Beethoven (1770–1827)<br>arr. W. Beeler |
| Gresford | R. Saint (1905–1950) |
| Ave Maria | N. Gombert (c. 1495–c. 1560)<br>arr. H. P. Gaiswinkler |
| Anima Christi | M. Frisina (b. 1954) |
| Mil Harddach Wyt | Welsh traditional<br>arr. G. Thomas |
| Ave Verum Corpus | W. A. Mozart (1756–1791)<br>arr. E. A. Wienandt |
| II from Drei Equali | L. van Beethoven (1770–1827)<br>arr. W. Beeler |
| Innu Madonna tal-Mellieħa | G. Caruana (1880–1931)<br>arr. A. Borg |



# Messaġġ mill-Ministru għat-Turiżmu

**L-Onorevoli Clayton Bartolo**



Festa oħra ad unur Marija Bambina reġgħet magħna u m'hemmx dubju li l-Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa ser terġa' tkun fost il-protagonisti ewlenin biex din il-festa tkompli tikber u titgawda kemm mid-dilettanti Melleħin kif ukoll minn dawk li jżuru l-lokalità f'Settembru.

Il-festi reliġjużi Maltin u Għawdxin jibqgħu parti integrali minn dak li jagħmilna aħna min aħna. Iċ-ċokon ġeografiku ta' pajjiżna ma jirriflettix il-kobor fil-patrimonju kulturali u t-tradizzjonijiet li jagħmluna uniċi u differenti minn pajjiżi oħrajn.

Tassew għandna nkunu kburin b'dak li għadna ngħixu sal-lum il-ġurnata. Il-festi tradizzjonali ilhom magħna għal mijiet ta' snin, u għalihom in-nanniet, missirijietna, ommijietna għamlu l-parti tagħhom biex id-devozzjoni reliġjuża lejn il-patrun jew il-patruna tiġi ffesteġġjata fi spirtu ta' għaqda fost il-familji u l-ħbieb tagħna.

Il-volontarjat fil-festa huwa preġju li bqajna nġedduh minn żmien għal żmien. Minn familja għal oħra. Anke jekk ikkumparat ma' għoxrin, tletin sena ilu, illum qegħdin ngħixu f'dinja fejn iż-żgħażagħ għandhom iżjed għażla fiex jinvolvu ruħhom, xorta waħda l-involviment fil-festi esterni għadu ħaj u hekk għandu jibqa'.

Naf sew x'jiġifieri li tkun tħobb il-festa. L-ewwel involviment tiegħi ma kienx fil-politika, imma propju f'din l-għaqda mużikali. Sa minn età żgħira kienet l-għaxqa tiegħi li nitgħallem strument f'ambjent ta' każin u dan iż-żmien sawwar fija s-sabiħ li tinvolvi ruħek u tagħmel il-parti tiegħek għall-komunità tar-raħal.

Għalhekk ninsab determinat li nkompli nkun ta' spalla ma' din l-għaqda li minn dejjem ħadmet bi sħiħ biex il-festa tal-Vitorja f'raħalna tkompli tikber u tissaħħaħ.

Finalment, f'ismi u f'isem il-familja tiegħi nixtieq nawgura l-Melleħin kollha l-festa t-tajba!

Viva Marija Bambina!







# Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

**L-Onorevoli Dr Jonathan Attard**



Għal sena oħra huwa ta' pjaċir għalija li qiegħed ningħata din l-opportunità biex naqsam kelmtejn magħkom fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. L-ewwel u qabel kollox ma nistax ma nibdix billi nirringrazzja lill-Għaqda Mużikali Imperial li taħdem b'tant dedikazzjoni s-sena kollha biex il-festa tagħna tkun tista' tibqa' tgħolli l-livell minn sena għall-oħra.

Eżempju wieħed tal-impenn tagħha f'dawn l-aħħar snin huwa x-xogħol li sar u li għadu għaddej fil-każin li ma jitgawdiex biss mill-membri, iżda mill-komunità kollha li żżur il-post.

Il-festi għalina l-Maltin huma bla dubju parti essenzjali mill-kultura u l-identità tagħna u jgħaqqdu tant nies li ġejjin minn aspetti differenti tal-ħajja, inklużi persuni li jagħżlu li jiġu jgħixu u jibnu familja f'pajjiżna. Dawn il-festi huma riżultat tal-ħidma, is-sagrifiċċji, l-impenn u d-dedikazzjoni tal-membri involuti, anke b'sapport kontinwu mill-qraba tagħhom li minkejja kull sfida, minħabba l-ammont ta' ħin meħtieġ minnhom, jaraw kif jintlaħaq bilanċ sostenibbli.

L-Għaqda Mużikali Imperial dejjem ikkollaborat ma' għaqdiet oħrajn Melliħin, mal-Arċipriet, mal-Kunsill Lokali u dawk kollha li l-għan aħħari tagħhom huwa li l-festa tal-Mellieħa tkompli tkun waħda mill-isbaħ.

Min-naħa tiegħi, inħares 'il quddiem biex kif nagħmel kull sena, niġi u ngawdi mal-familja, ħbieb u magħkom din il-festa tant għal qalbna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-President tal-Għaqda, is-Sur Josef Borg, lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial u lil qrabathom tal-kontribut tant siewi tagħhom.

F'ismi u f'isem familti nawgura lill-Melliħin kollha l-festa t-tajba.

Stardust

Stationery, Greeting Cards
Harberdashery, Toys & Gifts

Cross Street, Mellieħa
Tel: 21571692 • Mob: 99223908
Email: stardustationary@gmail.com



# L-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Karl Andrew Schembri

Dun Karl Andrew Schembri ġie ordnat qassis mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Jude Scicluna nhar is-Sibt 20 t'April 2024 fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Dan wara li ftit inqas minn sena qabel, eżattament fit-22 t'April 2023, ħa l-ordinazzjoni djakonali tiegħu. Sa minn ċkunitu Karl Andrew kien attiv sew fil-Parroċċa tan-Nattività tal-Mellieħa u minn dejjem kien iħoss is-sejħa li jidħol qassis. Qabel daħal is-Seminarju, hu kien beda kors tal-liġi fl-Università ta' Malta, iżda wara sentejn ħa d-deċiżjoni li jagħti widen għas-sejħa li kellu biex jibda jistudja għal qassis. Fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, flimkien ma' Dun Malcolm John Saliba u Patri Rob Rizzo SJ, l-Arċisqof Scicluna ħeġġiġhom sabiex minbarra li jkunu ministri tal-fejqan, ikunu wkoll umli biżżejjed biex lil Ġesù jitolbuh kuljum għall-fejqan tagħhom infushom u għat-tiġdid ta' ruħhom.



Fit-23 t'April 2024, l-Arċisqof Scicluna ċċelebra quddiesa mas-saċerdoti novelli fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

Fit-12 ta' Lulju 2024, kienet iċċelebrata quddiesa solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ta' Dun Karl Andrew Schembri fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'viżta minn Dun Karl Andrew fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, marċ mat-toroq tal-Mellieħa li beda mill-Bitħa tas-Santwarju, għadda minn Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Parroċċa u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Għal din l-okkażjoni, iż-żewġ baned tal-Mellieħa, il-Banda Imperial u l-Banda La Vittoria, akkumpanjaw lil Dun Karl Andrew u l-korteo li kellu miegħu permezz ta' daqq ta' marċi brijużi.

Malli l-Banda Imperial waslet quddiem il-Każin Imperial, il-President, is-Sur Josef Borg, ippreżenta alba lil Dun Karl Andrew, li ntużat waqt il-quddiesa solenni ċċelebrata ftit tal-minuti wara.

Mal-wasla tal-korteo fuq iz-zuntier tal-knisja, iż-żewġ baned ingħaqdu flimkien biex taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial, Mro Anthony Borg, daqqew l-'Innu lil Madonna tal-Mellieħa', mużika ta' Giuseppe Caruana u lirika tar-Reverendu Kappillan Dun Carlo Cortis.

Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa li kienet animata mill-Kor u Okestra Maria Bambina. Wara sar riċeviment fil-Bitħa tas-Santwarju għal dawk kollha preżenti.

Il-President, il-Kumitat Direttiv u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial jawguraw lil Dun Karl Andrew Schembri fil-bidu tal-ħajja l-ġdida tiegħu bħala qassis u jixtiqulu ħidma sfiqa u ta' suċċess fil-parroċċi kollha li fihom ikun iservi. Inwiegħduk li nżommuk fit-talb tagħna.

*Ad multos annos!*



(Sors: Arċidjoċesi ta' Malta)



(Sors: Arċidjoċesi ta' Malta)







# Niftakru li l-Festa għadha ssir bi Ħsieb, Responsabbiltà u ħafna Xogħol minn ħafna Nies

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Din is-sena nixtieq nibda dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi billi nfakkar il-memorja tal-ex-President tal-Banda Imperial, is-Sur Joseph Bartolo. Ta' kull sena, meta jasal Marzu, kien jiġi l-knisja jitlobni nikteb kelmtejn sabiex jiġu ppubblikati fil-ktejjeb li toħroġ kull sena s-Soċjetà Imperial fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Vitorja.

Din is-sena 2024, propju fil-festa ta' Ħadd il-Palm nhar l-24 ta' Marzu, wara li spiċċa l-programm b'temi reliġjużi mtella' mill-istess Banda Imperial, ġew fuqi l-President u s-Segretarju sabiex jirringrazzjawni tal-koperazzjoni tiegħi bħala sagristan. Fl-istess waqt, is-Segretarju stedinni sabiex, għal sena oħra, nikteb ftit ħsibijiet sabiex jiġu ppubblikati għall-festa ta' din is-sena.

Nhar is-Sibt 20 t'April ta' din is-sena kont qiegħed nistenna grupp ta' rġiel mill-parroċċa ta' Gwardamanġa sabiex jiġu jagħmlu xi xogħol fuq il-bradella li fuqha kellha titpoġġa l-vara sabiħa tagħhom li tirrappreżenta lill-Madonna ta' Fatima li ġiet inkurunata fil-5 ta' Mejju 2024. Qiegħed insemmi din l-attività għaliex din verament ġibditli l-attenzjoni u li tant apprezzajt nara lil dawn l-irġiel u żgħażagħ flimkien mal-Kappillan Patri Joe Zahra, Dumnikan, jaħdmu flimkien sabiex il-festa tal-Inkurunazzjoni tkun waħda sabiħa u ta' suċċess u tħalli impatt spiritwali fuqna l-Maltin li tant inħobbu lill-Madonna. Fil-mument li ltqajt magħhom f'din l-okkażjoni għamilt osservazzjoni u ngħid il-verità qgħadt naħseb fuqha u bdejt naħseb bejni u bejn ruħi u għedt li, għall-grazzja t'Alla, għad baqa' nies li jagħtu sehemhom sabiex jiġu organizzati festi u attivitajiet li għadna nagħmlu b'ħafna għożża – wirt li writtna mingħand missirijietna.

Għal din is-sena, dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi rrid niddedikahom lil dawk l-irġiel, nisa u żgħażagħ li joffru ħinhom sabiex il-festi tagħna jkunu organizzati b'tant ħsieb, responsabbiltà u ħafna xogħol. Dawn il-valuri li juru dawn in-nies jissarrfu li fil-parroċċa tagħna jkollna festa mogħnija b'funzjonijiet reliġjużi mill-isbaħ u attivitajiet soċjali fil-pjazza u t-toroq tagħna li jagħmlu ġieħ lir-raħal tagħna.

Ftit tas-snin ilu ġarrabna marda qalila li fiha ħafna nies sfaw morda. Konsegwenza ta' din il-marda ħafna nies mietu wkoll. L-għaqdiet kollha batew xi ftit u stajna ninnotaw li ħafna membri kellhom jinfirdu minn xulxin peress li ma setgħux jiltaqgħu. Minħabba din is-sitwazzjoni lanqas attivitajiet ma setgħu jsiru u għalhekk dawn l-għaqdiet, li tant kienu jkunu attivi, saru qishom mejta ladarba kull attività fi ħdan dawn l-għaqdiet kellha tieqaf.

Jiena, bħala sagristan, mill-bidu tal-ħidma tiegħi fl-1976 dejjem kelli tliet għaqdiet li jgħinuni fil-ħidma tiegħi sabiex il-knisja arċipretali tagħna tinżamm nadifa u mżejna kif jixraq lit-tempju t'Alla. Sa qabel bdiet il-pandemija fl-2019, il-Grupp Santa Marta kien jikkonsisti fi 17-il mara, il-Grupp tal-Qniepen kien jikkonsisti fi 13-il membru, waqt li l-Grupp tat-Tiżjin tal-Knisja kien fih 11-il membru. Però, wara l-pandemija, dawn il-gruppi naqsu xi ftit kemm minħabba l-effett li ħalliet l-istess pandemija kif ukoll minħabba sitwazzjonijiet oħra, fosthom il-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu. Dan minkejja li l-funzjonijiet fil-knisja reġgħu bdew isiru u n-nies reġgħet bdiet tattendi. Anke l-istituzzjonijiet l-oħra raw tnaqqis kemm fl-attendenza kif ukoll fil-parteċipazzjoni.

Hawnhekk nixtieq nagħmel enfasi speċjali, u fl-istess ħin nuri l-apprezzament sinċier tiegħi, sabiex almenu nsalvaw il-ftit nies li baqgħu jagħtu sehemhom f'kull qasam fi ħdan il-knisja kif ukoll fil-każini u ċ-ċentri li nsibu fil-Mellieħa. Min-naħa tagħna, irridu noqogħdu attenti ħafna li lil dawn il-volontieri nagħmlulhom kuraġġ u mhux naqtgħulhom qalbhom b'kummenti jew aġir negattiv. Nibqgħu ngawdu l-festa tagħna kif nafuha sal-lum sakemm nibqgħu nsibu nies li huma lesti jgħinu b'mod volontarju fit-tfassil u l-organizzazzjoni tal-festi tagħna, li tant jagħmlu unur lill-irħula tagħna.

Għall-grazzja t'Alla s'issa fil-Mellieħa għadna nsibu ħafna għaqdiet u organizzazzjonijiet. Xieraq li nsemmu u nsellmu lill-eqdem żewġ għaqdiet

li għandna fil-Mellieħa. Dawn huma s-Società Filarmonica La Vittoria li bdiet tiffunzjona fl-1907 u l-Għaqda Mużikali Imperial li taf il-bidu tagħha fl-1930. Warajhom twieldu għaqdiet oħra, fosthom għall-isports, orkestra, arti u kull delizzju ieħor li għandha l-komunità Melliħija.

Ma nistax ma nsemmix l-għaqdiet reliġjużi u l-kummissjonijiet pastorali. Din is-sena l-parroċċa tagħna qiegħda tiċċelebra l-125 anniversarju minn meta l-Isqof Pietru Pace kien ġie jinkuruna l-Madonna tal-Mellieħa nhar l-24 ta' Settembru 1899. F'Lulju li għadda, bħala komunità Melliħija għamilna ġimgħa ta' attivitajiet li jfakkru dan l-avveniment li mmarka devozzjoni kbira lejn Ommna Marija kemm mill-komunità Melliħija kif ukoll minn ħafna Maltin u Għawdxin.

Fl-aħħar ta' dawn il-ħsibijiet tiegħi għal din is-sena nixtieq irrodd ħajr lill-voluntieri kollha – kemm dawk li jgħinu fil-knisja arċipretali u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu f'kull qasam ieħor fil-Mellieħa. Grazzi mill-qalb lill-ex-presidenti u membri tal-Banda Imperial, b'mod speċjali il-President preżenti, is-Sur Josef Borg u s-Segretarju, is-Sur John Baptist Gauci tar-rispett u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom matul il-medda twila ta' snin li ilni sagristan tal-knisja kif ukoll tal-komunità Melliħija li jien tant ħabbejt u li tant sibt għajnuna u rispett mingħandha sal-ġurnata tal-lum.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*





# Il-Wirja 'Iċ-Ċaħda – 2024'

**Matthew Gauci**
*Segretarju, Kummissjoni Żgħażagħ*



Wara ħidma kontinwa min-naħa tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial, kif ukoll bl-għajnuna tal-Grupp Mejda tal-Appostli – Mellieħa AD1980, u membri fi ħdan l-istess għaqda tagħna, din is-sena stajna nerġgħu ntellgħu l-wirja ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bl-isem ta' 'Iċ-Ċaħda'.

Fid-daħla ta' din il-wirja, stajna naraw ix-xena taċ-Ċaħda magħmula minn manekini life-size maħduma mill-istess kummissjoni fi ħdan l-għaqda. Tkompli dieħel f'din il-wirja wieħed seta' jara l-Passjoni li għadda minnha Sidna Ġesù Kristu sakemm rebaħ fuq id-dnub. Din stajna narawha permezz ta' statwetti li kienu esibiti madwar kamra żgħira. Fin-nofs ta' din il-kamra, kien hemm armata l-Golgota ta' daqs kemxejn kbir. Fil-kuritur żgħir illi kellha l-wirja, kien hemm bosta inkwatri mpittrin minn pitturi Melleħin.





Waqt din il-wirja, ġew bosta nies fosthom kandidati għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali illi saret ftit taż-żmien ilu, kif ukoll xi Deputati Parlamentari, u Ministri. Il-wirja illi nfetħet fid-19 ta' Marzu 2024, ġiet imbierka minn Fr Sergio Fenech. Dan is-saċerdot, wara ftit snin ta' ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna, ġie assenjat ħidma pastorali 'l bogħod minn raħalna. Waqt il-ftuħ, il-President tal-Għaqda f'isem il-Kumitat Direttiv u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, irringrazzja lil Fr Sergio u awguralu għall-ħidma l-ġdida tiegħu. Wara t-tberik sar riċeviment żgħir fil-sala tal-kumitat.

Bħala Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-għaqda, nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li ġew iżuru din il-wirja għaliex imlewna bil-kuraġġ sabiex inkomplu naħdmu qatigħ u ntellgħu wirjiet f'dawn iż-żminijiet imqaddsa. Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk illi b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex tittella' din il-wirja għax mingħajrhom dan kien ikun diffiċli. Jiena ċert li flimkien ma' sħabi l-membri tal-istess kummissjoni ser inkomplu naħdmu biex jittellgħu aktar attivitajiet fil-każin li tiegħu aħna membri. Ma fadalli xejn xi nżid ħlief li nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha u viva Marija Bambina!





# Aktar Stejjer minn Selmun

Jeffrey Sammut

### Taħdem daqs bagħal

Ġamri Bartolo twieled fit-2 ta' Diċembru 1932, f'dinja kompletament differenti minn tal-lum. Ommu Karmena minn ta' Kejli u missieru Salvu taz-Zomblu. Dan Salvu kien jaħdem mal-Gvern iwitti t-toroq bil-bagħal. Ġamri jiftakar li kien ma' missieru meta għamlu t-Triq tal-Għansar. L-ewwel kienu jgħaddu b'karrettun mgħobbi b'bettija daqs ħanżir, ixarrbu t-torba bil-bexxiexa. Il-bettija tant kemm kienet tkun tqila li ġieli kien imur iz-Ziza bil-bagħal tiegħu wkoll biex jirmonka l-bhima ta' Salvu



***Mix-xellug għal-lemin: Ġużepp, Karmena, Katarin, Salvu u Ġamri taz-Zomblu.*** *Ritratt: Katarin Bartolo.*

u jtih daqqa t'id biex iwasslu l-ilma mill-Pwales għal fejn kellu jsir ix-xogħol. Kif il-bettija titbattal, il-karrettun kien jinqala' minn mal-bagħal u dan aktarx kien jaħseb li kien wasal ħin il-mistrieħ. Imma kien jarralu bl-ikrah għax ix-xogħol iebes bilkemm ikun għadu beda. Kienu jwaħħlulu romblu tqil ċomb tal-ġebel, tistħajlu xi lembuba ta' xi ġgant, u bih kienu jwittu l-istroffi u l-ħotob fuq l-imxarrab, fl-istess ħin iballtu t-triq. Hekk kif it-triq tibda tieħu sura kienu jmorru jimlew aktar ilma mill-għajn tal-Pwales biex ixarrbu biċċa oħra. Ma' taz-Zomblu u z-Ziza kien jaħdem ukoll il-Kampjin. Kemm tbatija biex issir biċċa triq![1]

### Logħob tat-tfal

Selmun ta' qabel il-gwerra kien mimli nies u allura, barra ħutu, Ġamri kellu ħafna aktar ma' min jilgħab. Waħda mil-logħob komuni kienet dik tal-Master. It-tfal kienu jpoġġu sitt ħabbiet (half penny) kull wieħed ġo ħofra fl-art fit-triq, jagħmlu ġebla msejħa l-Master fuq it-toqba u setgħet tibda l-logħba. Joqogħdu wieħed wara l-ieħor, skont kif telgħu bix-xorti, jitfgħu ġebla ċatta lejn il-Master. Jekk il-ġebla li titfa' kienet ċċaqlaq il-Master u tgħatti t-toqba hi, kont tirbaħ kulma kien ikun hemm fit-toqba u ssir 'sinjur' kbir! Imma dik kienet missjoni diffiċli ferm. Xi drabi, ittajjar il-Master u l-flus ukoll. Meta kien jiġri hekk, dawk il-muniti li jiġu eqreb lejn il-ġebla li tkun waddabt milli lejn il-Master isiru tiegħek u ssir 'sinjur' żgħir!

Barra minn hekk, kien hemm il-logħob tal-boċċi u l-logħob bil-buttuni, l-istess, li ttajjar tieħu. Imma buttuna tal-baħrin kienet tiswa daqs għaxra, forsi għax kienet tispikka bl-ankra u l-kuruna Ingliża fuqha. Logħba jew ġennata interessanti oħra kienet li xi voluntier kuraġġuż kien jidħol ġo tajer ta' trakk u sħabu, bi tbissima fuq wiċċhom, u żgur b'sens ta' karità mal-proxxmu, kienu jitilquh għan-niżla, jasal fejn jasal. Darba lil Ġużepp Micallef tax-Xnakku telquh minn fejn il-Belleview, it-tajer qabad ir-ritmu u f'ħakka t'għajn irranka u ħarab 'l isfel, b'Ġużepp idur u jagħqad kemm jiflaħ ġo fih qisu ċippitatu. Wara li ma nafx kemm qabeż ħitan tas-sejjieħ, qasam raba' u mmolla fuq blat, dan waqaf fejn ir-Razzett tax-Xama', dik il-binja nofsha mġarrfa li tara fuq ix-xellug int u tiela' t-telgħa ta' Selmun. U x-Xnakku ħareġ minn ġot-tajer frisk bħal ħassa, qisu qatt ma kien xejn. Żgur li kieku twieled l-Amerka, dan Ġużepp illum magħruf bħala wieħed mill-aqwa astronawti!

Imbagħad, meta Ġamri kellu seba' snin, faqqgħet il-Gwerra u d-dinja nqalbet ta' taħt fuq. Xorta l-logħob ma waqafx imma issa ħa sura oħra. Logħba minnhom kienet li joqogħdu jistennew lil Toni Cauchi n-Naqru ġej bil-Bren Gun Carrier,

speċi ta' tank żgħir tal-gwerra u hekk kif kien jasal fejn kien hemm id-dar tat-tabib, faċċata tal-każin tal-Labour, ċorma tfal, li kienu jkunu moħbija strateġikament wara l-kantuniera, kienu joħorġu jiġru u jirkbulu kollha fuq wara. U Toni, filli kien ikun għaddej wieqaf kburi tistħajlu qed isuq xi aircraft carrier u filli kien jispiċċa mgħobbi sa ruħ ommu bit-tfal, b'ħafna saqajn u jdejn ħerġin minn kullimkien. Allura kien ikollu bil-paċenzja kollha jwaqqaf u jkeċċi lil kulħadd 'il barra.

Minħabba l-attakki mill-ajru, il-familja taz-Zomblu ħaffret xelter fid-dar. Dan kellu żewġ bokok, waħda fid-dar tagħhom u l-oħra fid-dar tal-Avukat George Zammit,[2] l-awtur tal-ktieb 'Mid-Dinja ta' Wenzu u Rożi'. Zammit għamel żmien ukoll il-President tal-Banda La Vittoria. Kif qalli Ġamri, dan ix-xelter kellu difett kbir. Li kieku ġiet bomba fuq id-djar u ġarrfithom, il-bokok kienu jintradmu bit-terrapien tal-binjiet stess u kienu jispiċċaw midfunin taħt l-art xorta. Il-bqija, dan ix-xelter kien mgħammar qisu palazz, peress li missier Zammit kien l-aġent tat-tabakk f'Malta u allura ma kienx ta' idu f'idu. Saħansitra anke tapiti kellu mal-art. F'dan ix-xelter intramaw ukoll żewġ bennieni marbutin mal-ħitan, waħda għal Mari, bint Salvu, u l-oħra għal Markita, bint George. Salvu kien joqgħod f'nofshom u bil-paċenzja kollha jbenninhom it-tnejn f'salt, qisu fetaħ xi childcare fix-xelter!

Il-prova tax-xelter waslet darba minnhom billejl. Kienu qegħdin jistkennu meta nstemgħet splużjoni ġejja minn fuq u ħġieġ jinkiser. Dawk ta' ġewwa kienu tal-fehma li l-bomba waqgħet fil-qrib u ħadd ma kellu l-kuraġġ jitla' fuq ħa jara x'ġara. Fl-aħħar, xi ħadd rabba ftit tal-ħila, tela' jittawwal u sab ruħu jċaflas fl-inbid. Li kien ġara kien li Zammit, li kien jiddeletta bil-pittura wkoll, kien qatta' l-ġurnata kollha jpinġi l-port ta' San Pawl u kien uża t-tramuġġana tal-inbid biex ipitter fuqha. Xħin lesta, saddilha t-tapp sewwa u mal-lejl, l-inbid beda jagħli, il-pressa ma kellhiex fejn tmur, it-tramuġġana faqqgħet u ġiet trab.

Kif għedna, dan Zammit kien tat-tajjeb u allura kien anke jirnexxilu jikseb bosta xkejjer bid-dqiq, fi żmien li f'Malta kulħadd kien mejjet bil-ġuħ. Imma kien hemm dejjem il-biża' li jiġu l-pulizija jfittxu fid-djar għal min kellu ħażniet ta' ikel mhux dikjarati. Allura Ġamri u ħuh Ġużepp, li kienu qishom ħobża u sikkina, ġew inkarigati biex jaraw fejn l-aħjar jaħbu dan id-dqiq. Is-soluzzjoni li sabu ż-żewġt aħwa kienet li jkebbu l-ixkejjer fl-inċirajjet u jordmuhom 'l hemm u 'l hawn taħt il-ħafna ħarrub li kien hemm Selmun. Kien pjan veru jagħmel sens, għax jekk xi ġurdien, kemm ta' erba' saqajn u anke ta' bi tnejn, kien isib wieħed mit-teżori, ma kinux ikunu tilfu l-ħażna kollha.[3] Fil-fatt, meta spiċċat il-gwerra, kien għad fadal żewġ xkejjer tad-dqiq għadhom midfunin fil-mandra.[4]

### Wara d-daħk...

Fit-28 ta' Jannar 1942, Salvu, missier Ġamri, ġie ordnat jieħu Selmun ċappa apparat tal-ewwel


X'GHANDEK TAGHMEL F'INVAZJONI

IBQA' ĠOR-RAHAL JEW BELT FEJN TOQGHOD U STKENN

Il-Germanja ħadet l-Olanda, il-Belġju u Franza tat-Tramuntana l-iktar billi saqet ir-rifuġjati quddiem is-suldati tagħha. Dawn ir-rifuġjati saddew it-toroq u b'hekk ma ħallewx lit-truppi Franċiżi u Ingliżi jimxu 'l quddiem biex ifittxu jilqgħu l-invażjoni tal-għadu.

Jekk inti titlaq mir-raħal jew belt fejn toqgħod u tfittex li tmur f'xi post ieħor, il-għadu ma jaħsibhiex darbtejn biex jispara fuqek jew jibbumbardjak mill-ajru kif għamel lin-nies ta' l-Olanda, tal-Belġju u Franza.

Jekk int titlaq mill-post fejn tkun, inti ma tkunx biss qed tfixkel lit-truppi tagħna, iżda tkun qed ukoll iżżid il-periklu li tiġi maqtul jew ferut.

IBQA' ĠOR-RAHAL JEW BELT FEJN TOQGHOD U STKENN

JEKK IL-GHADU JATTAKKA L-BELT FEJN TOQGHOD, MUR FIX-XELTER

Il-Gvern qiegħed jaħseb sabiex fix-xeltrijiet jew qrib ix-xeltrijiet ikun hemm l-ikel kif ukoll pitrolju, affarijiet biex issajjar, latrini u ilma.

IBQA' ĠOR-RAHAL JEW BELT FEJN TOQGHOD U STKENN

X'GHANDEK TIEHU MIEGHEK FIX-XELTER?

IL-MASKRA TAL-GASS
XI HAGA TA' L-IKEL
FLIEXKEN TA' L-ILMA
XEMA'
SULFARINI
KUTRI
AWRINARI, ecc.

LA TAGHMEL XEJN LI BIH TISTA' TGHIN LILL-GHADU

IBQA' ĠOR-RAHAL JEW BELT FEJN TOQGHOD U STKENN.

***X'għandek tagħmel f'każ ta' invażjoni, b'enfasi kbira biex tibqa' d-dar. Din aktarx kienet ir-raġuni għaliex f'Selmun ittieħdu bosta affarijiet tal-ewwel għajnuna.*** *Ritratt: Anna Pratile.*

għajnuna, fosthom injam u faxex minħabba xi ksur. Aktarx ittieħed hemm minħabba li l-Ingliżi kienu qed jistennew invażjoni u b'hekk xtaqu li f'kull belt jew raħal f'Malta u Għawdex ikun hemm xi mediċini u tagħmir ieħor. Dan biex f'każ ta' nżul mill-Ġermaniżi u t-Taljani, in-nies feruti kienu jsibu kulma jkollhom bżonn fil-viċin, peress li ma setgħux joqogħdu jivvjaġġaw minn raħal għal ieħor qalb il-balal ivenvnu tal-għadu u tal-Ingliżi wkoll. Fil-fatt, waħda mill-istruzzjonijiet li ngħataw il-Maltin f'każ ta' invażjoni kienet 'Ibqa' fil-Belt jew raħal fejn toqgħod u stkenn.' Insomma, hekk kif Ġamri u Ġużepp raw dan it-tagħmir kollu, tgħidx kemm għoxew u daħku, jimmaġinaw lil xi vittma sfortunata mkebba qisha xi mummja Eġizzjana, bl-injam ħiereġ minn qalb il-faxex bħall-vleġeġ ta' San Bastjan.

L-għada, Ġużepp u Ġamri kienu fi triqithom lejn l-iskola meta xħin waslu fejn il-Belleview, Ġużepp fettillu jaqsam mingħajr ma jħares u spiċċa mtajjar minn rota misjuqa mill-Kapural Anthony Bartolo li kien stazzjonat fil-batterija ta' Campbell. Il-povru tifel spiċċa jitkagħweġ mal-art, jokrob bl-uġigħ. Feġġ Samaritan tajjeb li ried jieħu lil Ġużepp għand it-tabib bil-bagħal, peress li muġugħ kif kien, is-suldat ma setax jgħabbih fuq ir-rota. Imma ż-żewġt aħwa ppreferew li jitwasslu d-dar, fejn xorta kellhom isejħu għat-tabib Caruana, minħabba li sieq Ġużepp saret qisha ballun. It-tabib ikkonferma li kienet miksura sew. Allura Ġużepp kien l-ewwel wieħed li żanżan l-apparat tal-ewwel għajnuna f'Selmun, l-istess apparat li tgħidx kemm kienu daħku bih il-ġurnata ta' qabel. It-tabib rabatlu sieqi sew bil-faxex u l-injam u l-għada ġiet karozza taparsi ambulanza, li skont Katarin, oħt Ġużepp, kienet kerha pesti. Fost l-għajjat ta' 'Ma, issa ejja arani' u ħafna biki, l-ispeċi ta' ambulanza ħadet lit-tifel l-isptar Vincenzo Bugeja l-Ħamrun, fejn għamel 40 ġurnata b'sieqi fil-piż. Biex tgħaxxaqha, viċin l-isptar kien hemm batterija ta' kanuni kbar ta' kontra l-ajruplani u kull meta dawn kienu jibdew iwaddbu l-balal lejn l-għadu, kienu jriegħdu kull m'hemm, tant li kien ikollhom jiftħu t-twieqi biex il-ħġieġ ma jinfaqax bil-blast tal-isparar. Ġamri skopra li wieħed imlaqqam il-'Mornin' kien imur bit-trakk ta' spiss il-Ħamrun biex jiġbor ir-razzjon għall-Melleħin u allura kien jitla' miegħu biex iżur ftit lil ħuh. Wara 40 ġurnata fl-infern, Ġużepp seta' jmur id-dar, imma kellu jqatta' żmien twil ieħor maqful taħt l-art fix-xelter, ma jistax jiċċaqlaq sakemm sieqi għaqqditlu sew.[5]

## Tabakk, stokk u żeba' tas-suldati

Hekk kif qorbot l-invażjoni ta' Sqallija, ix-xgħari ta' madwar Selmun u l-Mellieħa mtlew bil-pjattaformi tal-konkos, tined, trakkijiet, suldati, armamenti u miljun ħaġa oħra. Ġamri kien l-hena tiegħu jiġri mas-suldati, avolja kultant kien ikun ftit imqareb. Hu u sħabu kienu jidħlu baxx baxx ġo xi trakk tal-militar, idawru ċ-ċavetta u jsuquh ftit, bis-suldati jiġru warajhom u jitfgħulhom il-ġebel. Fid-dar tagħhom kienu ġew jgħixu xi uffiċjali Ingliżi. Din li jżommu s-suldati d-dar kienet idea ġenjali ta' missieru Salvu, għax mingħandhom seta' jakkwista kemm irid tabakk għall-pipa, li kien skars daqs id-deheb.

Mhux tabakk biss kienu jiddobbaw. Bħala razzjon ta' familja kien ikollhom landa kbira tal-corned beef. Dak iż-żmien ma kienx hawn fridges. Allura jekk tiftaħha ridt tużaha malajr kemm jista' jkun qabel teħżien. Allura Ġamri kien jeħodha għand il-kok tas-suldati u dan kien ipartathielu ma' laned tal-corned beef żgħar. It-tnejn kienu jmorru minn fuq. Il-kok kien jiftaħ landa waħda għall-borma, mhux jaqla' jdejh idawwar landa landa, u taz-Zomblu kienu jispiċċaw b'aktar laħam milli jkunu taw, għax il-kok ma kienx joqgħod iqis u dejjem tahom ftit aktar. Barra minn hekk, il-landa żgħira kienet tinfetaħ u tintuża kollha, u ma kienx ikun hemm inkwiet fejn se taħżen li fadal.

Hekk kif id-data tal-invażjoni qorbot, Ġamri beda jagħti daqqa t'id lis-suldati jagħmlu l-istokk madwar il-fanali tat-trakkijiet, biex ma jidħolx ilma baħar fihom waqt l-inżul fuq ix-xtajtiet tal-għadu. Imbagħad, jumejn qabel telqu biex jiffaċċjaw l-għadu, fit-triq li tagħti għall-Palazz ta' Selmun tpoġġew kemm Alla ħalaq musketterija u bombi mal-ħitan. Is-suldati ġew imġiegħla javvanzaw fit-triq, il-musketterija nxtegħlet u kienet qisha ħierġa l-Vitorja. B'hekk, is-suldati, mixjin qalb dak id-duħħan, bit-tfaqqigħ ma' widnejhom u saqajhom, suppost kellhom jieħdu idea xi tfisser tkun taħt in-nar.

L-għada ta' dawn il-manuvri, Ġamri u sieħbu Ġużepp ix-Xnakku, li l-aħħar li ltqajna miegħu kien qed jitgerbeb ġot-tajer tat-trakk, sabu biċċa musketterija mhux maħruqa fiha daqs fula. Ix-Xnakku fettillu li jrid jagħti qatgħa lil missieru. Allura mar inkiss inkiss ħdejh u ħakklu din l-imbierka trikki trakka mal-pipa biex mingħalih jaqtgħu minn ġewwa. Il-pjan irnexxa mija fil-mija kieku. Il-problema kienet li mal-BUMM, Ġużepp spiċċa b'żewġ kpiepel ta' subgħajh imtajrin u kellhom jerġgħu jirrikorru għat-tagħmir tal-ewwel għajnuna.

Fil-lejl tad-9 ta' Lulju 1943, is-suldati bdew jirkbu ġol-barġis biex l-għada filgħodu jiffaċċjaw il-mewt fuq ix-xtut Sqallin. Warajhom fix-xgħari ħallew ammonti kbar ta' tined, laned tal-ikel, kutri; insomma, miljun elf ħaġa li ma setgħux jieħdu

magħhom. Kull min seta', u ma beżax, kaxkar kemm felaħ minn dan il-ġid lejn id-dar. Il-familja ta' Ġamri, fost ħafna affarijiet oħra, messithom blokka daqs dinja stokk, kif ukoll partita patallotti taż-żeba', tant li zijuh Pawlu għamel għomru u żmienu jiżbogħ il-kajjikk biha.[6]

### Bastimenti Taljani, 'sireni' u qarnit ta' barra minn hawn

L-Italja ċediet fil-Vitorja tal-1943. Il-flotta Taljana ġiet ordnata tbaħħar lejn il-portijiet tal-Alleati u fl-10 ta' Settembru, xi bastimenti Taljani bdew deħlin fil-portijiet Maltin. Fosthom waslu xi biċċiet tal-gwerra f'San Pawl il-Baħar. Ġamri jiftakar il-baħar fejn is-salini tal-Blata mimli baħrin Taljani jgħumu. Dawn ġieli kienu jersqu mal-art b'xi lanċa u joqogħdu jdoqqu u jkantaw, bil-Maltin jinġabru madwarhom.[7] Ma ttihomx tort lil dawn it-Taljani maqfulin fuq il-bastimenti tagħhom stess f'pajjiż li sa ftit jiem qabel kien għadu tagħhom illi jfittxu kif se jgħaddu ftit il-ħin. Imma biex ngħidu kollox, meta dawn kienu jersqu lejn l-art, kienu qed jiksru l-liġi, għax suppost kellhom jibqgħu abbord.

Fil-fatt, ftit qabel ma l-vapuri Taljani waslu fi gżiritna, kull minn kellu qoxra tal-baħar ġie avżat mill-pulizija biex ma jersaqx lejn il-bastimenti jew jitkellem mal-ekwipaġġi tagħhom. Ġew infurmati wkoll li min kien ser jikser il-liġi seta' jaqla' tir ta' azzarin.[8] Lanqas laħqu għaddew jumejn mill-wasla tal-għadu li ma ntlemħux żewġ baħrin Taljan jgħumu lejn ix-xatt ta' Buġibba. Dawn niżlu l-art u għamlu xi 10 minuti jitkellmu ma' xi Maltin. Wara telqu lura bil-għawm lejn il-bastiment tagħhom. Minkejja li l-pulizija ppruvaw jaraw fuq liema biċċa tal-gwerra se jitilgħu, il-vista ma kinitx ittihom daqshekk u baqgħu b'xiber imnieħer.[9] Fl-20 ta' Settembru, 20 baħri daħlu l-art Buġibba u qabdu diskursata ma' xi Maltin. Il-Kuntistabbli 177 G. Scicluna ordnalhom imorru lura minn fejn ġew u dawn obdewh minnufih. Imbagħad, il-pulizija lemaħ dgħajsa mimlija baħrin dieħla l-art imma kif dan beda jgħajjat magħhom, dawru denbhom u bewġu 'l barra.[10]

Fid-29 ta' Settembru, aktar laneċ Taljani resqu l-art fejn il-Gillieru u tal-Għażżenin. Il-Pulizija 100 G. Borg wasal bla nifs fuq il-post u sab 12-il baħri Taljan jiġru fuq ix-xatt. Hu insista li jmorru miegħu l-għassa imma dawn għamlu tabirruħhom li ma fehmuhx, rikbu d-dgħajsa u Alla m'għamilhom. Sadanittant, tliet tfajliet Maltin intlemħu jgħumu lejn qoxra Taljana mimlija baħrin u jitilgħu fuqha. Hekk kif il-pulizija beda jirrabja magħhom, dawn is-'sireni' qabżu l-baħar u telgħu l-art, fejn sabu lill-kuntistabbli Borg bi ktejjeb f'idejh biex joħdilhom id-dettalji. Imma t-tliet tfajliet ma kinux ta' subgħajhom f'ħalqhom u kienu pronti vvintawlu tliet ismijiet. Mhux talli hekk, qalulu wkoll li kienu minn Tas-Sliema u li l-aħħar karozza tal-linja għal hemmhekk kienet ser tgħaddi dalwaqt. Il-kuntistabbli ħenn għalihom u ħalliehom jitilqu biex jaqbdu x-xarabank, u kien biss xħin wasal l-għassa li nduna li kienu għaddewh biż-żmien. Imma l-giddieb għomru qasir. Wara xi stħarriġ li kien iħabbatha ma' dak ta' Sherlock Holmes, il-pulizija skopriet li t-tliet 'sireni' kienu fil-fatt mir-Rabat u baqgħu baqgħu sakemm sabu min kienu. It-tfajliet ammettew ħtijiethom u għaddew lill-pulizija fuljett li kienu tawhom il-baħrin. Jekk il-pulizija ħasbu li fuq din il-karta kien hemm xi sigriet tal-gwerra marru żmerċ. Kienet biss informazzjoni dwar l-aktar kanzunetti Taljani popolari dak iż-żmien: 'Radio Successi, Le Belle Canzoni piu in Voga'. Imma l-pulizija xorta marru minn fuq; tellgħu lit-tfajliet il-qorti biex forsi jitgħallmu joqogħdu bil-għaqal, u akkużawhom li użaw ismijiet foloz.[11]



***Biċċiet tal-Gwerra Taljani fil-Port ta' San Pawl il-Baħar.***
*Ritratt: William John Lazell.*

Interessanti wkoll li f'Ġunju tal-1943, ġie mgħarraq id-destroyer HMS *Kingston* bejn il-Gżejjer ta' San Pawl u Selmun, biex jimblokka dik id-daħla, filwaqt li tpoġġiet xibka tal-azzar biex tagħlaq il-kumplament tal-bajja. Dan biex l-Ingliżi setgħu jużaw il-port ta' San Pawl il-Baħar b'moħħhom mistrieħ. Ġamri jiftakar kif wara l-Gwerra ġriet xniegħa li fit-tifrik tal-vapur kienet trabbiet qarnita ta' barra minn hawn u kulħadd beda jibża' jersaq lejh li ma jmurx jispiċċa magħsur bejn is-swaba' tagħha. L-istorja ta' din il-qarnita tkompli meta

Ġamri daħal jaħdem it-tarzna. Hemm iltaqa' ma' bugħaddas minn Birżebbuġa. Dan kellu libsa li kienet timtela bl-arja permezz ta' pajp imqabbad ma' pompa li kienet titħaddem bl-idejn. Issa l-libsa ta' dan l-imbierek kienet qisha għarbiel u tagħmel minn kullimkien. Allura dawk li kienu jkunu miegħu kienu jaqilgħu jdejhom jippumpjaw l-arja b'kemm kellhom saħħa. Minn fuq, kif kien jitla' fil-wiċċ, kien joqgħod ikellimhom ħażin talli ma kinux wasslulu biżżejjed ossiġenu. Insomma, Ġamri qabad diskursata miegħu u l-kliem mar fuq l-qarnita enormi li kienet għamlet żmien tgħammar fil-*Kingston*. Il-bugħaddas infaqa' jidħak u qallu, 'Dik jien ivvintajtha tal-qarnita biex ma jersqux nies 'l hemm.' Mid-dehra, il-vapur kellu partita batteriji ġo fih u l-bugħaddas kien għamel negozju tajjeb minn fuqhom, itella' u jbigħ kemm jiflaħ minnhom. Allura, biex ħadd ma jidħollu fl-għalqa, jew aħjar fil-vapur, kien ħareġ b'din l-istorja.

Ġamri jirrakkonta ġrajja oħra ta' qarnita, din id-darba fil-Mistra. Għodwa minnhom, meta bilkemm kien għadu beda jbexbex, kien qed idur biċ-ċar għall-qarnit taħt it-triq tal-Mistra meta litteralment rifes waħda u din daret ma' saqajh. Hu kien pront ħatafha u biex ma tiżloqlux, qabad u tefagħha 'l fuq lejn it-triq b'kemm kellu saħħa. Imbagħad tela' jfittixha imma din qisha belgħatha l-art. Fl-aħħar lemaħha ħierġa mit-tadam tal-għalqa tal-Blu, mimlija ħamrija u trab. Din ħarġet mir-raba' u bdiet taqsam it-triq biex tmur lura lejn il-baħar. M'hemmx għalfejn ngħidu, minflok spiċċat ġol-borma.[12]

### Qata' xewqtu

Minkejja li kien tajjeb fl-iskola, Ġamri qatt ma kellu ħajra jmur is-sekondarja għax l-akbar xewqa li kellu kienet dik li jsuq. Ġa kellu ftit esperjenza meta ta' tfal kien 'jaħrab' b'xi trakk tas-suldati, imma meta beda jaħdem ma' Karmnu ta' Selmun, dan sikwit kien iqabbdu jwassal il-ħaddiema għax-xogħol ir-Rabat u Ħad-Dingli. Saħansitra, Ġamri sab tarf kif iwassalhom eżatt sa fuq is-Sur tal-Imdina. Kien jidħol mid-daħla tas-swar, jasal nofs triq, idawwar u l-kumplament kien jidħolha b'lura.

Imbagħad Karmnu beda jibagħtu l-Marsa, iġib l-ixkejjer tas-siment. Issa l-imgħallem kien jgħidlu 'Ħa tmintax irbiegħi (xelin u nofs), kif imissek int, sib lil xi ħadd biex jgħinek tgħabbi u ħallsu bihom.' Minflok, Ġamri kien jgħabbi l-120 xkora waħdu, u minkejja li kien jitħassar, b'hekk seta' jżomm il-flus hu. Imbagħad rama ma' Ġanni t'Obos, jgħabbi r-ramel mill-Madonna tal-Kunċizzjoni tal-Aħrax biex jittieħed lejn il-Mandraġġ li kien qed jinbena mill-ġdid, kif ukoll lejn il-Ġibjun tal-Fiddien. Kien jgħabbi tliet vjieġi ta' trakk waħdu bil-pala.[13]

Ir-ramel dak iż-żmien kien jintuża għal miljun



***Karmena u Salvu fuq il-qiegħa, flimkien ma' ħu Karmena, Pawlu (xellug).*** *Ritratt: Katarin Bartolo.*

ħaġa, speċjalment biex isir il-konkos u għall-madum. Allura kien jinġarr minn kullimkien, speċjalment mill-bajjiet. Saħansitra splodew il-blat fi Rrdum il-Ħmar biex fetħu triq ħalli jilħqu l-munzelli tar-ramel li kien hemm bejn l-iskolli taħt ix-xifer, tant li llum ma baqax farka ramel hemm isfel. Xi kuntratturi kienu jmorru fuq xi bidwi li kellu r-raba' ramli mal-kosta, iħaffru ħofra ħa jaraw kemm hemm fond u jekk jaraw li hemm biżżejjed, joffrulu l-flus biex jgħaddilhom ir-raba' ħalli jkunu jistgħu jieħdu r-ramel. Ħafna drabi, il-bidwi kien jaċċetta bil-qalb kollha għax lanqas jekk kien jagħmel il-kumplament ta' ħajtu jaqla' dahru f'dawk l-għelieqi maħsulin mir-raxx tal-baħar, ma kien idaħħal daqshekk flus. Ovvjament, kien hemm min kien imur jieħu r-ramel mingħajr permess, kemm mir-raba' kif ukoll mix-xtajtiet. Kienu jiġu anke Għawdxin bil-luzzijiet jgħabbu r-ramel bla permess.

U din tar-ramel kien ilha tiġri. Pereżempju fi Frar tal-1908, Indri Vella, iben Toni ta' Ċerkes, irrapporta li xi ħadd daħallu fl-art tiegħu fir-Ramla tat-Torri l-Abjad u seraqlu r-ramel. Il-pulizija sabu li l-ħati kien Wenzu Debono minn Għajnsielem, Għawdex u waħħluh ħames xelini multa.[14] Il-gwerra ma tantx għenet lanqas, għax il-militar kellu bżonn ir-ramel għall-fortifikazzjonijiet, beachposts, pillboxes u difiżi oħra. Tant kemm hu hekk li jekk wieħed imur mixja sal-Fortizza ta' Campbell, jista' jinnota li anke l-ħajt ta' mad-dawra huwa mkaħħal bir-ramel tal-baħar.[15]




**Il-vapur Norveġiż Skaubryn.** *Ritratt: Librerija tal-Istudji Nawtiċi, Università ta' La Laguna, Spanja.*

## L-għarqa ta' *Skaubryn*

Katarin, oħt Ġamri, twieldet fit-13 ta' Diċembru 1934. Tiftakar li missierha Salvu, barra taz-Zomblu, kien magħruf ukoll bħala 'In-Nannu', għax dakinhar li twieled hu, miet nannuh. 'Wieħed ġie u l-ieħor mar,' qaltli Katarin; allura din tan-'Nannu' baqgħatlu.

Taz-Zomblu kienu sitta: Ġużepp, Ġamri, Katarin, Toni, Mari u Karmnu. Toni emigra lejn l-Awstralja fl-1958 fuq il-vapur *Skaubryn*. Fuq dan il-bastiment Norveġiż, barra passiġġieri oħra, kien hemm 736 immigrant Ġermaniż u 168 immigrant Malti, kollha sejrin ifittxu ħajja aħjar in-naħa l-oħra tad-dinja. Fil-31 ta' Marzu 1958, f'nofs ta' lejl, meta l-vapur kien jinsab f'nofs l-Oċean Indjan, il-passiġġieri qamu maħsuda jisogħlu fil-kabini fgati bid-duħħan. Ġriet l-aħbar li l-vapur kien ħa n-nar u kulħadd tela' mwerwer fuq il-gverta biex ideffes rasu f'xi dgħajsa tas-salvataġġ. Fortunatament, il-baħar kien qisu ħġieġa u barra minn hekk, kien dawl ta' qamar. Il-fatt li matul il-vjaġġ, il-baħrin kienu ħarrġu kemm-il darba lill-passiġġieri xi jridu jagħmlu f'każ ta' emerġenza wkoll għen bil-bosta. F'ħakka t'għajn, xi vapuri oħra waslu fuq il-post u bdew jiġbru l-passiġġieri mill-baħar. Vittma waħda kien hemm, Ġermaniż li ma felaħx għal dak il-ġenn u li miskin miet b'attakk tal-qalb. Anke il-vapur ippruvaw isalvaw. Fil-fatt ġabu lanċa tal-irmonk li bdiet tiġbdu bil-mod il-mod lejn l-eqreb port, imma fis-6 ta' April, miel fuq ġenb u sparixxa darba għal dejjem taħt l-ilma.[16] Toni Bartolo, bħal ħafna oħrajn, spiċċa b'ta' fuqu senduqu. Fil-fatt, ommu u missieru kellhom jibagħtulu xi flus u ħwejjeġ biex ikun jista' jkampa fl-Awstralja. Imma ma kellux ikun. Fil-5 ta' Ottubru 1963, waqt li Toni kien qed isuq trailer, kellu inċident ikrah tat-traffiku u mar għand il-Ħallieq wara 17-il ġurnata l-isptar. Qatt aktar ma reġa' ra lill-maħbubin qrabatu u lil raħal twelidu.[17]



**L-iSkaubryn jaqbad.**
*Ritratt: Mużew Nazzjonali Marittimu tal-Awstralja.*

## 'B'waħda kont tixba'

Minkejja li llum Katarin hija koka prima, damet ħafna ma bdiet tiddeletta fil-kċina. Kull meta kienet tipprova tkewwes xi ħaġa kienet issib lil ommha tgħidilha, 'U dak aħna ma konniex nagħmluh hekk!' U Katarin kienet pront tweġibha, 'Mela agħmel int, ħija!' u kienet titlaq kollox minn idejha u addijo tisjir. Ommha kienet magħrufa ħafna għall-aljotta, għaġin il-forn, minestra, u anke għar-ravjul. Biex tagħmel ir-ravjul kienet tħejji l-għaġina hi, fuq liżar jew dvalja fuq is-sodda. Tfattar l-għaġina, titfa' l-ħaxu, tagħlqu u mid-dehra kien ikun ravjul daqsxiex, għax Katarin qaltli li 'b'waħda kont tixba'.'

Katarin kienet tagħmel il-ġbejniet. Terfa' x-xorrox, tqiegħed it-tames (l-istonku ta' ħaruf) ġo fih biex ix-xorrox isir qtar, taħleb in-nagħġa, titfa' mgħarfa qtar ġol-ħalib frisk u wara ftit isir baqta. Imbagħad titfa' l-baqta ġol-qwieleb tas-sogħda (qisu

ħabel irqiq), troxxlu ftit melħ u tqallibhom kemm-il darba. Dawk li ridithom nexfin kienet tpoġġihom ġol-qafas għax-xemx. It-tajba kienet li Katarin minn dil-biċċa xogħol kollha ma kienet tgawdi xejn għax hi, il-ġbejniet friski kif ukoll niexfa, ma taħmilhomx.[18]

## 'The Great Escape'

Selmun qatt ma kien hemm skola, minkejja li kien hemm ammont kbir ta' tfal. Allura Katarin tgħallmet fiċ-Ċentru Parrokkjali, eżattament ġo klassi fejn illum insibu s-sala. Kemm ommha kif ukoll missierha, minkejja li dan lanqas kien jaf jikteb ismu, qatt ma tellfuhom kwarta skola u dejjem ħeġġuhom fl-istudji tagħhom. Imma la hi u lanqas oħtha Mari ma xtaqu jkomplu, minkejja li t-tnejn kienu kapaċi. Kellhom mixja kuljum sal-iskola, mgħobbijin b'basket taċ-ċarruta b'naqra ħobż u bi ftit kotba ġo fih. Ġieli qabdithom ix-xita u kollox kien jiġi għasra; huma, il-kotba, kif ukoll il-ħobż, li kien jispiċċa qisu suppressat.

Tiftakar li kellha żewġ kotba tal-iskola, 'Ineż u Emilja' u 'The Three Strings', li minkejja li ħelsuha mill-għarqa kemm-il darba, xorta spiċċaw ħażin. Katarin silfithom lil xi ħadd u dawn għosfru, tant li ommha kellha taħrat il-Belt kollha biex reġgħet sabitilha kopja. Sewwa jgħidu li l-misluf, mitluf.

Darba Katarin u tnejn minn sħabha għamlu waħda tinkiteb. Fettlilhom li fil-brejk ta' nofsinhar, li kien idum xi sagħtejn, joħorġu baxx baxx mill-iskola. Minkejja l-ħafna għassiesa, irnexxielhom jiżgiċċaw, qishom dawk il-priġunieri tal-gwerra Ingliżi tal-'Great Escape'.[19] U xħin ħadu l-ħelsien, fejn marru? Qabdu t-triq lejn l-Għadira, waslu fejn iċ-Ċimiterju tal-Jugoslavi,[20] ixxabbtu mal-ħajt tiegħu u bdejt mexjin fuqu wara xulxin qishom qed jaqsmu xi xmara fuq ħabel. Il-problema kienet li waqt li huma kienu qed jixxenglu 'l hemm u 'l hawn fuq iċ-ċint, xi ħadd mar jittawlilhom fil-klassi fejn suppost kienu qegħdin u ma sabhomx hemm. Hekk kif waslu lura, sabu lis-sinjora tistenniehom u poġġiethom għarkopptejhom penitenza quddiem l-uffiċċju tagħha. Il-biċċa ma waqfitx hemm. L-għada ommha Karmena ssejħet l-iskola biex issir taf bil-bravura ta' bintha, u kif il-ftira kien għadha sħuna, tat xebgħa papali lil Katarin quddiem is-sinjora. Ngħiduha kif inhi, meta tqis li l-maġġoranza tal-priġunieri tal-'Great Escape' spiċċaw iffuċillati mill-Ġermaniżi, setgħet ġietha ħafna agħar!

Storja oħra tirrigwarda lil ħuha Ġużepp. Dan kien imut għall-iskola imma kien ibati ħafna mill-irjiħat u ta' spiss kien jaqbdu xi bronkite. Darba għamel ġimagħtejn maqful id-dar, marid mejjet u kif għaddielu, ħarab ferħan lejn l-iskola. Hekk kif daħal sab lis-surmast Wettinger fil-bieb, li nnota li Ġużepp kellu xagħru mqanfed u ma setax jidħol fil-klassi hekk. Allura bagħtu fit-tojlit biex jirranġah. Issa hawnhekk inqagħlet problema. Ftit qabel, Ġużepp kien bela' infezzjoni kbira minn ġol-kamra l-baxxa tal-iskola u ommu kienet wissietu biex ma jerġax jersaq 'l hemm ġew. It-tifel spiċċa bejn ħaltejn x'se jagħmel; xtaq jobdi lis-surmast, imma aktar beża' minn ommu. Allura, mingħajr ma spjegalu xejn, qallu li ma riedx imur it-tojlit. Wettinger ħasbu li qed jisfidah u bagħtu lura Selmun. Hekk kif Ġużepp daħal jibki d-dar, ommu staqsietu x'kien ġara, u kif saret taf bil-fatti, kienet pronta libset il-fardal u ħaditu lura l-iskola. Mat-triq, kulħadd beda jsaqsiha x'kien ġabha lejn il-Mellieħa, u hi u tirrakkonta, aktar beda jitlgħalha d-demm għal rasha. Kif waslet sabet lil Wiġi l-purtinar fil-bieb u qaltlu li riedet tara lis-surmast. Wettinger beda jgħidilha li Ġużepp ma kienx obdih. Il-qiegħa saħnet u sar theddid saħansitra bil-qanpiena tal-iskola. Il-purtinar spiċċa fin-nofs qisu referee waqt ġlieda boxing u l-biċċa tant kemm kibret li Karmena spiċċat tgħid lis-surmast li aħjar jomxot xagħru sew hu l-ewwel, ħalli jkun eżempju għat-tfal. Fl-aħħar ħarġet ix-xemx u kulħadd għamel paċi mingħajr ma ntużaw qniepen bħala armi![21]

## 'Min jaf il-kelb, jidħol fir-razzett!'

Imma t-tfulija ma kinitx biss skola; kien hemm ukoll il-logħob, bil-maġġoranza tiegħu jsir barra fit-triq. Fosthom kien hemm il-logħob taż-żibeġ. F'logħba minnhom ridt tħabbat żibġa ma' żibġa oħra tal-istess kulur u jekk jirnexxilek, tirbaħhom it-tnejn. Inkella kulħadd ipoġġi żibġa jew tnejn ġo ħofra fit-triq, imorru tefgħa ta' ġebla 'l bogħod u jwaddbu żibġa oħra bit-tama li din tispiċċa ġot-toqba ma' sħabha. B'hekk, it-tifla ffortunata li kien jirnexxilha kienet tirbaħ iż-żibeġ kollha u bihom setgħet tagħmel kullana li tħabbatha ma' dik li kellha r-Reġina Eliżabetta. Minkejja li t-triq kienet qisha biċċa mill-qamar bil-ħofor, aktarx kienu jużaw dejjem l-istess toqba li xi ħadd, li kien jaħseb fil-ġejjieni, kien kaħħal bis-siment biex tibqa' hemm darba għal dejjem.

Logħba oħra 'sabiħa' kienet dawra bil-karretta. Il-protagonist ta' din il-logħba kien Ġużepp ix-Xnakku, li ċ-ċajt kien jieklu aktar mill-ħobż. Mela f'Selmun kienet qed issir triq u l-ħaddiema kienu jħallu l-għodda hemm, suppost b'għassies magħha. Dan Ġużepp kien imur iġib il-karretta, jgħabbi kemm jiflaħ tfal fiha u jgħidilhom, 'Tlaqna dawra sal-Belt' u joqgħod idur bihom. Imma ġieli l-vjaġġ kien jispiċċa eżattament ġo nofs għadira kbira tal-ilma, fejn Ġużepp kien jarbula l-karretta u kulħadd jispiċċa qisu papru!

Darba, Katarin iddubbat pupa taċ-ċarruta l-ġmiel tagħha. Kellha wiċċha ma kontx tpinġih. Għalhekk



*Fdalijiet tal-bebbux mormi fuq it-tafal taħt Campbell fis-snin sittin. Intrema hemm wara li falliet il-kumpanija li kienet tesporta l-bebbux lejn Franza.* *Ritratt: David Vella.*



*L-Avukat George Zammit*

ġiet imwissija biex tibża' għaliha daqs id-deheb, għax pupa oħra bħalha ma kinitx se ssib fuq wiċċ id-dinja. Biex żgur ma tkagħbarhiex, lanqas biss kienet tmissha. Saħansitra refgħetha biex żgur anqas id-dawl tax-xemx ma kienet tara. Imma l-pupa kienet twieldet taħt stilla ħażina. Mhux talli ħadd qatt ma lagħab biha, talli abbandunata kif kienet, daret għaliha l-kamla, għamlitilha xagħarha daħna u spiċċat qargħa basira.

Katarin tiftakar li kienu jidħlu fil-fortizza Campbell u jirkbu fuq wieħed mill-kanuni. Meta saqsejt lil Katarin kif setgħu jagħmlu dan, fi żmien meta biex tidħol f'xi post tal-militar kont taqla' fwiedek, spjegatli li kien hemm wieħed Għawdxi stazzjonat fil-fortizza li kien miżżewweġ lin-neputija ta' Dun Ġużepp, il-kappillan ta' Selmun, u allura dan kien jgħaddilhom kelma. Kif qalet sew Katarin, 'Min jaf il-kelb, jidħol fir-razzett!'

Kemm qabel u anke wara l-gwerra, ħafna familji kien ikollhom tfal daqs il-fniek. Allura l-majjistra, Marija, li kienet tgħix San Pawl il-Baħar, kienet ġejja u sejra Selmun. Ħafna drabi, it-tfal lanqas biss kienu jindunaw li ommhom kienet tqila, għax l-ewwel nett ma kienu jgħidulhom xejn, u l-ommijiet kellhom ħabta kif jaħbu ż-żaqq taħt fardal wiesa'. Meta Katarin saqsiet lil ommha minn fejn kienu jiġu t-trabi, din qaltilha, 'Dawk jaqgħu mit-toqba tal-ventilatur.' Katarin ikkummentat, 'Mela mnalla ma jkunux ħoxnin, għax kieku ma kinux jgħaddu!'

Meta kien jasal it-tberik, id-dar kienet tinqala' minn fuq s'isfel. Jinbidlu l-purtieri u saħansitra d-dojlers, tfarfira papali u l-art titqaxxar. Imma Katarin kellha dispjaċir kbir. Sa meta l-kappillan kien ikun imissu jmur Selmun, il-vaganzi tal-Għid kienu jkunu spiċċaw. Allura, meta kien imur ibierek id-dar tagħhom, hi kienet tkun fil-klassi u ma kienet tgawdi xejn. Forsi biex tpatti għal dak li tilfet fi tfulitha, Katarin dan l-aħħar bdiet tħejji torta għall-arċipriet u s-sagristan, biex joqogħdu jikluha bil-kwiet id-dar tagħha. Hekk jew hekk, l-arċipriet ma tantx ikun mgħaġġel, għax ftit fadallu lil min ibierek Selmun, peress li ma baqa' kważi ħadd mill-antiki jgħix hemm. Mela s-sena li għaddiet lestiet it-torta tas-soltu u waqt li kienu qed imaxtruha, Dun Joe qalilha, 'Katarin, issa hekk sew, forsi din ridt tiekol biha int!' Katarin kienet pront weġbitu, 'Imma xħin kiltha qed tgħid, hux!' U faqgħet lil kulħadd bid-daħk.

Katarin ukoll għandha memorji sbieħ ta' George Zammit, martu Karmelina, u ż-żewġ uliedu bniet, Marquita u Celine. Kif għedna qabel, Zammit kien imur spiss Selmun, anke qabel il-gwerra, għax kien kera d-dar ta' ħdejn taz-Zomblu mingħand Dun Ġużepp. Hija tiftakar kif kienu jikru ħmara u George kien joħodhom Għar Fekruna biha. Inkella xi passiġġata fix-xgħari, fejn f'xi ħin kienu dejjem jieqfu u jqabbdu ħuġġieġa, biex skont George, qrabathom 'ikunu jafu fejn wasalna'. Dan l-avukat kien iħobb ħafna l-kumpanija u kien iqajjem briju kull fejn ikun. Fis-sajf kienu joħroġ barra, jarma bl-akkordjin jew bil-kaxxa tad-daqq, ħu Karmelina kien jikkorda bil-kitarra u wara ftit, in-noti kienu jibdew isaħħru Selmun kollu.

Meta tfarfret, Katarin spiċċat tagħmilha ta' chaperone ma' ħutha għarajjes. Pereżempju meta ħuha Ġamri beda joħroġ ma' Karmni, dik li kellha tkun martu, iż-żewġ għassiesa tagħhom kienu hi u oħt l-għarusa. 'Fejn kienu jmorru huma, konna mmorru aħna,' spjegatli Katarin. Għodwa minnhom, ġie jħabbat għandhom Dun Ġużepp u qal lil ommha Karmena, 'Karm, rajt li Mari tagħkom tkellem wieħed fejn is-Santwarju.' Ftit wara, Salvu reġa' raha tkellem lill-istess ġuvni, Fredu, u qallu 'Jekk int għal magħna, ejja d-dar.' Dak hekk għamel u Mari u Fredu wkoll għaqqdu familja.

Ġrajja oħra li semmietli Katarin kienet dik tal-famuża kumpanija tal-bebbux.[22] Fis-snin 60, ċertu wieħed Portelli fettillu li jibda jesporta l-bebbux lejn Franza. Inġabar partita bebbux għall-ħabta ta' Ottubru mal-ewwel xita, hekk kif dan ħareġ biex jiekol wara sajf sajjem. Dan il-bebbux beda jinżamm ġo speċi ta' xibka f'għalqa fil-bidu tat-triq li twasslek għall-Imġiebaħ. Imbagħad ġie stivat fil-kaxxi ġos-sellatura tal-injam u ntbagħat Franza. Imma meta fetħu l-kaxxi sabu li tliet kwarti minnu kien ġa miet. Minkejja li ppruvaw elf ħaġa oħra, l-esperiment kien falliment totali, għax il-bebbux baqa' jasal mejjet. Mhux talli hekk, talli l-ammont kbir ta' bebbux li kien hemm maħżun Selmun ukoll miet u niten, tant li r-riħa bdiet tinxtamm mill-Migduma. Fl-aħħar, dan Portelli qabżitlu u ordna li l-bebbux kellu jintrema fuq it-tafal taħt il-Fortizza Campbell. Fil-fatt, sa ftit snin ilu, kien għad fadal strixxa ta' xi metru qxur tal-bebbux nieżla mas-sies tat-tafal tul ta' xi żewġ sulari. Għallinqas, kull min ġabar il-bebbux tħallas, imma l-flus li ħareġ Portelli sarulu qxur tal-bebbux, fil-veru sens tal-kelma.[23]

## Konklużjoni

Ġamri u Katarin jiftakru Selmun meta kien veru għadu ġenwin, meta l-unika ħsejjes li kont tisma' kienu t-tfaqqigħ ta' xi rota ta' karrettun, it-tfal jgħajtu waqt il-logħob u kultant, f'xi lejla sajfija, il-mużika mill-kaxxa tad-daqq ta' George Zammit. Imma l-progress, bil-mod il-mod, daħal anke f'dan ir-raħal ċkejken, forsi aktar tard minn f'postijiet oħra, imma xorta daħal. Dan il-progress ġab il-kumdità imma sfortunatament, kollox għandu prezzju u Selmun tilef ħafna mill-karatteristiċi rurali tiegħu li kienu jagħmluh irħajjel uniku.

**L-awtur jixtieq jirringrazzja lil David Vella, Ninu Bonanno, David Bartolo, Katarin Bartolo, Ġamri Bartolo, Ruben Vella u l-istaff tal-Arkivji Nazzjonali biex seta' jinkiteb dan l-artiklu.**

## Referenzi

1 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
2 George Zammit twieled fis-16 ta' Marzu 1908, studja Ruma u anke Londra. Għamel 6 snin jgħallem l-Ingliż fil-Liċeo u laħaq avukat fl-1948. Fil-gwerra kien Spettur tal-Ispecial Constabulary. Kien ukoll membru tal-Akkademja tal-Malti u kittieb ta' diversi kotba kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Huwa miet fil 21 ta' Lulju 1990.
3 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
4 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu.
5 Għall-aktar informazzjoni dwar Ġużepp Bartolo z-Zomblu, ara l-ktieb ta' Paul P. Borg *Quest for Identity* maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
6 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
7 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
8 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Okkorrenzi tal-Pulizija, Settembru 1943.
9 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Okkorrenzi tal-Pulizija, Settembru 1943.
10 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Okkorrenzi tal-Pulizija, Settembru 1943.
11 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Okkorrenzi tal-Pulizija, Settembru 1943.
12 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
13 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
14 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Okkorrenzi tal-Pulizija, Frar 1908.
15 Intervista ma' Ġamri Bartolo taz-Zomblu.
16 https://www.sea.museum/2018/04/06/four-ships-and-a-lifeboat
17 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu.
18 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu.
19 F'dik li hija magħrufa l-'Great Escape', 76 priġunier Alleat ħarbu minn kamp tal-priġunieri fil-Ġermanja. Kollha reġgħu nġabru mis-suldati Ġermaniżi barra tlieta li rnexxielhom jaslu f'pajjiż newtrali. Ħamsin minnhom inqatlu kiesaħ u biered wara li nqabdu. Fl-1963, inħadem film ukoll dwar din il-ġrajja.
20 Illum iċ-Ċimiterju Omm tal-Ħniena.
21 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu.
22 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu.
23 Intervista ma' Katarin Bartolo taz-Zomblu, kif ukoll minn informazzjoni mgħoddija lill-awtur mis-Sur David Vella u mis-Sur Ninu Bonanno.

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services
Tel: 2152 0429
Mob: 9986 8092
20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa
Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha



# Lasting First Impressions

Amanda Jenkins

One of the things that I noticed when I first visited Malta in 2019 was its art. From MUŻA, the incredible National Art Museum in Valletta to the many galleries across the island, art seems to be celebrated here and what a special thing that is. Public sculptures and art installations can be seen in many villages and public spaces and friends who visit me here from the UK comment on this too.

Art tastes here, as everywhere, are rightly eclectic and we were very fortunate recently to have been able to buy a collection of very small early 19th Century watercolour paintings depicting Maltese folklore figures. Two of the paintings are of women wearing traditional Għonnella and the other four show men and women going about their working day, and how hard those days must have been sometimes. There is an egg vendor, a tomato picker, a strawberry seller and a mother and child. The detail in the costumes is simple but exquisite



and the paintings give us a glimpse of the clothing (the fabric, the colours, the texture, the design) of working people in Malta in the early 1800s.

Today, when so many of us routinely take photographs, future generations will know so much about us through the vast digital archives that we will each leave behind, and I think that our little folklore paintings which allow us a brief snapshot of a time long ago are all the more special because of this. The contrast of a digital image on a screen and the tangible smell and feel of an old painting could not be more marked. Crucially, with a painting that pre-dates photography, we are never quite sure what the subject really looked like and therein lies the magic. Through the simple detail of a lace handkerchief, a woven fruit basket, the buttons on a shirt and the toenails of bare feet, Maltese men and women look out to us through the tip of an artist's brush that was dipped in paint over 200 years ago and we have the privilege of imagining these people animated and in life just as they would have been.

And what would they have thought of us I wonder? Our fast-paced consumer lives, mass communication and a seemingly insatiable appetite for instant information. 'Digital detox' is marketed now whether in a café or a bookshop where we can come together without our phones to do things that until very recently, we did naturally at home, and looking at the folklore paintings, it isn't difficult to imagine the gentle stitcher of a dress or a jacket, sitting quietly in natural light with a needle and a thread and fabric in hand. The skills of the Maltese artisan which would once have been seen in every village are sadly becoming scarcer – as they are everywhere – and in a busy digital age, it seems even more important that we cherish and support those who continue these crafts and that we are mindful too to take time ourselves in order to slow down, to watch and to learn.

This time last year, I wrote about planning an inter-generational event whereby we could come

together, share skills and learn from each other. Surgery prevented this unfortunately but there will certainly be plans for an event along these lines over the coming year, so do please get in touch with us if you have any thoughts or suggestions. We have been extremely fortunate too in that the club has received some very generous donations of beautiful beads from women in Mellieħa. This made for two really lovely sessions in the spring where we made hanging decorations and bracelets and I'm pleased to say that we still have an ample bead supply to use so these will certainly be made use of in our future craft sessions! All of our activities are suitable for beginners and plans for the coming year include workshops on Slow Stitching, Kawandi Quilting and English Paper Piecing (Patchwork), all of which will be in addition to our usual sessions that will be themed around the changing seasons and Christmas. The idea of a regular 'open' session is also an option that we are considering. This would be a regular 'drop in' for people to meet up, bring their own piece of craft or stitching and spend a couple of hours relaxing, chatting and recharging (the Imperial Crafters maybe?) As always, our precious natural environment is paramount and all of our workshops use recycled, sustainable and/or donated resources. It would be so nice to see both familiar and new faces at the sessions that we run and going forward, in order to accommodate understandable work and family commitments, each activity that we put on will be offered on two different days: a Tuesday evening and a Saturday morning. People can then choose which session would be best for them. A safe and a warm welcome is guaranteed and I would like to take this opportunity to thank all of those who have continued to support us over the last year and to wish you all a very Happy Feast. I am truly thankful to have been able to spend time with local people who are so creative and enthusiastic and I look forward very much to crafting together again soon.






On a final note, I hope that you will permit the indulgence of quoting a few lines from Ellie Beck, an extraordinarily talented Australian writer, stitcher, artist and maker:

*'In this world of ever-connected, always with a device in our hands or nearby, with way-too-easy access to knowing everything straight away we've lost sight of the small, tiny, delicate ways of life. The ways our ancestors sat each evening to stitch, mend, create, make with their hands. Fishermen mending their nets, mothers darning socks, children learning to stitch quilts out of worn out clothes. These were times in a family's day when they could connect back with each other, to share stories and experiences of their day. To sit together and pass on their knowledge …'*

Il-Festa t-Tajba!

**Dates for the Diary:**

Slow Stitched Designs – Tuesday 15 October (evening) or Saturday 19 October (morning)
Autumn Crafts – Tuesday 5 November (evening) or Saturday 9 November (morning)
Christmas Crafts – Tuesday 3 December (evening) or Saturday 7 December (morning)

For more details, or to book a place, please contact us on **79203322** or email on **info@imperialbandclub.com**





# L-Ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tal-Consitutional Club – Mellieħa

*Kif inhu dokumentat fil-minuti tal-Għaqda Mużikali Imperial, l-għaqda tagħna taf il-bidu tagħha fl-1930, bl-ewwel programm tal-Banda Imperial isir fil-21 ta' Settembru tal-istess sena. Skont l-istess minuti, l-ewwel seduta tal-kumitat fejn insibu l-isem bħala 'Imperial Band Club' hi dik tal-15 ta' Marzu 1931. Dan għaliex l-Għaqda Mużikali Imperial tnisslet mill-Consitutional Club li twaqqaf fil-Mellieħa fl-1924.*

*L-ewwel seduta tal-Constitutional Club saret il-Ħadd, 31 t'Awwissu 1924. Għalhekk, din is-sena jaħbat il-mitt sena minn meta twaqqaf il-**Consitutional Club – Mellieħa**.*

*Biex infakkru dan l-anniversarju tant importanti, qed nippubblikaw parti minn studju kronoloġiku li kien għamel il-mibki Jimmy Muscat fuq l-istorja tal-każin, bejn l-1924 u l-1929.*

## *Il-Constitutional Club – Mellieħa 1924-1929*

**Jimmy Muscat**

### Sena 1924

Waqt l-ewwel seduta tal-Constitutional Club tal-Mellieħa li saret nhar il-31 t'Awwissu 1924, is-Sur Walter Salamone ġie nominat bħala Viċi President u Aġent President għal dik il-laqgħa stess. Preżenti għal dik il-laqgħa kien hemm Carmelo Stellini, Gio Maria Vella, Francesco Buttiġieġ, Gio Maria Sammut, Salvatore Chetcuti, Francesco Bonello, Gino Gauci, Angelo Cutjar u William Howe. Il-Markiż Testaferrata Olivier ġie nominat bħala President, Carmelo Stellini bħala Kaxxier, Gio Maria Gauci bħala Aġent Kaxxier u Giorgio Vella bħala Segretarju.

Waqt din is-seduta ġew approvati wkoll ir-regolamenti li fuqhom kellu jitmexxa l-każin. Imbagħad, f'seduta oħra miżmuma



Constitutional Club - Mellieħa
Saret fil Club Sta Parrocchia - Il Hadd. 31/8/24.

Present:- Walter Salamone - agent president

Is-Sur Salamone gie innominat vici president u agent president ghas-seduta tal lum.
Chienu presenti dawn is-sinjuri li gew nghazulin bhala Cumitat direttiv:-
Carmelo Stellini - G.M. Vella - Fran. Buttigieg - G.M. Sammut
Salv. Chetcuti - Fran. Bonello - Gino Gauci - Ang. Cutajar
William Howe -
Gew nghazulin dawn l'uffiziali:-
Carmelo Stellini - Caxxier
G.M. Gauci - Vici Caxxier
Giorgio Vella - Secretariu
Walter Salamone - vice President
Marquis Testaferrata Olivier - President.

Gew nghoddia ir-regulamenti tal Club u iffirmati mis-Segretariu u President tal Cumitat. Is-seduta giet nghalqa mil president u aggiornata ghal Hadd 7 ta Settembru 1924.

George Vella
31/8/24

Walter Salamone
12/10/24

*Il-minuti tal-ewwel laqgħa tal-kumitat tal-Costitutional Club - Mellieħa.*

f'Ottubru 1924, kien hemm proposta biex jiġi mwaqqaf tim tal-futbol, ġew approvati 73 membru tal-każin u l-bottegin tal-każin ingħata f'idejn Francesco Buttiġieġ.

### Sena 1925

Matul l-1925 saru tliet seduti tal-kumitat. Il-bottegin ġie mikri għas-somma ta' £1.50 fis-sena, ġew approvati 11-il membru ġdid mal-każin u l-membri kollha kkontribwew għaż-żamma u t-tmexxija tal-każin, bil-kundizzjoni li jiġu mħallsa lura.

### Sena 1926

F'Jannar 1926 ġie elett kumitat ġdid. Fil-każin issa kien hemm 126 membru u jidher ukoll li f'Mejju tas-sena ta' qabel kienet ġiet imwaqqfa soċjetà orkestrali taħt l-isem ta' Santa Ċeċilja, il-patruna tal-mużika. Naraw ukoll li l-Wisq Nobbli Lady Strickland tat is-somma ta' £10 għat-twaqqif ta' din l-Orkestra u l-membri tagħha stess kienu jħallsu xelin u 6 soldi fix-xahar. Matul l-1926 kien hemm biss żewġ seduti.

### Sena 1927

Fl-1927 jidher li l-attivitajiet bdew jiżdiedu u kien hemm total ta' sbatax-il seduta tal-kumitat. Saru elezzjonijiet ġodda u sal-aħħar tas-sena kien hemm madwar 212-il membru fil-każin. Ġew mixtrija xi strumenti ġodda għall-orkestra u dawk il-membri li kienu ħarġu l-flus fis-sena ta' qabel ġew imħallsa lura għalkollox. F'Lulju 1927 ġiet organizzata mawra sa Għawdex għar-residenti Melliħin fuq il-vapur SS Wembley u saret ukoll ġabra biex jinxtraw xi bankijiet għall-entratura prinċipali tal-każin. Ġie deċiż li tiġi mistiedna banda biex iddoqq nhar lejlet il-Festa tal-Vitorja f'Settembru u ġie ordnat xi logħob tan-nar għal dik l-okkażjoni.

### Sena 1928

Il-kumitat tal-każin laqqa' tmintax-il seduta matul is-sena 1928 u fil-kumitat onorarju l-ġdid dehru uċuħ ġodda bħal Sir Gerald Strickland u l-Wisq Nobbli l-Konti F. Sant Cassia. Il-każin issa kellu madwar 210 membru, numru sostanzjali għal każin daqshekk ġdid f'raħal daqshekk żgħir. Matul l-ewwel seduta ta' din is-sena ġew approvati u kkonfermati r-regolamenti tal-1924. Fl-20 ta' Jannar 1928, il-każin kera l-postijiet bin-numri 21 u 22 fil-Pjazza tal-Parroċċa b'kera ta' £23 fis-sena għal tnax-il sena, taħt ċertu kundizzjonijiet. Ġew maħtura tliet membri biex jieħdu ħsieb din il-kera, iżda f'Lulju tal-istess sena l-kumitat tal-każin iddeċieda li jieħu dan il-piż tal-kera biex iħallsu hu stess.

Imbagħad f'Novembru ġie deċiż li l-kariga tas-surmast tal-orkestra tiġi terminata u f'Diċembru saret proposta, li ma ġietx aċċettata, biex jinbidel l-isem tal-każin. Jidher ukoll li kien hemm talba biex jinħatru president u viċi president ġodda u fit-23 ta' Diċembru 1928 eventwalment insibu lil Dr Angelo Attard Montalto bħala President u lil Dr Armando Mifsud bħala Viċi President. Kien hemm proposta oħra biex tiġi mwaqqfa banda taħt l-isem ta' 'Duke of York'. Din il-proposta jidher li ġiet aċċettata unanimament u kellhom jiġu miġbura fondi biex jinxtraw l-istrumenti għal din il-banda.

### Sena 1929

Fil-bidu tas-sena 1929 il-membri kollha tal-każin ġew imlaħħqa membri onorarji tal-Constitutional Club ta' Birkirkara, ġest verament ta' ġieħ bejn żewġ entitajiet mużikali. Saret ukoll proposta ġdida biex jiġu akkwistati u mixtrija xi strumenti tal-banda mill-Banda tal-Royal Malta Artillery. Ingħataw diversi donazzjonijiet għal dan il-għan u l-membri kollha tal-kumitat sellfu somom ta' flus biex eventwalment ġew imħallsa £90 għall-akkwist ta' 44 strument tal-banda, inklużi t-tnabar. Matul din is-sena ntbagħtu ittri ta' ringrazzjament lill-emigranti Melliħin li ġabru xi flus biex inxtara stendard ġdid għall-każin kif ukoll għall-karti tal-mużika mibgħuta lill-banda. Ammiratur tal-banda ta tletin leġiju għall-użu tal-bandisti.

Proposta importanti oħra kienet biex jiġi mwaqqaf kumitat indipendenti biex jieħu ħsieb il-banda. Dan kellu jinkludi membru mill-kumitat tal-każin u erba' membri oħra li kellhom jiġu magħżula minn fost il-bandisti stess. Biex jinġabru fondi għall-bżonnijiet tal-każin, f'Lulju 1929, ġiet organizzata ħarġa mill-Bajja tal-Mellieħa sal-Imġarr, Għawdex fuq il-vapur Odin. Jidher ukoll li matul is-sena 1929 kien hemm biss seba' seduti tal-kumitat.



# Fil-Festa 2024

**Philip Borg**

Fil-misraħ tal-knisja nġabret il-kotra
biex tidher qalb waħda f'dal-jiem daqshekk sbieħ,
għax waslet il-festa u r-raħal vetrina
għatxana biex tgawdi fil-ferħ bla mistrieħ.

It-toroq imlewna b'kull sett bandalori,
mal-pavaljuni, bradelli, tiżjin,
bil-baned jimlewna bil-marċi tal-briju
u dlonk iferrħuna, kuljum għaddejjin.

Filgħodu u flgħaxija bil-qniepen idoqqu,
b'murtali u sfafar tas-sema u tal-art,
min jaf kemm raw sogru, kemm swew ħin u ħila,
min jaf int ja mgħallem kemm flejjes kont ġbart!

Il-kotra tingħaqad għax waslet il-festa
u moda li tidher bħal poplu ferħan,
hekk sew li jitgħannqu madwar il-Mellieħa
bit-tama li x-xena mhix żiffa duħħan…

Il-birra bħal duwa li tnessi stalletti
u l-għaraq li jaħsel l-intejjen tas-snin,
għax hekk sew u xieraq ladarba tal-festa,
ħa nidhru l'aħn'aħwa qalb waħda mbewsin.

Imbagħad hemm il-knisja, bilħaqq hemm il-knisja!
Suppost hija l-qofol fis-sens reliġjuż,
għad illi għal ħafna mużew bit-teżori
bil-kotra tiftaħar bil-wirt tant glorjuż.

Imqar daqs il-fided, tiżjin u gandlieri
hemm aktar imħabba u għożż' għal xulxin,
tul sena, mhux ġimgħa, fil-misraħ, fi djarna,
imqar li ningħaqdu bħal aħwa Maltin!

Xħin tgħaddi titbandal O sbejħa Bambina,
il-kotra ċċapċaplek għall-ġmiel u t-tiżjin;
kemm iktar nixtieqha tixtarr x'qed tgħallimna
biex ngħixu ta' Nsara, bħall-aħwa henjin!

***Birkirkara***
***18.vi.2024***



# Bond of Friendship Tour 2024

## *Eynsford Concert Band Tour Malta*

**Sandra Lane & Vivienne Astall**

Eynsford Concert Band, a symphonic wind ensemble based in the small Kentish village of Eynsford embarked on a week-long tour of Malta in April 2024. The tour was arranged with support from both Għaqda Mużikali Imperial from Mellieħa and the Malta Tourism Authority. We have built up a warm and strong relationship with Għaqda Mużikali Imperial over almost four decades and this was our sixth tour to Malta. They were incredibly hospitable giving us a friendly welcome and we came to appreciate how important the contribution that these band clubs are to Maltese society. In almost every Maltese town and village you will find one or two and sometimes three band clubs, each having their own amazing premises, all have paying members and a band affiliated to them making this somewhat unique to Malta.







The band arrived in Malta with an extended party of 70 people (50 players) all staying in the Luna Holiday Complex in Mellieħa.

We were delighted to be invited to play at local events and the band immediately got to work with a joint rehearsal with the Imperial Band in preparation for a combined concert in the Mellieħa square.

The following day Michael Smith, Lt Colonel (retd) BA (Mus) LRSM held a conducting masterclass for several of the musical directors from the local music societies. During this masterclass Mike covered various topics of conducting from rehearsal preparation, leadership/ management, rehearsal techniques and how to communicate ways to improve the music/playing to the musicians in the band. The musical directors who attended the masterclass found this to be a very positive experience.

Day three of the tour saw us perform a concert in Annunciation Square in Sliema by kind invitation of Soċjetà Filarmonika Stella Maris where we performed many favourites such as William Tell, Game of Thrones (which was partly filmed in Malta), Mr Blue Sky amongst others and an arrangement of a Eurovision entry called Little Child as sung by Mary Spiteri in the 1992 Eurovision Song Contest which went down very well with the local Maltese audience. Meeting for a drink at the local band club, where we could meet other members of the

band community was a pleasure. It was evident that Malta has a long-standing band tradition.

Day five was the joint concert in Mellieħa where both bands performed a short programme of varying styles of music under the leadership of both musical directors, Anthony Borg for the Imperial Band and Michael Smith for Eynsford Concert Band. Both bands came together with a massed bands finale (over 100 players) including a new composition by Carl Borg a musician with the Imperial Band and who is currently studying music composition in Belgium, both bands benefiting from experiencing the two different styles of conducting. The concert was well attended and we had the honour of the Minister of Tourism Hon. Clayton Bartolo joining us in the audience. We are grateful for the support of the Malta Tourism Authority for their assistance in making this tour happen.





On the penultimate day of the tour, we performed a concert in Pjazza Jean De Valette in the capital Valletta. Beforehand, we met with representatives of the two band clubs, Kings Own and La Valette. Here, we learnt about their history and about the social and musical elements provided by the clubs. We exchanged gifts to honour our partnership. Later, we had a large and enthusiastic audience followed by a generous reception at the Mayor's residence hosted by the Deputy Mayor.

During the bands free time everyone had the opportunity to visit the many cultural places of interest on the Island including Mosta, Mdina, Valletta, Blue Lagoon and Malta's sister island of Gozo. We were enchanted by the rich history and vibrant culture. The people of Malta are friendly, hospitable, and charming.

This has been a truly memorable trip and we look forward to continuing our friendship with Għaqda Mużikali



Imperial in the coming years and look forward to the next invitation to visit Malta.

If other musical groups are interested in visiting Malta then please contact the Malta Tourism Authority for more information, or visit the website visitmalta.com.



### *Mike Smith* BA (Mus) LRSM

Mike took up the appointment of Music Director, Eynsford Concert Band in 2012 bringing with him a wealth of musical knowledge garnered from an extensive career in Army Music as a Director of Music.

Under his baton he has led the band on concert tours to Antwerp, Malta, Utrecht, Norway and Austria; helped raise considerable funds for a number of charitable organisations including The Soldiers' Charity; Motor Neurone Disease Association and in 2023, Barnardo's. In 2014 he led the band to be crowned National Concert Band Champions and, in 2016, ECB was the first band to represent the UK at the European Championships for Wind Orchestras.

Keen to expand the musical opportunities for the band, Mike has helped build close, long-term affiliations with other musical ensembles including the Band of the Grenadier Guards the Imperial Band Mellieha, Malta and the Kent Youth Wind Orchestra.

Away from the band Mike recently retired from the Army after 39 years of service in Army Music. During that time, he led a number of high-profile Army bands as Director of Music including the Band of the Grenadier Guards and The Band of The Royal Corps of Engineers and held the position of Chief Instructor at The Royal Military School of Music. He attained the rank of Lieutenant Colonel in April 2020 when appointed Commanding Officer, Regional Bands of the British Army. His last engagement in uniform was the Coronation Parade for King Charles III in May 2023.



### *Anthony Borg*

Following in the footsteps of his late father and grandfather who were both members of the Imperial Band Club (playing trombone and euphonium respectively), Anthony started his musical career with the Imperial Band as a trumpet player in 1979. The Imperial Band Club is very much a part of Anthony's family history - his brother is the Club's President, his sister is an active member of the choir and Anthony's son, Samuel, plays the trombone in the band. Anthony was appointed Assistant Musical Director and Brass Music Teacher in 1988 and he has held the position of Musical Director of the Imperial Band Club since his appointment in 1997.

In 1980, Anthony joined the Ghaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina of Mellieħa as a trumpet player, and from 1989 to 1994, he was also the orchestra's Musical Director. In addition, Anthony was for many years the Musical Director of the Soċjeta Filarmonica Prekursur of Xewkija in Gozo.




EYNSFORD CONCERT BAND VisitMalta.com

## *Eynsford Concert Band*



Eynsford Concert Band is a symphonic wind ensemble that has been based in the small UK village of Eynsford since 1972. The band has 50 playing members from all over the Southeast of England that aspire to attain the highest standards of musicianship within a social and friendly environment. It enjoys performing a wide range of concert band repertoire from popular music arrangements and orchestral transcriptions to classic and modern wind band works.



The band tours regularly and, over the years, has grown in both size and reputation and prides itself on its eclectic, challenging and rewarding repertoire. We are firmly rooted in our community and every year raise substantial amounts for local charities.

In 2016, we were proud to have been the first band to represent the UK at the European Championship for Wind Orchestras and in 2022 we celebrated our 50th Anniversary.

We first visited Malta in 1986 and this will be our 6th tour to the island, returning in 1987, 2002, 2003 and 2014. Through these visits we have formed a close relationship with the Imperial Band Mellieha and, in 2003, helped with organising the inaugural Mellieha International Music Festival. We are thrilled to be invited back to Mellieha to further strengthen the bond of friendship that has developed between us over the years.



## *Imperial Band*



The origins of the Imperial Band Club can be found in the 'Constitutional Orchestra Club' which was established in 1924. In 1928, a band club was formed under the name of the Imperial Band Club and in 1929, the club acquired its first instruments, 45 pieces in total plus percussion instruments. Since the very first musical programme which took place in the Mellieha Village Square in September 1930, the Imperial Band Club has gone from strength to strength.



With 50 active musicians, the Band has enjoyed a number of successful overseas visits including playing concerts in Sicily (1948), Tunisia (1995), Germany (1999) and Italy (2007 and 2017). A new and positive development in 1998, saw the development of the Imperial Choir which was formed with the aim being to perform during activities organised by the Imperial Band.

In addition to its regular commitments in Mellieha, the Band also involves itself in activities outside the village including taking part in official national celebrations.

Over the years, the Imperial Band Club has developed and made connections with a number of non-Maltese bands and these relationships have resulted in a range of joint concerts and initiatives. As the Imperial Band approaches its centenary year, we are delighted to take part in the 'Bond of Friendship' joint concert with Eynsford Concert Band, a concert celebrating over 20 years of friendship.



# Il-festi Maltin – wirt uniku u prezzjuż

**Professor George Cassar**



Kemm-il darba nisimgħu nies jitkellmu fuq il-festi u jlissnu kliem bħal: 'Għandna nibżgħu għall-festi tagħna'. Hemm min forsi jistaqsi: Imma għalfejn jgħidu hekk? Minn xhiex qed jibżgħu? X'sejjer ħażin fil-festi tagħna? u tant mistoqsijiet oħra. Dawn il-ħsibijiet kollha jgħaddu minn moħħ nies li qed jaraw il-festa Maltija tgħaddi minn tibdiliet, uħud fini u oħrajn sfaċċati, li jġegħluhom jinkwetaw u jitħassbu.

Kif qed niċċelebraw il-festi llum sar taħlita ta' modi moderni u oħrajn tradizzjonali, u sa hemm ma jidhirx li hu daqstant gravi – għax kif jgħid il-qawl Malti: 'Min ma jbiddilx iqammel'. Kollox għandu l-iżvilupp tiegħu u ħafna drabi rridu, jew ikollna, nimxu maż-żmien. Madankollu, jeħtieġ nifhmu li hemm tibdil u hemm tibdil. Li tirranġa biex ittejjeb is-sigurtà, jew li tuża materjal aktar effiċjenti u nadif, pereżempju, hu ta' bżonn u hekk għandu jkun. Mill-banda l-oħra, li ndaħħlu ċerti elementi fil-festa sempliċiment għax niggustawhom, jew għax kulħadd hekk qed jagħmel, jew biex nimxu maż-żminijiet mingħajr ħsieb jew mingħajr raġuni verament bżonjuża, dak jista' ma jkunx tant argument validu.

Dan l-artiklu se jiffoka biss fuq il-banda fil-festa ta' barra. Fil-festa Maltija nsibu elementi tipiċi li ilhom ġejjin għexieren ta' snin; twieldu u trabbew mal-festi tagħna min-nofs is-seklu dsatax u komplew jittrasformaw ruħhom mal-medda tas-snin. Ma' dawn hemm il-każini tal-banda li bdew wara li l-poplu tħajjar mill-baned militari u navali Ingliżi. Faqqashom, kabbarhom u saħħaħhom.

Sa nofs is-seklu għoxrin dawn il-festi u dak li jsir matulhom, baqgħu relattivament stabbli, bit-tip ta' marċi, tiżjin, ikel tal-okkażjoni, nar u aspetti oħra. Imma mis-snin sebgħin 'l hawn bdew deħlin ħafna bidliet li wħud minnhom tista' tgħid, heżżu l-bażi tal-festa Maltija. Hekk, ngħidu aħna, il-programm ta' fuq il-planċier. Dan il-programm mużikali kien ikun il-mod kif il-banda lokali, jew dik mistiedna, turi l-ħila tagħha b'mużika klassika u operistika, u permezz ta' dan ir-repertorju kienet tiddeverti imma wkoll teduka lill-popolin, li ma kellux mezzi finanzjarji u opportunità biex imur it-teatru. Dan għax dawn in-nies setgħu jisimgħu biċċiet minn opri jew mużika serja oħra fil-pjazez ta' Malta u Għawdex, u hekk iduqu mill-benna tal-kultura għolja u fina. Maż-żmien il-klassiku u operistiku twarrab, jew naqas, u daħlu elementi mużikali hekk imsejħa, pop. Fl-istudji tal-kultura, dan ifisser li twarrab is-sens ta' kultura raffinata u ddaħħal dak li kien qed jisma' kulħadd, mużika li kienet tajba imma mmirata lejn udjenza li tfittex aktar żvog u inqas impenn. Ma nistgħux ngħidu li l-banda ma baqgħetx teċċella fl-eżekuzzjoni, jew li l-ħila tal-bandisti u s-surmast direttur naqset jew spiċċat. Ngħidu biss li t-tip ta' mużika li daħlet ma baqgħetx wisq f'sintonija ma' dak li kien jindaqq oriġinarjament. Daħlu wkoll strumenti li ma kinux, u strettament mhumiex, tal-banda – bħas-synthesiser, id-drum kit, u l-kitarra akustika. Ir-repertorju sar aktar kontemporanju, u għalkemm f'xi programmi għadhom jipparteċipaw kantanti liriċi, daħlu wkoll il-kantanti pop. Barra minn hekk, ma nistgħux ngħidu li llum il-programm tal-pjazza u minn fuq il-planċier għadu wieħed daqstant indispensabbli fil-ħajja tal-popolin. U dan minħabba raġunijiet ovvji. Fi żmienna kollox sar inqas diffiċli biex taċċessah – il-mużika tinstema' fuq il-mezzi kollha tax-xandir, tindaqq b'mod privat meta trid u fejn trid, teċċiedi għal kull forma u ġeneru ta' mużika anki mill-faċilitajiet offruti permezz tal-kompjuter, u ħafna huma konxji ta' x'qed jiġri, jindaqq, u tal-protagonista, bla m'għandhom bżonn jattendu l-programm tal-banda fil-misraħ tar-raħal.

Imma l-mużika fil-festi hi pprovduta wkoll permezz tal-marċi fit-toroq. Hawn nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni baqgħet marbuta aktar mat-tradizzjoni. Il-marċ brijuż, mexxej u fuq ir-ritmu

konvenzjonali skont l-istil Malti, għadu jintgħaraf u prevedibbli. Il-każini tagħna baqgħu jindokraw sew dan l-istil. Il-kompożituri tal-marċi għadhom konxji dwar dak li jagħmel u jiddistingwi marċ Malti minn marċi ta' pajjiżi oħra. U s-sostenituri tas-soċjetajiet bandistiċi għadhom jippretendu u jistennew li l-banda tagħhom iddoqq il-marċi tipiċi. U b'hekk naraw li l-marċ tal-festa baqa' dak li kien matul seklu u nofs ta' eżistenza. U dan hu ta' min ifaħħru u jinkoraġġih.

Niġu issa għat-tielet forma ta' mużika 'tal-festa'. Qed ngħid 'tal-festa' għax fil-verità mhi tal-festa xejn. Qed nirreferi għall-mużika tal-parties tal-festa li jsiru fit-triq jew f'xi lokal; anki fil-każin stess. Mużika li m'għandha x'taqsam xejn mat-tradizzjoni, l-ispirtu jew il-gosti marbuta mal-festa tagħna. Mużika mid-dinja kollha, jew mużika b'lirika li tizzika u b'doża qawwija ta' pika, komposta għal atmosfera aktar frivola, diżinvolta u li ddarras meta tqabbilha mal-atmosfera komunitarja ta' matul il-ġranet tal-festa. Tip ta' mużika li m'għandha x'taqsam xejn mal-ispirtu tal-festa Maltija (u xi kultant anki tmur kontra l-element reliġjuż); mużika li tattratta persuni ta' etajiet aktar żgħar, u li nissogra ngħid li huma minn fost dawk li ma jafux / ma japprezzawx verament il-wirt kulturali tal-festi Maltin. Nies, li ħafna drabi qegħdin hemm ifittxu dik li huma jsejħulha 'buzz', jew l-esperjenza ta' eċċitament – jixorbu, jitbahardu, u jintilfu f'dillierju ta' emozzjonijiet tal-moħħ imtajjar. Tiġi weħidha l-mistoqsija: hu dan li jikkumplimenta l-festa Maltija?

### Ħsieb tal-għeluq

Il-mużika hi bla dubju essenzjali meta qed nagħmlu festa. Tagħti kulur, ritmu, sfond u skop għall-ferħ, iċ-ċelebrazzjoni, l-istennija għall-festa tal-qaddis. Il-banda hi element inseparabbli mill-wirt intanġibbli li jiffroma l-pakkett sħiħ tal-festa Maltija – li din mill-aħħar tal-2023 hi rikonoxxuta mill-UNESCO bħala wirt kulturali intanġibbli dinji. Il-baned tagħna għandhom responsabbiltà li ma jistgħux jinjoraw. Iridu jindokraw u jissalvagwardaw is-sehem tagħhom fil-festa Maltija. Iridu jġeddu mingħajr ma jeqirdu dak li jagħmel il-festa tagħha. Iridu jsaħħuh billi l-kumitati tal-każini jkunu attenti għal elementi estranji li wħud minnhom huma għandhom il-poter u d-dmir jikkontrollaw jew anki li ma jħalluhomx isiru.

Appell finali hu li l-festa Maltija ngħidulha 'tagħna' għax tassew hekk hi – unika u differenti minn ta' ħaddieħor. Nieħdu ħsiebha u ma nħalluhiex tintilef b'nuqqas ta' ħsieb jew għax nagħmew b'dak li qed jiġri band'oħra.








# Bidu Mużikali mal-Għaqda Mużikali Imperial

Mariette Borg

"Dejjem xtaqt nitgħallem strument, imma l-ġenituri qaluli li l-iskola hi iktar importanti!" "Kemm togħġobni l-mużika! Nixtieq nitgħallem, imma issa tard wisq." Ma nafx ngħidilkom kemm-il darba smajt rakkonti bħal dawn meta ngħid lil xi ħadd li qbadt it-triq tal-mużika. Bla dubju, iż-żminijiet inbidlu, u ħafna ġenituri qed jaraw il-benefiċċji li t-tfal tagħhom jistudjaw il-mużika, anke jekk forsi ma jarawx il-mużika bħala karriera potenzjali għal uliedhom. Ħafna drabi, it-tfal jintbagħtu mill-ewwel biex jitgħallmu strument. Imma x'jiġri jekk it-tifel jew tifla ma jkunux interessati f'xi strument partikolari, jew ikunu għadhom żgħar wisq biex jibdew jitgħallmu strument? L-Għaqda Mużikali Imperial ħasbet li tindirizza sitwazzjonijiet bħal dawn billi tibda toffri sessjonijiet ta' introduzzjoni għall-mużika għal tfal u żgħażagħ minn erba' snin 'il fuq. Dan grazzi għall-proġett bit-titlu ta' 'Bidu Mużikali' fl-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2024' amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.





Mill-applikazzjonijiet li daħlu, għaqqadna żewġ gruppi ta' tfal: wieħed ta' tfal ta' erba' snin, u grupp ieħor ta' tfal ta' etajiet bejn is-sitt snin u l-ħdax-il sena. Dawn it-tfal kienu mistiedna jattendu sitt sessjonijiet għal kull grupp f'Awwissu fis-Sala Imperial. Il-ġenituri kienu mħeġġin biex jibqgħu mat-tfal matul is-sessjonijiet biex dak li jseħħ ikunu jistgħu jkomplu jaħdmu fuqu fl-esperjenzi tagħhom ta' kuljum.

L-enfasi kienet fuq li dawn it-tfal jesperjenzaw il-mużika b'mod tanġibbli u konkret permezz tas-smigħ, il-moviment, il-kant, l-esperimentazzjoni bl-istrumenti, il-viżwali u t-teknoloġija. Xtaqna li t-tfal jieħdu tagħlim ta' kunċetti mużikali fundamentali, li għad li bażiċi huma importanti ħafna! Dawn il-kunċetti jinkludu: it-taħbit stabbli fil-mużika (bħat-taħbit tal-qalb), ir-ritmu (kif ukoll kif jinkiteb ir-ritmu), il-piċċ (li jinkludi d-distinzjoni bejn ħsejjes għoljin u baxxi, u liema strumenti jagħmlu dawn il-ħsejjes), familji ta' strumenti differenti fil-banda u fl-orkestra (inkluż it-timbru tagħhom), kif ukoll l-istruttura ta' biċċiet mużikali. Dawn il-kunċetti huma utli għat-tfal, kemm jekk

ikomplu jitgħallmu l-mużika b'mod formali, kif ukoll jekk jiddeċiedu li ma jkomplux, għax joffrulhom perspettivi differenti li minnhom jistgħu japprezzaw biċċa mużika, kif ukoll jagħtuhom il-lingwa essenzjali biex jiddeskrivu l-mużika. L-għalliem tal-istrumenti tar-ram, kif ukoll bandisti żgħażagħ tal-istrumenti tal-injam u tal-perkussjoni, involvew lit-tfal f'attivitajiet li jinkludu l-istrumenti li jispeċjalizzaw fihom huma.

Aristotli, iktar minn tliet mitt sena qabel Kristu, fil-'Politika' jgħid "Il-mużika għandha s-saħħa li tifforma l-karattru, u għalhekk għandha tiġi introdotta fl-edukazzjoni taż-żgħar." Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar qed naraw kemm dan il-filosfu Grieg kellu raġun. Kulħadd sema' dwar il-benefiċċji li l-edukazzjoni fil-mużika għandha f'ħafna ħiliet tal-moħħ, inklużi l-memorja, il-lingwa u l-attenzjoni. Inqas imsemmija huma l-aspetti soċjali u emozzjonali fit-tfal. Dawn jinkludu l-għarfien u l-fehim tal-emozzjonijiet, u l-abbiltà li t-tfal jirregolaw l-emozzjonijiet tagħhom stess. Il-mużika tgħin ukoll lit-tfal jesprimu ruħhom u jikkritikaw lilhom infushom. Ir-riċerkaturi sabu wkoll li l-edukazzjoni mużikali tgħin fl-iżvilupp tar-responsabbiltà, tal-empatija u tar-relazzjonijiet soċjali. Iktar u iktar, meta t-tagħlim isir fi ħdan komunità mużikali bħall-Għaqda Mużikali Imperial, dawn ir-relazzjonijiet soċjali u s-sens ta' responsabbiltà se jissaħħu u jsibu fonti ta' sostenn f'diversi aspetti tal-iżvilupp.

Ringrazzjament speċjali lill-Għaqda Mużikali Imperial, li għarfet l-importanza ta' bidu mużikali sod għaż-żgħar tal-komunità tagħna, lill-ġenituri li appoġġjaw lil uliedhom, u lit-tfal li attendew is-sessjonijiet, li fetħu moħħhom u qalbhom għall-mużika u għal xulxin tul dan il-vjaġġ tagħna flimkien. Inħarsu 'l quddiem biex dan li bdejna permezz ta' dan il-proġett inkomplu nirrepetuh u nsaħħuh fix-xhur u s-snin li ġejjin.

Ippermettuli nagħlaq bil-kliem taċ-ċellista famuż Amerikan ta' oriġini Ċiniżi, Yo-Yo-Ma: "Music enhances the education of our children by helping them to make connections and broadening the depth with which they think and feel. If we are to hope for a society of culturally literate people, music must be a vital part of our children's education."





Proġett mill-**Għaqda Mużikali Imperial** bil-kollaborazzjoni tal-**Aġenzija Żgħażagħ** u l-**Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda** bħala parti mill-iskema **'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2024'.**

*Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi/awturi u l-Aġenzija Żgħażagħ ma tistax tinżamm responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.*





# Dati Importanti fl-Istorja tal-Mellieħa

**Mario Fenech**



F'kull lokalità tal-gżejjer Maltin, l-istorja reliġjuża u kulturali tista' tgħid li dejjem issibha minsuġa madwar il-knisja tar-raħal, mal-każin tal-banda, kif ukoll ma' xi avveniment importanti li baqa' jissemma għall-importanza tiegħu u għall-mod kif bih kien ġie ċċelebrat.

Ir-raħal tal-Mellieħa matul is-snin tal-istorja tiegħu ma kienx nieqes minn dawn l-avvenimenti, iżda bla dubju l-akbar wieħed minnhom kien dak tal-Inkurunazzjoni Solenni tax-xbieha tal-Madonna meqjuma fis-Santwarju antik u devot li jiġu jżuruh minn kull rokna ta' Malta u Għawdex.

Bħalma wieħed kien jistenna, biex saret din iċ-ċerimonja tant importanti tal-inkurunazzjoni kien sar ħafna xogħol ta' preparazzjoni kif ukoll il-ġbir tal-flus meħtieġa kemm sabiex isiru l-kuruni għal ras ix-xbihat tal-Madonna u tal-Bambin, kif ukoll għall-programm sħiħ ta' festi.

S'hawn kollox sew, iżda meta wieħed iqis il-fatt li f'dak l-istess żmien kienet qiegħda tinbena l-Knisja Parrokkjali l-ġdida b'tant sagrifiċċji u b'ħafna problemi finanzjarji, l-istorja tiegħu xejra bil-wisq differenti minn ċirkostanzi normali.

Il-Kappillan Dun Franġisk Maria Magri li mexxa l-Parroċċa mis-sena 1880 sas-sena 1907 kien il-moħħ u l-ħeġġa li beda u mexxa x-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida. L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-5 t'Awwissu 1883 u tbierket mill-istess Kappillan Magri bħala delegat tal-Isqof Mons. Karmenu Scicluna.

Għaddew numru ta' snin, ħafna minnhom ta' taqtigħ il-qalb, sakemm il-knisja ġiet imbierka mill-Isqof Mons. Pietru Pace fil-5 ta' Settembru 1897. Għalkemm il-knisja kienet qiegħda tintuża, din ma kinitx lesta għalkollox. Fost ix-xogħol li kien baqa' jsir kien hemm dak tal-bini tal-kampnari.

Sadanittant, l-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace kellu t-talba tiegħu maqlugħa mingħand il-Papa Ljun XIII li permezz ta' digriet tad-29 ta' Mejju tas-sena 1895 setgħet issir iċ-ċerimonja tal-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna meqjuma b'tant devozzjoni



*Ritratt tal-knisja tal-Mellieħa bil-kampnari qegħdin jinbnew. Fil-parti t'isfel tar-ritratt tidher il-faċċata tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.*


Il-faċċata tal-knisja tal-Mellieħa wara li tlestew il-kampnari.

fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Il-Kappillan Magri flimkien ma' Dun Karlo Cortis, li aktar tard kien laħaq kappillan tal-Parroċċa tal-Mellieħa, flimkien ma' Dun Indri Fenech u l-poplu tal-Mellieħa għamlu sagrifiċċji kbar sabiex ġie mfassal programm xieraq għal din l-okkażjoni.

Fl-24 ta' Settembru 1899, l-Isqof Mons. Pietru Pace assistit minn Mons. Giovanni Maria Camilleri, l-Isqof t'Għawdex, u Mons. Salvatore Gaffiero, l-Isqof Titulari ta' Silimbrija, poġġa kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna u oħra fuq ras il-Bambin, fost il-ferħ ta' dawk kollha preżenti.

Il-Kappillan Magri baqa' jmexxi l-Parroċċa tal-Mellieħa għal perjodu ta' tmien snin wara l-Inkurunazzjoni. Għalkemm għamel ħiltu kollha u ħareġ ukoll kemm seta' flus minn butu biex jitkompla x-xogħol tad-dekorazzjoni tal-knisja, meta laħaq Kappillan Dun Karlo Cortis, li mexxa l-parroċċa mis-sena 1908 sas-sena 1924, dan sab is-somma ta' 750 lira dejn xi jħallas.

Dun Karlo Cortis bħall-kappillan ta' qablu ħadem mhux biss biex itejjeb il-qagħda finanzjarja tal-Parroċċa, iżda kien kapaċi wkoll ilesti l-bini tal-kampnari tal-knisja fis-sena 1920. Huwa temm il-parrokat tiegħu wara li kien ħa ħsieb jagħmel festa xierqa fl-okkażjoni tal-għeluq il-25 sena mill-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna tas-Santwarju.

Din is-sena hija waħda speċjali għall-poplu tal-Mellieħa għaliex fiha qiegħed jiġi mfakkar dak li seħħ 125 sena ilu bl-Inkurunazzjoni tax-xbieha għażiża tal-Madonna tal-Mellieħa.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.





# Dance is the hidden language of the soul

**Pippa Roberts**

Already a year since the feast of Mellieħa 2023 and quite a year with new challenges for Steve together with his dance partner Andrea, from Germany.

After their success at the German Open Championships last year, they decided to enter the Freestyle category of Wheelchair dance. As this was new to both of them, their choreographer and coach decided to do something out of their comfort zone. With the rehearsals dependent on one or the other having to travel abroad it was another hurdle to overcome. BUT overcome they did when they performed at the Holland Dance Spektakel they were placed an impressive 3rd. Repeating the performance in the Polish Open Championships they came 1st. They also took part in the first French Open Championship in Lyon, placing 2nd in the Standard championship. They have continued to compete in Ballroom Championships in Netherlands and Poland as well as once again in the German Open Championships.



Later this year they will take part in the Malta Open Dance Spectacular 2024 which Steve also helps organise. This event is attracting dancers from around the world including dancers from U.S.A. and Brazil as well as many countries from Europe. This year people with learning difficulties from Poland as well as Slovakia and U.K. will also take part, giving them the opportunity to participate with all dancers. Don't miss this great dance spectacular November 23rd and 24th.



Steve is now looking for a Maltese Ballroom and Latin American dancer to continue competing with, so please do not hesitate if you are interested in trying out this interesting sport. Wheelchair users are also encouraged to see and maybe come and try it out.

Steve is known for his musical talents so make sure you come and support him at Ta' Qali Basket Ball Pavilion in November. See you all then.

***Don't miss this great event. For more information email:*** **maltawda@yahoo.co.uk**



# Ir-raħal tal-melħ

Evarist Bartolo

L-isem tar-raħal tagħna 'Il-Mellieħa' jfisser dak li jagħmel il-melħ jew dak li jbigħ il-melħ. F'postijiet oħra fejn kienu jagħmlu l-melħ mill-ilma baħar insibu wkoll il-Ponta tal-Mellieħa qrib il-port tal-Imġarr, Għawdex, Tal-Mellieħ f'Ħal Kbir, Burmarrad, u l-Mellieħa ta' Ben Għisa, il-Mellieħa ta' Ras il-Ħobż u l-Mellieħa taż-Żonqor.

L-istoriku Godfrey Wettinger jgħidilna li ftit li xejn nafu fuq is-salini tal-Mellieħa. Li nafu hu li qabel il-wasla tal-Ordni tal-Kavallieri fl-1530, is-salini tal-Mellieħa ġieli ngħataw bħala fewdu lil dawk li kienu jikru lil Malta mingħand ir-re. Il-melħ tant kien meqjus essenzjali li kien jinżamm taħt il-kontroll tal-kuruna biex tiddeċiedi hi kif jinħadem, jinġabar u jinbiegħ.

L-Ordni tal-Kavallieri wkoll tat importanza lill-produzzjoni tal-melħ. Għamlet diversi xogħlijiet mal-kosta tal-gżejjer tagħna biex ikun hawn biżżejjed produzzjoni tal-melħ u ma jkunx hemm bżonn li jiġi impurtat minn artijiet oħra. Mal-kosta taż-żewġ naħat tal-Mediterran insibu ħafna salini jipproduċu l-melħ mill-evaporazzjoni tal-ilma baħar mix-xemx.

F'mappa ta' Malta tal-1551 is-salini tal-Mellieħa nsibuhom imniżżlin bħala 'saline'maġenb l-Għadira. Is-salini kienu fejn illum hemm ir-Riserva Naturali tal-Għasafar. F'mappa tal-1631 jissejħu 'Le Saline Vecchie' (Is-Salini l-Antiki) biex juru li huma differenti u iżjed qodma minn dawk aktar 'riċenti' ta' Benwarrad, li llum nafuh bħala Burmarrad. Pittura tal-Assedju tal-1565, li saret bejn l-1575 u l-1580 ta' Mattia Perez d'Aleccio turi li diġà kien hemm 'Saline Nove' fl-1565 f'Burmarrad.



*Is-Salini tal-Imġiebaħ, 1846*

### Wirt li għandna napprezzawh

Wettinger jaħseb li l-abbandun tagħhom u tal-industrija tal-melħ tal-Mellieħa kien marbut ma' meta r-raħal beda jmur lura minħabba li fis-seklu 15 in-nies telqu mill-inħawi beżgħana mill-attakki tal-pirati li kienu jinżlu l-art biex jaħtfuhom u jeħduhom ilsiera u magħhom jieħdu kulma jistgħu jġorru. Wettinger jaħseb li anki fl-aqwa tagħhom is-salini kienu jħaddmu ftit nies. In-nies tal-Mellieħa l-aktar li kienu jgħixu kien bix-xogħol fl-għelieqi, aktar milli bis-sajd.

Imma li hu żgur hu li fi Frar tal-1694, kien hemm produzzjoni tal-melħ il-Mellieħa għax ħareġ bandu li fih jingħad li dawk li jaħdmu fil-melħ fis-salini tal-Mellieħa u ta' Burmarrad kienu qed jisirqu l-melħ ta' xulxin. Ġie deċiż li minn dak ix-xahar 'il quddiem biex taħdem fil-melħ irid ikollok liċenzja.

Paul P. Borg jgħidilna li f'Mejju tal-1706 dawk li jipproduċu l-melħ kellhom jaraw li jkun tal-aqwa kwalità u li l-prezz kellu jkun dak kif iffissat mill-gvern tal-Ordni tal-Kavallieri. Min kien jinqabad ibigħu bi prezz ogħla minn dak stabbilit, kien jintbagħat jaħdem fuq ix-xwieni tal-Ordni għal tliet snin.

Minbarra s-salini antiki tal-Għadira, mal-kosta tal-Mellieħa kien hemm ukoll salini ta' ħofor naturali u oħrajn mqattgħin fil-blat f'postijiet bħaċ-Ċirkewwa, il-Marfa, il-Qammieħ u tal-Imġiebaħ f'Selmun. Imma anki fil-qiegħ ta' Għajn Żejtuna u fil-blat tal-Armier mal-baħar, fejn kien hemm ħofor fondi, kien jinġabar il-melħ, għalkemm dawn il-ħofor ma nsibuhom immarkati fl-ebda mappa. F'postijiet bħal dawn u oħrajn, il-familji kienu jiġbru l-melħ għall-bżonnijiet tagħhom, aktar milli biex ibigħuh.

Fl-1937 tħaffru s-salini ta' Selmun, aktarx l-aħħar salini li tqattgħu fil-blat f'pajjiżna bħala tkabbir ma' dawk li kienu jeżistu diġà. Kienu nkrew minn John Calafato li ried jipproduċi hu stess il-melħ li kellu bżonn għall-fabbrika tal-ġild li kellu l-Marsa. Ġew abbandunati wara li sarulhom ħsarat kbar b'maltemp qawwi li għamel fi tmiem is-snin 90.

Tajjeb kieku nitgħallmu napprezzaw ħafna iżjed dan il-wirt li għadna nsibu mal-kosta tagħna tal-produzzjoni tal-melħ li jagħti isem lir-raħal tagħna.



# Inċidenti li seħħew fil-Mellieħa fl-ewwel xhur tal-1944

## *Marzu-April 1944*

**Charles Debono**
*Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

### Introduzzjoni

Fl-Okkurrenzi tal-Pulizija tad-Distrett tal-Mosta nsibu ħafna rapporti li saru fil-Mellieħa matul is-sena 1944. Peress li dis-sena huwa t-tmenin anniversarju ta' meta l-Alleati żbarkaw fi Franza, fis-6 ta' Ġunju 1944, liema żbark wassal għall-bidu tal-liberazzjoni tal-Ewropa tal-Punent minn taħt il-ħakma Nażista, bħala okkurrenzi għażilt li nitkellem fuq it-tieni xahrejn tal-1944. Ħafna mill-inċidenti li saru huma misjuba fir-rapporti li kienu jsiru minn bdiewa Melleħin jew Maltin li kellhom għalqa jew għelieqi fil-Mellieħa stess.

Minnhom nistgħu nieħdu idea ta' kif kienet il-ħajja fil-Mellieħa, anki wara li l-gwerra kienet tbiegħdet minn Malta. Apparti li naraw fejn kienu wħud mill-ħafna għelieqi li kien hawn fir-raħal, naraw ukoll liema suldati kien hawn stazzjonati fil-Mellieħa, x'tipi ta' ucuħ tar-raba' kienu jinżergħu l-iktar, is-serq mill-għelieqi, is-serq ta' oġġetti jew propjetà tal-Kuruna (Brittanika), ġlied bejn familji, bombi jew mini tal-baħar li kienu għadhom attivi, u oħrajn.

### L-Inċidenti

#### L-1 ta' Marzu, 1944

Joseph Caruana, ta' 50 sena, fis-6.00pm, irrapporta li fil-25 ta' Frar, suldati mill-1st Battalion 'Headquarters Company' King's Own Malta Regiment (KOMR), ikkawżaw ħsarat fix-xtieli tal-patata fl-għalqa tiegħu, li kienet fl-inħawi ta' Għajn Tuta, limiti tal-Mellieħa. Hu talab kumpens ta' £5.

Carmelo Vella, ta' 52 sena, fis-6.15pm, irrapporta li fil-25 ta' Frar, suldati mill-1st Battalion 'Headquarters Company' KOMR, ikkawżaw ħsarat fix-xtieli tal-patata fl-għalqa tiegħu, li kienet fl-inħawi ta' Għajn Tuta, limiti tal-Mellieħa. Hu talab kumpens ta' £2.[1]

#### Il-15 ta' Marzu, 1944

Il-Kappillan Indri Fenech irrapporta li persuna mhux magħrufa, ikkawżat ħsara ħafifa, billi barxet il-ħajt tal-parapett tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.[2]

#### Il-21 ta' Marzu, 1944

Joseph Cortis, ta' 42 sena, Salvu Gauci, ta' 34 sena u Victoria Cortis ta' 36 sena, ġew imħarrka talli fil-21 ta' Marzu, 1944, għall-ħabta tat-8.00am, fl-Aħrax tal-Mellieħa, tellfu l-ordni pubblika, billi bdew jiġġieldu. Apparti hekk, Joseph Cortis, ħareġ revolver u tefa' ġebel fid-direzzjoni ta' Salvu Gauci, u Victoria Cortis tefgħet ġebel lil Salvu Gauci wkoll, bil-periklu li setgħu jintlaqtu nies li kienu għaddejjin minn dawk l-akkwati. Mill-banda l-oħra, Salvu Gauci kellu fuqu arma li taqta' u bil-ponta mingħajr il-liċenzja tal-Pulizija, u tefa' ġebel lil Joseph u Victoria Cortis, b'periklu għal min seta' kien għaddej fil-viċinanzi. It-tlieta li huma sofrew xi ġrieħi, li ma kellhomx importanza, kif kienu ċertifikati minn Dr. C. Caruana, District Medical Officer (DMO) tal-Mellieħa. Apparti hekk, Salvu Gauci, hedded serjament lil missieru, Joseph Gauci, ta' 76 sena u lil Joseph Cortis u kkawża ħsarat intenzjonati lill-prodotti ta' Joseph Cortis.[3]

#### It-23 ta' Marzu, 1944

Salvatore Gauci, ta' 33 sena, fis-6.00pm, irrapporta li ġurnata qabel (fit-22 ta' Marzu, 1944) waqt li kien fi Triq il-Kbira, Carmelo Cortis, ta' 28 sena, li kien joqgħod Nru 27, Triq il-Kbira, il-Mellieħa, beda jiġri warajh u pprova jtih daqqa ta' ponn.[4]

#### Is-26 ta' Marzu, 1944

Salvu Attard, ta' 50 sena, irrapporta li persuna jew persuni mhux magħrufa daħlu fl-għalqa tiegħu fl-inħawi tat-Tomna, limiti tal-Mellieħa, u minn hemm insterqet silla ħadra b'valur ta' 7/-.

Carmela Borg, ta' 43 sena, irrappurtat li xi ġimagħtejn qabel, hi sabet nieqsa mill-għalqa tagħha fil-Bajja tal-Armier, limiti tal-Mellieħa, blokka tal-ħadid, b'valur ta' 4/-.[5]

Carmelo Cini, ta' 43 sena, irrapporta li fl-aħħar ġranet, trakkijiet tal-1st Battalion, Headquarters Company, KOMR, ikkawżaw ħsarat fil-bankini tal-Ħdax-il Triq (illum Triq is-Santwarju), il-Mellieħa.

Saviour Grima, ta' 44 sena, irrapporta li fil-ġimagħtejn ta' qabel, suldati tal-1st Battalion, 'A'

Company, KOMR, ikkawżaw ħsarat fil-ħitan u bnew ħangers fl-għalqa tiegħu, li kienet Għajn Tuffieħa, limiti tal-Imġarr. Hu talab kumpens ta' £8.[6]

### It-28 ta' Marzu, 1944

Giuseppe Buttigieg, ta' 55 sena, irrapporta li fid-19 ta' Marzu, 1944, gunners tar-Royal Malta Artillery (RMA), ikkawżaw ħsarat lis-silla fl-għalqa tiegħu, li kienet f'Ta' Tafal, limiti ta' Għajn Tuffieħa, l-Imġarr. Hu talab kumpens ta' £11.[7]

### It-13 ta' April, 1944

Il-Kmandant Uffiċjali tat-39th General Hospital, fil-Kamp tal-Għadira, il-Mellieħa, irrapporta li ċertu Carmelo Borg, li kien joqgħod fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, instab, fis-27 ta' Marzu 1944, fil-pussess ta' 30 kutra, li allegatament kienu nsterqu mill-isptar imsemmi. Mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija tar-Riġment, qabel ma sar dan ir-rapport, irriżulta li Private No. 60295 A. Borg u Private No. 60178 C. Romano, it-tnejn li huma kienu jiffurmaw parti mir-Royal Army Medical Corps (RAMC) forza territorjali, fis-26 ta' Marzu, biegħu l-kutri msemmija lill-persuna msemmija Carmelo Borg għas-somma ta' £21. Huwa mifhum li Borg u Romano tressqu quddiem Qorti Militari Ġenerali, talli serqu u eventwalment biegħu 30 kutra, li kienu propjetà tal-Kuruna. Carmelo Borg stqarr li kemm Borg kif ukoll Romano kienu ltaqgħu miegħu filgħaxija tas-26 ta' Marzu, fl-għalqa ta' missieru fil-Mellieħa, u offrewlu b'bejgħ 30 kutra, li huma stqarru li ma kinux iktar ta' użu għall-awtoritajiet tal-isptar.

Carmelo Borg ma ċaħadx li hu ma tax lura l-kutri, immedjatament, wara li l-Pulizija Riġmentali kienu ġew iżuruh fid-dar tiegħu, fl-għodwa tas-27 ta' Marzu. Privates Borg u Romano, fil-preżenza tal-Pulizija Riġmentali taw lura lil Carmelo Borg £15, li dan tal-aħħar kien ħallas għal kutri. Ir-rapport jispiċċa jgħid li Carmelo Borg kien ta' karattru tajjeb.[8]

### Il-15 ta' April, 1944

Carmelo Borg, ta' 48 sena, irrapporta li fit-12 ta' April, 1944, għall-ħabta tal-4.00pm, waqt li No. 13304 Lance Corporal J. Sayheli 'B' Platoon, 32nd Company, Royal Army Service Corps (RASC), stazzjonat il-Furjana, kien qed isuq trakk militari No. A.620, b'veloċità moderata fi Triq il-Mitħna l-Ġdida għall-Ewwel Triq (illum Triq Sant'Anna), fil-Mellieħa, laqat il-bieb tar-residenza ta' Borg, li kienet f'Nru 16, l-Ewwel Triq, il-Mellieħa, u kkawża ħsarat li jammontaw għal madwar £35.

Ix-xufier J. Sayheli ma kellux liċenzja tas-sewqan, u f'xi ħin kien fil-kumpanija tax-xufier No. 13338 Pte. L. Takassin 'B' Platoon, RASC, il-Furjana, li kellu liċenzja tas-sewqan 4566/44. Ħadd ma weġġa' f'dan l-inċident.[9]

### Is-16 ta' April, 1944

Carmel Sant, ta' 38 sena, minn San Pawl il-Baħar, irrapporta li fil-ġurnata ta' qabel (fil-15 ta' April, 1944), għall-ħabta tas-7.00am, osserva mina tal-baħar fil-wiċċ, fil-Bajja tal-Mellieħa, madwar 100 jarda 'l barra mill-kosta ta' Rdum tal-Madonna, limiti tal-Mellieħa. Il-mina tal-baħar imsemmija tneħħiet mill-Bomb Disposal Unit, matul l-istess jum, fis-2.00pm.[10]

### L-20 ta' April, 1944

John Grima, ta' 56 sena, despatcher fuq ir-rotta tal-Mellieħa, irrapporta li Carmel Fenech, li kien joqgħod Nru 9, Is-Seba' Triq (illum Triq San Publiju), il-Mellieħa, Beġġ Nru 2548, Liċenzja tas-Sewqan Nru 846/44, waqt li kien qed jagħmilha ta' xufier tal-karozza tal-linja Nru 3549, dam max-xarabank tiegħu għal sitt minuti bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar.[11]

### Il-21 ta' April, 1944

Waqt li kien qed jaqdi dmirijietu fil-Marfa, għall-ħabta tal-10.00am, PC 292 A. Stellini osserva żewġ mini tal-baħar. Waħda minnhom inġarret mill-kurrent tal-baħar u tellagħha fuq l-art, fil-Marfa, mentri l-oħra kienet imbiegħda mill-Ponta taċ-Ċirkewwa, limiti tal-Mellieħa. Il-mina tal-Marfa nstab li kienet baga u dik tal-Ponta taċ-Ċirkewwa ġiet sploduta mill-BDO, matul il-gurnata, fil-12.15pm.[12]

### Konklużjoni

Kif rajna, il-ħajja fil-Mellieħa f'dawk iż-żminijiet kienet iktar kalma, imqabbla mas-snin ta' qabel, meta l-għadu kien jiġi jattakka lil Malta. L-inċidenti li kienu jinqalgħu huma simili ħafna għal dawk ta' qabel, bħal pereżempju, meta suldati kienu jidħlu fl-għelieqi jew isir serq ta' prodotti jew oġġetti mir-raba'. Għalkemm il-periklu ta' xi invażjoni mill-għadu kien ilu li spiċċa, jidher li xorta fil-Mellieħa kien għad fadal elementi tal-KOMR stazzjonati fir-raħal.

### Referenzi

1 (N)ational (A)rchives, (M)alta, (C)ommissioner (O)ccurrences (B)ook, Mellieħa, 17-12-1943 to 17-3-1944, p 203.
2 Ibid, p 234.
3 NAM, COB, Mellieħa, 17-3-1944 to 21-7-1944, Mingħajr numru tal-paġna.
4 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
5 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
6 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
7 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
8 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
9 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
10 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
11 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.
12 Ibid, Mingħajr numru tal-paġna.





# Il-Bumbarda

**Joseph F. Cachia**

Lej' l-bumbarda konna mmorru,
Meta x-xita tkun għaddiet.
Magħna xejn ma konna nġorru,
Biex nilagħbu hemm fil-kwiet.

Ħofra kienet dil-bumbarda,
Ġewwa x-xagħra tal-Qortin.
Kienet daqs ħames mitt jarda,
Mid-dar tagħna, f'Ta' Snajjin.

Malli tagħmel bexxa sewwa
'l hemm arana, lkoll sejrin.
Hienja li tlaqna minn ġewwa.
Ilkoll l'aħna ferħanin.

Kienet ftit 'il bogħod mill-qiegħa
Li kellu z-ziju Ġuż.
Hemm qattajt jien kemm-il siegħa.
Żmien li llum narah prezzjuż.

Il-ħofra ma kinitx kbira
U l-ilma ma kienx tant fond.
'Ma għalina kellha tifsira.
Ħalli ngħidha ċar u tond.

Kienet bajja! Kienet baħar,
Għalina bniet u subien.
Sal-lum stess, għadni niftakar,
Kemm kien sabiħ dak iż-żmien.

Konna żgħar, dejjem ferħana
Nilagħbu, ninbxu 'l xulxin.
Tassew kienet l-hena tagħna
Inċafalsu, imxarrbin.

Ma' xtutha xi kmamar bnejna.
Ġebel imkaħħal bit-tajn.
B'landi msadda s-soqfa għattejna.
Ma tantx kienu sbieħ fil-għajn.



*Il-Bumbarda kienet ħofra bl-ilma bħal din.*



*Il-Bumbarda kienet ftit 'il fuq mill-blata li tidher immarkata b'ċirku.*



*Żrinġ bħal dawk li konna naqbdu.*

Mas-soqfa anke ħsibnielhom
Sabiex l-ilma ma joqgħodx.
L-għonq ta' flixkun waħħalnielhom.
Rajna illi t-tajn ma jsoddx.

Fihom xi 'dgħajjes' daħħalna.
Biċċa kienu tal-metall,
Oħrajn mill-injam sawwarna.
Xogħol kif jafu jagħmlu t-tfal.

Mill-imżiewed tal-piżelli,
Jien kont ħloqt kenuwijiet.
Ma nafx jien kemm minnhom kelli.
Kont nagħmilhom flgħaxijiet.

Darba għal ftit ma spiċċajtx mejjet
Meta ġol-ilma waqajt.
Naħseb li ssugrajt iżżejjed!
Bl-għajnuna ta' oħti, tlajt!

Żrinġijiet qbadna b'idejna
Dawna ħadniehom lej' d-dar.
Konna tfal u dlonk insejna,
Li qed nagħmlu ħsarat kbar.

Għall-marżebb, mhux darba stadna.
Minnhom dejjem kien hemm sew.
Dawn f'vażett lejn djarna ħadna.
Bla tbatija kienu ġew.

Però, l-iktar li fittixna
Kienu gambli, tassew żgħar.
Fl-ilma ħelu aħna għarrixna.
Fil-qiegħ nett tal-ilma ċar.

Gambli dawn tal-ilma ħelu
Żgħar imma tassew sbejħin
F'nofshom boċċa ħamra jew blu
Qishom bozoz mixgħulin.

Daw' l-ħwejjeġ li semmejt jiena
Illum saru tifkiriet.
Kollox inqered bla ħniena!
Kollox tgħatta bil-binjiet!

*Għajn Żejtuna*
*30/06/2024*



Imrieżeb.



Gamblu tal-ilma ħelu.

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**



# Il-Granmastri li bnew il-fortifikazzjonijiet tal-Mellieħa u l-inħawi

**David Bartolo**
B. European Studies with History (Hons)(Melit.)

Il-Mellieħa u l-inħawi vasti tagħha minn dejjem offrew sfida kbira matul iż-żmien biex dawn setgħu jiġu mgħammra b'difiżi ta' ċertu livell u protetti sew mill-attakki u anki minn xi invażjoni mill-għadu.

Minħabba l-aspett naturali tal-kosta ta' dawn l-inħawi, fejn insibu diversi daħliet u bajjiet kennija u anki xi wħud minnhom mistura sew, dawn l-inħawi kienu dejjem miftuħa għall-possibbiltà ta' attakki mill-għadu u ta' wġigħ ta' ras għal min kien jaħkem dawn l-gżejjer. Minħabba f'hekk ukoll, l-inħawi kienu kważi diżabitati għalkollox għax ħadd ma kellu moħħu mistrieħ li ma jisfax attakkat mill-pirati u meħud bħala lsir.

## L-Ordni ta' San Ġwann

Fl-1530 il-gżejjer Maltin għaddew taħt l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn kienu gwerriera magħrufa imma xorta l-affarijiet ma marrux għall-aħjar. Dawn l-ħakkiema ġodda ma tantx xtaqu jiġu jgħammru f'Malta u baqgħu bil-ħsieb f'moħħhom li jerġgħu jirbħu lura Rodi fejn kienu qabel ġew hawn. Minħabba dan il-fattur m'għamlu xejn biex jiddefendu l-kosta għax ingħalqu ġewwa l-Birgu u l-inħawi. L-Assedju l-Kbir li seħħ fl-1565 bidel dan kollu. Meta l-invażuri Torok ma rebħux lil artna u telqu minn fejn ġew, l-Ordni ta' San Ġwann biddlet il-ħsieb u ddeċidew li jibqgħu jmexxu 'l pajjiżna.

Minħabba dan l-bdil fil-ħsieb, il-kavallieri bnew fortifikazzjonijiet biex il-gżejjer Maltin setgħu jiġu protetti aħjar. L-ewwel torri li bnew il-Kavallieri kien it-Torri Garzes fl-Imġarr, Għawdex. Dan inbena bil-flus li ħallew fil-wirt mill-Gran Mastru li minnu ħa ismu: Martin Garzes (1595-1601). Kellhom imma jgħaddu 72 sena wara l-Assedju l-Kbir meta nbena l-ewwel torri fl-inħawi tal-Mellieħa, kif ħa naraw aktar fid-dettall. Matul il-perjodu ta' wara, f'diversi snin differenti l-Ordni ta'San Ġwann bniet sbatax-il fortifikazzjoni fl-inħawi tal-Mellieħa ta' diversi għamliet u forom, u nbena wkoll il-Palazz ta' Selmun, li jitqies dar iffortifikata.

## Il-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar

Dan l-Gran Mastru Franċiż mil-Lingwa ta' Provence kien ġie elett fit-12 ta' Ġunju tal-1636 u miet fl-14 t'Awwissu tal-1657. Dan il-granmastru bena għaxar torrijiet madwar Malta u Għawdex; tmienja f'Malta u tnejn f'Għawdex. Minn dawn it-torrijiet inbnew tnejn fl-inħawi tal-Mellieħa li huma t-Torri ta' Għajn Tuffieħa, li nbena fl-1637 u t-Torri l-Aħmar jew ta' Sant Agata, li nbena fl-1647.

Il-bini tat-Torri ta' Għajn Tuffieħa kien tħallas mill-Università* kif kien ukoll gwarniġjon tiegħu ta' erba' persuni. Ta' min jgħid li dan it-torri flimkien ma' dak ta' Lippija huma l-uniċi torrijiet mibnija fil-Majjistral ta' Malta.

It-Torri l-Aħmar tlesta fl-20 ta' Novembru 1648 u tħallas ukoll mill-Università*. Intrama bl-artillerija fl-1649. Huwa kien ġie ddisinjat mill-inġinier militari Antonio Garsin li kien tħallas is-somma ta' mitt skud għall-mudelli tal-pjan u s-superviżjoni tax-xogħol tal-bini.

Dan il-granmastru dam 21 sena jmexxi lil Malta, li matulhom seħħu diversi riformi u anki ħafna taqlib. Dan it-taqlib kien ġej mill-inkwiet bejn Franza u Spanja li spiċċa fi gwerra. Dan it-taqbid ħoloq ħafna inkwiet fi ħdan l-Ordni għax ħafna kavallieri kienu



***It-Torri l-Aħmar** [https://dinlarthelwa.org/heritage-sites/managed-heritage-sites/st-agathas-tower-the-red-tower-Mellieħa/ aċċessat fit-28 ta' Lulju 2024]*

ġejjin minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

Fost il-ħafna riformi li seħħew insibu t-tkomplija tal-fortifikazzjonijiet fejn illum hemm il-Furjana, il-bini tal-isptar tal-Lazzarett, ġiet stabbilita l-librerija pubblika, ġiet restawrata l-Università*, ġew introdotti liġijiet ġodda u ngħata wkoll il-permess għall-ewwel stamperija.

## Il-Gran Mastru Martino de Redin

De Redin kien kavallier Spanjol mil-Lingwa ta' Aragona. Laħaq granmastru fis-17 t'Awwissu 1657 u miet fis-6 ta' Frar 1660. Dan l-Gran Mastru huwa magħruf għat-tlettax-il torri li bena madwar Malta, fosthom dawk dak ta' Selmun jew ta' Għajn Ħadid, li nbena fl-1658 u tal-Aħrax, jew kif inhu magħruf, it-Torri l-Abjad.

Dawn it-torrijiet kellhom kontinġent ta' erba' persuni kull wieħed, li kienu bombardier u tliet assistenti, li kienu jitħallsu mill-Università*, fejn il-bombardier kien jitħallas 30 skud fis-sena u l-kumplament, 24 skud fis-sena.

It-Torri ta' Għajn Ħadid kien sewa s-somma ta 529.2.8 skud biex inbena u kien waqa' b'effett tat-terremot li seħħ fit-12 t'Ottubru 1856. Kulma fadal minnu llum huma l-fdalijiet tas-sular t'isfel. Il-kanun tiegħu flimkien mal-lapida ta' meta nbena llum jinsabu fil-ġnien tal-Pjazza tas-Salib fil-Mellieħa stess. Ta' min jgħid li dan kien l-ewwel torri li nbena mit-tlettax-il torri ta' De Redin.

It-Torri l-Abjad inbena għas-somma ta' 589.5.14 skud. Fil-perjodu ta' bejn l-1715 u l-1716 kellu żieda ta' batterija semiċirkulari fuq in-naħa ta' fuq il-baħar li tħares lejn Kemmuna. Dan kien ukoll jintuża bħala post fejn jinżammu l-ixkubetti tal-milizzja tal-kumpanija tan-Naxxar. Dan it-torri kien is-sitt wieħed li nbena minn dawn it-torrijiet.

Matul ir-renju qasir tiegħu ta' tliet snin ma kienx hemm ħafna affarijiet li seħħew apparti il-bini ta' dawn it-torrijiet. Dawn kienu nbnew bl-iskop li jieħdu post is-sittin posta tal-għassa mxerrdin madwar Malta li kienet tieħu ħsieb id-Dejma**.




***Kif kien l-intern tat-torrijiet ta' De Redin***
*[Ġrajjiet Malta, it-Tielet Ktieb, 2006]*

## Il-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccafull

Gran Mastru Spanjol ieħor mil-Lingwa ta' Aragona kien Perellos. Dan sar granmastru fis-7 ta' Frar 1697 u miet fl-10 ta' Jannar 1720. Dan kien l-aktar granmastru li bena fortifikazzjonijiet fl-inħawi tal-Mellieħa, ħdax b'kollox. Dawn huma:

- Il-Batterija ta' Wied Musa
- Ir-Ridott tal-Bir
- Ir-Ridott tal-Qortin
- Il-Batterija tal-Armier
- Ir-Ridott tal-Armier
- Ir-Ridott tat-Torri l-Abjad
- Il-Batterija tal-Aħrax
- Il-Batterija ta' Qassisu
- Ir-Ridott ta' Vendome
- Il-Batterija tat-Tunnara
- Il-Batterija tal-Mistra.

Dawn il-fortifikazjonijiet inbnew biex jiddefendu l-bajjiet tal-Armier, l-Għadira u l-Mistra li kienu daħliet faċli għall-attakki u anki għal xi invażjoni. Dawn kienu nbnew wara insistenza qawwija minn diversi persuni militari fosthom il-Ġeneral Franċiż Philippe de Vendome.

Il-Gran Mastru Perellos huwa magħruf l-aktar għall-introduzzjoni tal-liġijiet merkantili li daħlu



***Il-Gran Mastru Perellos f'waħda mill-arazzi***
*[https://timesofmalta.com/article/the-magnificent-flemish-tapestries-arrival-in-malta-in-1702.933661, aċċessat fit-28 ta' Lulju 2024]*

fis-seħħ fl-4 ta' Settembru 1697 bħala l-Konsolat tal-Baħar, u li ħallas għall-Arazzi tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, sett ta' tnax-il waħda li nħadmu fil-fabbrika Gobelins fi Franza u li juru episodji mill-ħajja ta' Kristu u t-trijonf tal-Knisja Kattolika. Dawn kienu r-rigal li kien ta dan l-Gran Mastru lill-Ordni ta' San Ġwann kif kien obbligat li jagħmel kull granmastru u din kienet tissejjaħ il-Gioia.

### Il-Gran Mastru Marc Antonio Zondadari

Dan il-kavallier Taljan laħaq Gran Mastru fit-22 ta' Jannar 1720 u miet fis-16 ta' Ġunju 1722. Huwa bena s-swar tal-Għadira.

Fi żmien dan il-granmastru, is-sitwazzjoni finanzjarja kienet ikkaratterizzata minn kontrolli fuq l-infiq pubbliku. Minħabba dawn l-miżuri, il-perjodu tal-maġisteru ta' dan l-granmastru kien nieqes minn proġetti ġodda kbar. Biex ipatti għal din il-miżura, Zondadari ddikjara l-port ta' Malta port miftuħ għan-negozju kollu mingħajr dwana.

Aspett ieħor negattiv kien li fl-istess perjodu Franza żvalutat il-munita tagħha u dan ħalla effett ħażin fuq l-Ordni ta' San Ġwann għall-fatt li din kellha artijiet estensivi f'dan il-pajjiż minn fejn kienu jidħlu renti konsiderevoli u b'dan l-effett id-dħul naqas sew.

### Il-Gran Mastru Manoel Pinto De Fonseca

Dan l-kavallier Portugiż mil-Lingwa ta' Kastilja laħaq Gran Mastru fit-18 ta'Jannar 1741 u miet fl-24 ta'Jannar 1773. Huwa bena s-swar tal-Armier.

Dan il-granmastru kellu renju twil 32 sena, li kien l-itwal wieħed ta' granmastru. Il-maġisteru tiegħu kien wieħed li ħalla diversi impatti. Huwa jibqa' magħruf bħala Prinċep u renjant ta' pajjiż, u beda jġib kuruna rjali fuq l-arma tiegħu. Xtaq ukoll li jkabbar ir-renju billi jakkwista l-gżira ta' Korsika fl-1763 mill-ħakma ta' Ġenova, ħaġa li ma rnexxietx.

Huwa ta ismu lir-raħal ta' Ħal Qomi, Casal Pinto, u ffaċċja konġura mill-ilsiera imma l-komplott kien inkixef qabel ma seħħ. Żgur u mhux



***Il-bust ta' Pinto fuq il-bieb prinċipali tal-Berġa ta' Kastilja*** *[https://www.flickr.com/photos/albireo2006/8304497160, aċċessat fit-28 ta' Lulju 2024]*

forsi li apparti dawn u tant oħrajn, huwa jibqa' jissemma li fi żmienu nbnew l-Berġa ta' Kastilja u l-imħażen ta' Pinto fix-xatt tal-Belt Valletta. Tajjeb li ngħidu li xi fortifikazzjonijiet minn dawn huma preservati sewwa bħalma huwa t-Torri l-Aħmar, li hu taħt il-kura ta' Din l-Art Ħelwa, u l-Batterija tat-Tunnara li hija fil-kura tal-Art Club 2000. Dawn jiftħu għall-pubbliku b'mod regolari. It-Torri l-Abjad jinsab miexi ukoll fl-istess direzzjoni u bħalu wkoll il-Batterija tal-Mistra. It-Torri ta' Għajn Tuffieħa kien ġarrab ħsarat kbar wara maltempata ftit taż-żmien ilu u qed issirlu t-tiswija. Mhux hekk nistgħu ngħidu għall-fortifikazzjonijiet l-oħra. Diversi minnhom ġarrbu ħsarat kbar u anki xi wħud sparixxew jew kważi, matul iż-żmien.

Tajjeb li kulħadd jibda japprezza aktar dawn il-postijiet li nbnew biex jiddefendu l-antenati tagħna u l-inħawi tagħhom. Tajjeb ukoll li jibqa' jsir restawr ta' dawn il-postijiet biex jibqgħu jinżammu minn ġenerazzjoni għal oħra bħala tifkira tal-qalbiena ta' żmien l-imgħoddi.

* Il-Gvern lokali ta' dak iż-żmien u mhux l-Università akkademika.

** Din kienet il-milizzja Maltija fi żmien il-Medju Evu u fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann.



***Il-Berġa tal-Baviera, il-palazz ta' Zondadari qabel sar Gran Mastru*** *[https://www.guidememalta.com/en/this-stunning-auberge-in-valletta-is-getting-a-much-needed-facelift-and-is-looking-fab, aċċessat fit-28 ta' Lulju 2024]*

### Bibjografija

Freller, Thomas & Cilia, Daniel (2010), *Malta – The Order of St John*, Midsea Books Ltd.

Friggieri, Malcolm (1995), *Grandmaster Martin De Redin's coastal towers*, teżi mhux ippublikata.

Grima, Joseph F. (2001), *Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530-1798*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Muscat, Jimmy & Muscat, Jonathan (2012), *Fortifications of the Knights Hospitalliers in Mellieħa*, A&M Printing, Qala'.

Scerri, L. J. et al. (1993), *The Grand Massters of Malta, A Supplement of Heritage*, Midsea Pubblications.

Spiteri, Stephen (1994), *Fortresses of the cross: Hospitaller military architecture, 1136-1798*, Heritage Interpretation Services.



# Looking Ahead: An EU Citizen's Approach

**Professor Stephen Calleya**



In June this year, we Maltese citizens and all citizens of the European Union were once again invited to exercise our grand duty and role to vote in the European Parliament elections. The total turnout for these elections across Europe was 51.07%, with Malta's turnout being the third highest in the European Union at 73%. What could have led almost half of the European Union's population to decide not to vote for their representatives? Has the European Union lost touch with its citizens?

The emergence of more nationalist political movements within the European Union, at its peak with BREXIT, could reflect citizens' drift away from the European Union dream. As the European Union continues to enlarge in the years to come, citizens' detachment from the EU may continue to deepen.

Taking the case of Malta, our island is also vulnerable to the world's external shocks and has challenges which other member states might not have to confront. Therefore, the European Union should do its utmost to focus on the issues that are most relevant to its citizens primarily focusing on enhancing economic prosperity and the environmental outlook of all countries.

In the post-pandemic moment we are experiencing it is clear that the European Union should prioritise its citizens' most basic needs, particularly health and education – which are the most important bedrock of our societies. Such initiatives would raise the profile of the European Union in areas that are of direct relevance to citizens' everyday lives and well-being.

The European Commission's initiative 'You are EU' truly brings out what the European Union stands for in three words. Let us not forget that we, the 448 million citizens, are the most important dimension of the European Union. The EU must be perceived as continuing to promote and protect the European Union's values and simultaneously encourage our youth to actively participate in all EU policy mechanisms available to continue building a pragmatic future oriented European Union.

An approach which could greatly help in this regard is to highlight the roles which regions and cities can play in the European Union arena. As an example, our Mediterranean should be prioritised and the Union should present a unified approach to the common challenges faced by the Mediterranean-European Union member states. With that being said, the countless opportunities which the Mediterranean offers for all European Union member states should also be fully explored and policy initiatives launched to start implementing such an agenda.





# Marija Mudell ta' Interċessjoni:
## *Minn Kana sas-Santwarju tal-Mellieħa*

**Rev. Dun Karl Andrew Schembri**

Wasal ix-xahar li fih aħna niċċelebraw il-festa tar-raħal tagħna, festa li tiġbor ħafna nies biex flimkien niċċelebraw festa oħra ad unur Marija Bambina. Niċċelebraw il-festa tat-twelid tagħha, li ġab ħafna ferħ fid-dinja għax permezz tagħha Alla bagħat lil ibnu Ġesù. Huwa dan il-ferħ li jiddi fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, kull darba li nilmħu l-vara titulari fil-bieb tal-knisja qabel ma toħroġ iddur fit-toroq tagħna u nitolbuha tberikna.



Din is-sena l-ferħ tagħna jiżdied, għax ma' din il-festa, qegħdin niċċelebraw anniversarju importanti ħafna fl-istorja mhux biss tar-raħal tagħna imma ta' pajjiżna. Din is-sena, kif diġà fakkarna f'Lulju li għadda, il-Parroċċa tal-Mellieħa qed tfakkar il-125 sena anniversarju minn meta l-Isqof Pietru Pace, l-isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, talab lil Papa Ljun XIII biex jinkuruna x-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa, li hemm impittra fuq il-blat samm tal-għar tas-Santwarju.

### L-Interċessjoni ta' Marija f'Kana

Meta niftakru fil-miraklu tat-tieġ ta' Kana, nistgħu naraw b'mod ċar il-qawwa tal-interċessjoni ta' Marija. Fil-bidu tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù, Marija kellha l-kuraġġ u l-fiduċja biex titlob lil binha jieħu azzjoni meta l-inbid spiċċa waqt it-tieġ. Hi indirizzat lil Ġesù b'sempliċità u umiltà, "M'għandhomx inbid" (Ġwanni 2:3). Ġesù wieġeb għall-interċessjoni tagħha, u biddel l-ilma f'inbid, u b'hekk wettaq l-ewwel sinjal tiegħu.

Dan l-episodju fit-tieġ ta' Kana jfakkarna kemm hi qawwija l-interċessjoni ta' Marija, kemm kienet tassew omm li taf u tifhem il-bżonnijiet tan-nies u tidħol għalihom. Marija turi l-imħabba u l-kura tagħha billi tinduna b'dak li kien nieqes u titlob lil binha biex jintervjeni. Dan huwa eżempju għalina lkoll li nistgħu nersqu lejn Marija bil-fiduċja u nistgħu nittamaw fl-interċessjoni tagħha, speċjalment f'mumenti ta' bżonn u tbatija.

### Interċessjoni fil-Preżent

Il-ferħ jiżdied għax aħna, li qegħdin niċċelebraw dan l-anniversarju, qegħdin inġeddu u nerġgħu nagħtu l-ħajja lil dak li sar 125 sena ilu. Iżjed minn hekk, aħna li qegħdin niċċelebraw dawn il-festi, qegħdin bil-ferħ inkebbsu l-fjamma fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, fjamma li nibtet ġewwa l-għar li Alla sebbaħ u li jfakkar il-bidu tal-fidi tagħna, li San Luqa ġab flimkien ma' San Pawl fil-gżira tagħna.



Il-poplu Nisrani ta' dak iż-żmien għaraf li Marija kienet dixxiplu perfett li baqgħet miexja wara Ġesù f'kull stadju tal-ħajja tagħha. Għalhekk, l-Isqof Pietru Pace talab biex ix-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa tiġi inkurunata, biex tfakkar l-importanza ta' Marija bħala omm li tinterċedi għal uliedha.

F'dan l-anniversarju importanti, aħna niċċelebraw mhux biss it-tradizzjoni u l-istorja tagħna, imma wkoll il-ħarsa ta' Marija fuqna. Nemmnu bis-sħiħ li l-interċessjoni tagħha tibqa' preżenti u qawwija, bħal f'Kana, meta aħna niffaċċjaw ħajjitna ta' kuljum bil-fiduċja u t-tama li hi tidħol għalina quddiem Ġesù.

### It-Tieġ Spiritwali tagħna u Marija

Jeħtieġ għalhekk mhux biss infakkru imma nġeddu u nirrestawraw il-ħajja tagħna. Mill-ġdid inġeddu t-tifkira ta' tant magħdura u mnikkta li sabu l-faraġ tagħhom f'dan il-għar li fih meqjuma b'tant għożża u mħabba x-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa, li turina t-triq lejn binha Ġesù. B'din il-ħarsa tagħha kollha ħniena u mħabba, bħal dik ta' binha Ġesù, hija llum tkompli tħares lejna u tnissel ħafna tama u faraġ fil-familji tagħna li jsibu diffikultà fil-mixja tagħhom, f'tant tfal u żgħażagħ u f'tant barranin li llum il-ġurnata għadhom iżuruha u jitolbuha b'ħafna fidi u tama qawwija.

Din is-sena għalija wkoll hija sena speċjali ħafna, għax hija s-sena li fiha jiena ġejt ordnat saċerdot. Hija s-sena li fiha jiena flimkien mal-komunitajiet li ngħix fihom, flimkien mal-Knisja offrejt lili nnifsi tassew minn qalbi, wara li bil-ferħ ilqajt is-sejħa u bħal Marija weġibt iva għas-sejħa tiegħu. Ejjew għalhekk bit-tama flimkien ma' Marija nkomplu nitolbu bil-qalb li jibqa' jiddi fuq Malta s-Salib.

### Il-Pellegrinaġġ ta' Tama

F'Mejju li għadda, il-Papa Franġisku ħabbar b'mod uffiċjali li s-sena 2025, fil-Ġublew, il-Knisja tistieden lill-poplu kollu t'Alla biex inkunu pellegrini tat-tama. Aħna li fostna għandna Santwarju Nazzjonali nittamaw li flimkien mal-Knisja nkunu qed nilqgħu mill-ġdid pellegrini li jżuru dan il-post biex jitolbu u biex aħna flimkien ma' Marija nkunu strumenti tat-tama, tama li tnisslet fil-qalb ta' dawk kollha li talbu lil Marija u marru wara Ġesù, "f'kull belt u post fejn kien sejjer hu." (Luqa 10:1).

Filwaqt li niċċelebraw dan l-anniversarju, ejjew infakkru l-importanza tal-interċessjoni ta' Marija fil-ħajja tagħna, bħalma kienet preżenti fil-Kana. Ejja nkomplu nitolbuha bil-fiduċja, u nħalluha tmexxina lejn Ġesù binha, għaliex hi l-mudell tagħna ta' dixxipulat perfett u l-omm tagħna fil-veru sens tal-kelma.





# Tifkiriet...

*Nota Editorjali:* Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-mawra tal-Banda Imperial f'Adenau, il-Ġermanja, qegħdin nerġgħu nippubblikaw artiklu li kien deher fil-magażin "Leħen l-Imperial" stampat għall-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2000.

## Il-Mawra tal-Banda Imperial f'Adenau il-Ġermanja



Kienet mawra mill-aqwa ! Fiha ntlaħqu l-għanijiet prezzjużi li għalihom ġiet organizzata din il-mawra. Kien f'Ottubru tas-sena 1998 meta ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa saret laqgħa għar-rappreżentanti taż-żewġ baned Melleħin biex jiġi deċiż liema banda kellha tmur Adenau f'Ottubru tas-sena 1999. Dan seta' jsir possibbli permezz tal-ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-Kunsill Muniċipali ta' Adenau. Fil-preżenza tas-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sur Sammy Vella u l-Kunsilliera l-oħra itellgħet il-polza . Ix-xorti messet lill-Banda Imperial li tkun l-ewwel banda Melleħija li tmur il-Ġermanja.



Dan l-impenn ittieħed ferm bis-serjeta' mill-Għaqda Mużikali Imperial. Immedjatament bdew il-preparamenti biex kollox ikun organizzat kif għandu jkun. Kulħadd ta' daqqa t'id biex kollox imur ħarir. Il-qofol tal-preparamenti ntlaħqu b'laqgħa għall-bandisti u għal dawk l-ammiraturi tal-banda li akkumpanjawna. F'din il-laqgħa ġie ppreżentat il-programm uffiċjali tal-mawra u ngħata tagħrif utli ieħor.

Iż-żmien wasal. Il-Ġimgħa l-1 t' Ottubru għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħaxija bdejna ninġabru l-Każin sakemm f'nofs il-lejl, wara li sellimna 'l ħbiebna u 'l qrabatna rħejnielha lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Hekk kif wasalna fis-sala tat-tluq kull wieħed mis-sitta u disgħin għaddejna mill-kontrolli ta' l-ajruport u ntasabna bil-qiegħda fis-sala tat-tluq, nistennew minn mument għall-ieħor biex nibdew l-avventura tagħna ġewwa l-Ġermanja.

Irkibna l-ajruplan. Kienu proprju l-erbgħa u ħames minuti ta' fil-għodu meta t-titjira KM34 tal-Linja Nazzjonali ta' l-ajru Air Malta ħalliet l-ajruport ta' Malta lejn Dusseldorf. Minkejja li kien id-dlam stajna naraw il-Belt ta' Palermo fi Sqallija, il-monumenti tal-Belt ta' Ruma u l-Belt ta' Firenze fin-nofs ta' l-Italja. Hekk kif beda jbexbex konna qegħdin intiru fuq id-Dolomiti; muntanji mill-isbaħ

32 Leħen l-Imperial

fit-Tramuntana ta' l-Italja. Kienet xena mill-isbaħ li ma tistax ssejħilha mod ieħor ħlief meravilja.

Għas-sebgħa neqsin kwart ta' fil-għodu wasalna ġewwa l-ajruport ta' Dusseldorf. Fl-ajruport bqajna mistagħġba bis-serjeta' u bil-bżulija tal-ħaddiema Ġermaniżi. Fi ftit ħin konna rekbin fuq l-*coaches* li kellhom iwassluna Adenau.

It-temp fil-Ġermanja kien il-ħin kollu rxiex nieżel. Matul il-vjaġġ, aktar ma bdejna nersqu lejn Adenau, spikkat il-kampanja Ġermaniża, kullimkien iħaddar, bl-annimali jirgħu fl-għelieqi tagħhom.




Wasalna ġewwa Adenau għall-ħabta ta' l-għaxra neqsin kwart ta' fil-għodu. Sibna jilqagħna lis-Sindku ta' Adenau Herr Bernd Schiffarth . Wara l-kolazzjon kulħadd erħilha lejn kamartu għall-mistrieħ.

Adenau hija belt żgħira qalb l-għoljiet fil-kampanja. Madwarha hemm numru ta' rħula żgħar li jaqgħu taħt il-Kunsill Muniċipali ta' Adenau. Iċ-ċentru kummerċjali jinsab fit-triq ċentrali, l-unika triq kummerċjali fil-belt waqt li t-toroq l-oħra huma kollha fiż-żona residenzjali. Adenau hija mogħnija b'kampanja mill-isbaħ.

Is-Sibt fil-għaxija kellna l-ewwel impenn uffiċjali. Attendejna quddiesa ta' radd il-ħajr ġewwa l-Knisja ta' San Ġwann ġewwa Adenau. Il-quddiesa li tqaddset mill-Kappillan ta' Adenau Fr. Peter Blecke, kienet animata minna flimkien mal-Ġermaniżi. Fi tmiem din il-quddiesa kantajna l-Innu tal-Madonna tal-Mellieħa akkumpanjati fuq l-orgni minn Mark A. Cachia.

Wara l-quddiesa l-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fil-bitħa tal-Knisja ta' San Ġwann. Minkejja li kienet nieżla xita bil-qliel, attendenza numeruża attendiet għal dan il-programm. Hekk kif intemm il-programm erħejnielha lejn il-ħanut tax-xorb ta' Helmut fejn flimkien qattajna l-lejl nixorbu l-Kolsh - il-birra tar-reġjun ta' Cologne u flimkien iddevertejna mal-ħbieb tagħna Ġermaniżi li wħud minnhom ġew f' Adenau biex jiltaqgħu magħna u magħna jaqsmu din l-esperjenza sabiħa.

Il-Ħadd fil-għodu kellna mixja kulturali fiċ-ċentru ta' Adenau li kienet ferm interessanti. Flimkien mas-Sindku Schiffarth u Herr Gunther Schmidt dorna numru ta' postijiet ta' interess fosthom il-Commandery tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, knisja tal-Protestanti, il-Mużew tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-Mużew tas-Snajja' u l-BAURERN-HAUS MUSEUM li huwa mużew tal-folklor f'razzett tipiku ta' Adenau.



Fil-għaxija sar it-tieni programm mużikali f'Adenau, din id-darba ġewwa l-Hocheifel Hall. Dan il-kunċert sar għal għan filantropiku biex jinġabru fondi biex jitkompla l-Bini ta' Sptar ta' l-Għajnejn ġewwa Sonangoom fil-Bangladesh. Dan l-isptar qiegħed jinbena bl-inizjattiva tal-Kunsill Muniċipali ta' Adenau u l-Għaqda Mużikali hija kburija li pparteċipat wkoll f'din l-inizjattiva. Il-programm infetaħ b'diskors ta' l-okkażjoni mis-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth. Sar diskors ieħor mis-Sur Edwin Abela, Counsellor fl-Ambaxxata Maltija fil-Ġermanja. Il-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Anthony Borg esegwiet programm mużikali. Wara l-programm, il-President ta' l- Għaqda Mużikali Imperial is-Sur Joseph Bartolo ppreżenta rigal a' tifkira lil Herr Schiffarth. Il-Kunsilliera Melleħin, is-Sinjura Marija Stellini u s-Sur Joseph Azzopardi wkoll ippreżentaw rigal lil Herr Sciffarth. Il-programm ġie fit-tmiem tiegħu bid-daqq ta' l-innijiet nazzjonali ta' Malta u l-Ġermanja. Fi tmiem il-programm il-Banda Imperial ingħatat ovazzjoni mill-udjenza preżenti.

It-Tnejn, 4 t'Ottubru kienet ġurnata ta' mistrieħ għall-Banda Imperial. Morna ġita fil-belt ta' Cologne - waħda mill-bliet elwenin tal-Ġermanja. Cologne hija madwar siegħa u nofs 'il bogħod minn Adenau. Hija belt mill-isbaħ li fiha ħafna monumenti sbieħ bl-aktar li jispikka huwa l-Katidral maestuż ta' Cologne li jiddomina l-istess Belt. Zorna wkoll bosta ċentri kummerċjali u postijiet oħra ta' interess. Fil-għaxija kellna xi ħin liberu biex nagħmlu li nixtieqU.

It-Tlieta, 5 t'Ottubru 1999 matul in-nofsinhar ta' fil-għodu żorna il-korsa tal-karozzi ta' Nurburgring li tinsab viċin Adenau. Jiddomina fuq il-korsa hemm il-Kastell maestuż ta' Nurburgring. Din il-korsa nbiet fis-snin għoxrin. Iżda li minħabba li matul iż-żmien sar żvilupp kbir f'dan il-qasam, inħasset il-ħtieġa li tinbena oħra aktar adattata. Madwar il-korsa hemm numru ta' bustijiet ta' sewwieqa tal-karozzi Ġermaniżi ta' fama. Żorna iċ-Ċentru ta' komunikazzjoni li huwa mgħammar bl-aktar apparat sofistikat. F'dan iċ-ċentru nsibu sala għall-mezzi tax-xandir li tesa' mitejn u ħamsin ġurnalist. Insibu '*souvenior shop*' tal-Formula Wieħed bl-aktar li jispikkaw huma l-kuluri tal-McLaren u l-Ferrari. Din il-korsa tinkera wkoll lill-manifatturi tal-karozzi u tat-tajers biex fiha jippruvaw u jipperfezzjonaw l-aħħar invenzjonijiet tagħhom. Wara l-ikla ta' nofs in-nhar erħejnielha għal mixja f'Adenau u fil-kampanja tal-madwar.



Nhar l-Erbgħa, 6 t'Ottubru 1999 matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu stajna nagħmlu li rridu. Hafna minna żaru s-Suq ta' Adenau u xi ħwienet oħra li qegħdin fiċ-ċentru. Kmieni wara nofsinhar ħallejna Adenau lejn Bonn. Minħabba li Bonn kienet ser tispiċċa minn Belt kapitali tal-Ġermanja, ħafna ministeri, uffiċċini governattivi u ambaxxati kienu diġa' ħallew Bonn għal Berlin. Fortunatament l-Ambaxxata ta' Malta fil-Ġermanja, għadha f'Bonn. Il-Kumitat ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Surmast Direttur, il-Kunsilliera Melleħin flimkien ma' Herr Schiffarth u Kunsilliera minn Adenau kienu l-mistiedna ta' l-Ambaxxatur Malti fil-Ġermanja, l-Eċċellenza tiegħu William C. Spiteri fir-residenza tiegħu. F'diskors tiegħu l-Eċċellenza tiegħu, William C. Spiteri tkellem dwar id-dmirijiet tiegħu bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u dwar il-konnessjonijiet tiegħu mal-Mellieħa. Fost oħrajn semma l-bidliet li seħħew fir-raħal tagħna f'dawn l-aħħar tletin sena. Min-naħa tiegħu l-President ta' l-Għaqda, is-Sur Joseph Bartolo rringrazzja lill-Ambaxxatur Spiteri tal-ħidma siewja li qiegħed iwettaq ġewwa l-Ġermanja u ta' l-interess kbir li wera qabel u waqt iż-żjara tagħna fil-Ġermanja. Saru preżentazzjonijiet ta' rigali u wara l-President ta' l-Għaqda Mużikali Imperial ġie mistieden jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi.



Mir-residenza privata ta' l-Ambaxxatur Malti, bqajna sejrin lejn l-Augustinium f'Bonn fejn il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali waqt Lejla Maltija organizzata mill-Ambaxxata Maltija flimkien mal-*'Colloquium Humanum'*. Il-*'Colloquium Humanum'* hija għaqda li l-għan tagħha huwa li tkattar il-ħbiberija bejn il-Ġermaniżi u popli oħra.

F'sala mimlija daqs bajda b'mistednin distinti, il-Lejla Maltija infetħet b'introduzzjoni minn Herr Friedrich Adolph Frhf, Viċi-President tal-'Colloquium Humanum'. Sar diskors dwar Malta mill-Ambaxxatur Malti, l-Eċċellenza tiegħu William C. Spiteri u aktar tard intwera filmat dwar il-gżejjer Maltin.



Il-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg esegwiet programm mużikali ta' kompożizzjonijiet Maltin. Fi tmiem il-programm il-President tal-'Colloquium Humanum' Dr. Walter Nowak għamel diskors ta' l-okkażjoni u wara ppreżenta rigal ta' tifkira lis-Surmast Anthony Borg. Wara l-grupp kien mistieden għal riċeviment mal-mistiedna distinti, fejn ġie servut ikel u xorb Malti. Magħna għal din l-okkażjoni ngħaqad Olaf Muller minn Polheim. Muller huwa għalliem tal-mużika u jdoqq il-kornu. Huwa daqq diversi drabi mal-Banda Imperial waqt li kien għall-vaganzi f' Malta. Konna kburin li konna ambaxxaturi denji ta' pajjiżna.



Fl-għodwa tal-Ħamis qomna kmieni aktar mis-soltu. Wara l-kolazzjon irkibna fil-coaches u erħejnilha lejn il-Lussemburgu. Tlaqna minn Adenau f'temp imċajpar iżda aktar ma beda jgħaddi

l-ħin iċ-ċpar mar u ħarġet ġurnata xemxija tixbaħ lil ġurnata tar-Rebbiegħa f'Malta. Il-Lussemburgu huwa pajjiż indipendenti mal-fruntiera Ġermaniża. Huwa pajjiż żgħir imma huwa wieħed miċ-ċentri finanzjarji ewlenin fl-Ewropa. Il-belt kapitali hija Luxemberg. Fiha nsibu uffiċċini ta' l-Unjoni Ewropea u hemm ħafna uffiċċini ta' l-ikbar banek internazzjonali. Il-belt hija mibnija fuq numru ta' għoljiet żgħar magħuqdin flimkien permezz ta' pontijiet mill-isbaħ bl-ilma jserrep mal-madwar. Kif dħalna l-Lussemburgu laqtitna l-indafa u d-dixxiplina tal-poplu. Flimkien mal-gwidi dorna dawra mal-belt u żorna postijiet ta' interess fosthom il-Katidral iddedikata lil San Nikola, uffiċċini tal-gvern u postijiet ta' interess. Lura lejn Adenau waqafna ftit fuq il-fruntiera mal-Ġermanja biex nitrejqu ftit u komplejna fi triqtna lejn Adenau.

Fil-għaxija konna mistedmin għal BBQ ġewwa Adenau. Ltqajna fiċ-Ċentru ma' Herr Schiffarth u flimkien mxejna lejn il-Bosk. Għaddejna mit-trejqa sserrep qalb is-siġar twal u għoljin. Mixja twila mhux ħażin sakemm wasalna fejn Kmajra ta' l-injam. Biswit il-kmajra kien hemm ħuġġieġa nar fejn qribha kien hemm tlett irġiel jixwu z-zalzett ġermaniz. Wara l-ikel qattajna l-ħin nagħmlu briju u nkantaw flimkien ma' sħabna l-Ġermaniżi. Ggħal din l-okkażżjoni kien hemm preżenti s-Sur Edwin Abela, Counsellor fl-Ambaxxata Maltija fil-Ġermanja. Kif ġejna biex immorru lura, kien dlam ċappa u kellna nqabbdu l-ħatab biex stajna naraw it-triq lura. Kienet esperjenza unika !




Il-Ġimgħa 8 t'Ottubru kienet l-aħħar ġurnata tagħna ġewwa l-Ġermanja. Qabel tlaqna sellimna lil Herr Schiffarth, rkibna l-coach u tlaqna lejn Bonn. Sal-1999 Bonn kienet il-belt kapitali tal-Ġermanja. Minkejja li t-temp kien msaħħab u x-xita traxxax il-ħin kollu, xorta rnexxilna nżuru diversi postijiet storiċi. Fost l-aktar postijiet interessanti li rajna ġewwa Bonn kienet BEETHOVEN HAUS - il-post fejn twieled u għadda tfulitu Ludwig Van Beethoven, wieħed mill-ġganti tal-mużika. Dar sempliċi li fiha storja nteressanti. Rajna dokumenti ta' dan il-kompożitur, xogħolijiet oriġinali tiegħu u l-instrumenti li kien idoqq. F'kamra minnhom hemm strumenti ta' l-injam t a' dawk iż-żmenijiet u strumenti tal-korda li għadhom jindaqqu sal-lum waqt il-Beethoven Festival.F'din id-dar hemm ukoll teatru żgħir ta' akwistika mill-aqwa. Dan it-teatru jintuża għall-mużika *'da camera'* l-aktar waqt il-Beethoven Festival li fih jindaqqu xogħolijiet ta' dan il-kompożitur, mill-aqwa mużiċisti u diretturi ta' l-orkestra ta' żminijietna. Wara nofsinhar tlaqna lejn l-ajruport ta' Bonn/Cologne biex nirritornaw lura lejn art twelidna.

Tlaqna mill-ajruport fl-għaxra neqsin għoxrin fuq titjira KM039 ta' l-Air Malta. Wasalna Malta fin-nofs siegħa ta' fil-għodu tas-Sibt 9 t'Ottubru 1999. Wasalna għajjenin imma sodisfatti bil-mawra tagħna fil-Ġermanja.

Għal din l-okkażżjoni l-Għaqda Mużikali Imperial ppubblikat ' *souvenior programme'* ferm interessanti li ġie mqassam lil dawk kollha li attendew għal programmi tal-Banda Imperial. F'dan '*is-souvenoir programme*' hemm tagħrif dwar il-Banda Imperial, fuq il-Mellieħa u fuq il-gżejjer Maltin.

Il-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li kienu nvoluti fl-organiżżazzjoni ta' din il-mawra li b'ħidmiethom il-mawra kulturali fil-Ġermanja kienet suċċess.




# Mellieha's Imperial Band Club on cultural trip

With the cooperation of Air Malta the Mellieha Band Club together with its supporters recently travelled to Germany on one the national airline's flights.

The band played at the Hocheffel Hall in Adenau to raise funds for the construction of a special eye hospital in Sonargoan in Bangladesh. With the help of the Maltese Embassy in Bonn, the band also played during a Maltese night organised by *Colloqium Humanum*. Mr William C. Spiteri, the Maltese Ambassador in Bonn, attended the event together with other distinguished guests.

During its stay in Germany the band travelled to various cities including Cologne, Bonn, Adenau and Luxemborg. ❑

THE SUNDAY TIMES, OCTOBER 10, 1999

# Malta Evening in Bonn

THE MALTESE EMBASSY in Bonn last Wednesday organised a *Malta Abend*, or Malta Evening, at the Augustinum in Bonn. The very successful evening was organised in conjunction with *Colloquium Humanum*, an association aimed at fostering understanding and friendship between foreigners and Germans.

The highlights of the evening were a speech delivered in German by Maltese Ambassador William C. Spiteri on "Malta: a small island with a great past", a film about Malta's history and culture, and a performance by the Imperial Band Club of Mellieha. Their playing of Carmelo Pace's *L-Innarja* was especially appreciated.

Maltese food, such as *hobż biż-żejt u t-tadam* with capers, stuffed olives, *pastizzi*, *gbejniet tal-bzar*, *galletti* and *qaghaq tal-ghasel*, was served, together with Maltese wine and Kinnie.

Air Malta provided two return air tickets to Malta, while the Corinthia Palace Hotel offered one week's accommodation for two persons. These prizes, which were raffled during the evening, were much appreciated by the 400 guests present, and especially by the lucky winner, Gert-Robert Liptam, an official of the Ministry of Economics and Development.

**mill-qiegha**
newspaper post
Diċembru 1999
Harġa Numru 2

# l-imperial f'adenau

Bħal ma fis-snin l-imgħoddija bis-saħħa ta' patt ta' ġemelaġġ iffirmat bejn il-Kunsill tal-Mellieħa u dak ta' Adenau fil-Ġermanja, gawdew minn żjarat ta' skambji entitajiet diversi fil-Mellieħa, din is-sena kien imiss lil-Banda Imperial. Bejn it-2 u l-10 ta' Ottubru li għadda, grupp ta' bandisti u residenti mill-Mellieħa għamlu żjara fil-Belt ta' Adenau fejn il-Banda Mellieħija tat diversi programmi ġewwa din il-belt tewmija.

Bla dubju, il-Kunsill huwa kuntent ferm li l-frott ta' l-iffirmar qed igawdu minnu għaqdiet Mellieħin. Il-Banda Imperial kienet it-tielet għaqda li gawdiet minn dawn l-iskambji.

Qabel il-banda, żaru l-belt ta' Adenau il-Grupp ta' l-Iscouts u l-Kor u Orkestra Maria Bambina. Min-naħa tal-Kunsill t'Adenau ġew iżuru r-raħal tagħna il-banda *Die Lustigen Eiffelander* l-Iscouts u wkoll it-tim tal-futbol tal-lokal.

Leħen l-Imperial 39



# Mellieħa Festa and The Imperial Band Club: an Expatriate's Perspective

**Rob Parry**
BA(Hons) (Hull), MA (Melit), PGCE, FHEA.



The allure of Malta, and for me in particular, Mellieħa, with its rich history, vibrant culture, and Mediterranean climate, has made it a popular destination for expatriates seeking new opportunities or a change of scenery. However, the transition to a new life in Malta often comes with significant trials, particularly the sense of disconnection from family, culture, and the familiar rhythms of normality. In Malta, ex-pats must navigate new systems for healthcare, banking, and daily living, which can be complicated and frustrating. Simple tasks, once taken for granted, may become time-consuming endeavours. The novelty of the new environment can quickly wear off, replaced by the stress of adaptation. The loss of familiar foods, brands, and services can also contribute to a sense of displacement. Moreover, the challenge of building new social networks from scratch can leave expatriates feeling lonely and disconnected from the sense of community they once enjoyed.

Leaving family behind was and is the hardest trial for me, and indeed for most ex-pats. The physical distance from loved ones can create a profound sense of longing. While technology has made communication easier, video calls and social media can only partially bridge the emotional gap. Important family events and milestones and even events as trivial as taking mum and the family out for a meal, or my boys to a football match, or a game of golf, have to be foregone, which can exacerbate feelings of guilt and detachment, and often isolation. The life of an ex-pat anywhere can be daunting, but in Malta where we find a confusing blend of the familiar and vastly different, it can be disconcerting. The language similarities we share are both a barrier and a comforter. It is possible to be understood in English, though not as universally as most would think, whilst at the same time, getting to grips with Maltese can be very difficult, regardless of education level and can result in ostracisation.

Culture and society are profoundly different, and getting used to this when you are from a secular country can also be a testing experience. Though the first thing I noticed about Malta's and particularly Mellieħa's culture and society, is the people's devotion to the Church and the associated religious celebrations. A profound sense of faith exudes from the towns-folk and it can be oddly comforting for the secular ex-pat. If we are not actually part of the family, it feels like we could be welcomed.

Luckily, having been a Mellieħa resident for almost 13 years, and having made it my spiritual home some 43 years ago, I am fortunate enough to be able to call on very close circle of friends during times of personal crisis or celebration. Without this lifeline many ex-pats can find emotional well-being a challenge. Life as an ex-pat is not easy, regardless of whether that was by personal choice or not.

Social scientists tell us that a sense of belonging is one of the biggest contributors to ex-pat settlement and happy integration and this is where the Imperial and the Mellieħa Festa more generally, has played an important and much appreciated part of my successful integration, that I will be forever grateful for. To my mind, as an ex-pat, one has to adapt, accept, assimilate and extend yourself beyond your comfort zone so that the acceptance into said community is achieved. In other words, if you become involved in the community you desire to be a part of, then you will belong in that community. This is never more true than in my perspective of the village festa and particularly, the Imperial Band Club. From the President, to the staff, from the colourful characters that occupy familiar seats on a Sunday post church, to the exciting and exhilarating celebrations during the Festa, the Club and the Village invite you in, to become one of their own. To be counted, to be recognised as one of their own. From the wonderful musicians and their dedication, to their incredible performances, the Imperial welcomes us as ex-pats. It invites us to come in, shake off the shackles of ex-pat difference and to fully integrate and enjoy. The Festa is a special time granted, but the Imperial opens its doors and it welcomes us throughout the year, leading to a feeling of acceptance, of belonging, a place of sanctuary for us to rest from our trials whilst in full knowledge that we are one, we are the Imperial.



# Għad-Dell tas-Santwarju

**Ġanni Camilleri**

Is-snin jgħaddu b'tifkiriethom,
dejjem hekk l-istorja wriet.
Iżda din ta' das-Santwarju,
ta' kull sena, issemmiet.

Bir-raġun; għax is-Santwarju
huwa l-eqdem, jgħodd is-snin;
l-ewwel snin tal-Kristjaneżmu,
hu għall-qalb tal-Melleħin.

Ġew Papiet, granmastri u għonja.
Ġew fi żmien ta' diqa u ferħ
għax Fik temgħu, u Inti smajthom;
kull min ġie, fik sab is-serħ.

U fi żmien ta' mard, ta' nixfa,
ġew f'dan l-għar biex jitolbuk,
b'tama kbira li tismagħhom
għax bil-wisq dawn iħobbuk.

Jixhdu l-ħafna grazzji mfakkra
mal-ħitan ta' dan il-għar,
biex ifakkru l-grazzji kollha
maqlugħin, kemm kbar, kemm żgħar.

Insellmulek, Omm ħanina
hawn f'dan l-għar bil-wisq antik;
fejn eluf u eluf ta' Nsara
ġew f'dal-post għax 'temgħu' Fik.

**Rit.** *O Madonna tal-Mellieħa,*
*minn żmien twil meqjuma fl-għar,*
*żomm għad-dell ta' das-Santwarju*
*lil uliedek kbar u żgħar.*





# Qisu ma ġara xejn

## (Il-bniedem Malti jeħtieġ japprezza l-wirt naturali u kulturali)

**Paul P. Borg**

L-iżviluppatur u l-imprendituri huma nies għonja u mimlijin ideat, ħsibijiet u kilba bla tarf biex flushom ikabbruhom, u flok sold jaqalgħu elf. Sewwa jagħmlu u għandhom kull dritt għax dik in-natura tagħhom.

Bħalma t-tigra xogħolha ċċarrat u żżarrat bl-aktar mod naturali u Alla fl-għerf tiegħu saħansitra taha dwiefer u nejbiet apposta biex tkun tista' tagħmel hekk, hekk ukoll l-iżviluppatur xogħlu biss li jara roqgħa battala u jivvintalha xi ħaġa biex ma jħallihiex battala u fl-istess ħin jaqla' sold. Jew elf sold.

Hekk ġralha l-art fuq ir-riħ tal-Mistra! Morru araw mill-aktar fis id-dehra bla bini għoli li sa jħallu jitla' għax id-dehra issa ser tinbidel għalkollox biex tgħaddi tal-iżviluppatur u ta' sieħbu l-politiku li jtaptaplu fuq dahru!

Imma l-art li wħud mill-iżviluppaturi jixħtu ħarsthom fuqha hi ta' kulħadd u m'għandhom ebda dritt jeħduha u jbiddluha fi flus. Ukoll jekk sehemhom hu sewwasew li kull roqgħa jibnuha u jbiddluha f'deheb.

Madwar Malta matul is-snin, l-aktar mis-snin sittin sal-lum, sar żvilupp bla rażan. Ħadd ma jista' jipponta sebgħu lejn ħadd, għax kollha kemm aħna ħatja. Aktar ma l-bniedem deherlu li jista' jgħaddi bla ħamrija għax il-ħaxix isib jixtrih minn fuq xkaffa f'ħanut, aktar il-bniedem qered raba'. Meta l-bidwi u r-raħħal inqatgħu, meta l-familji Melleħin u tal-irħula ma baqgħux irabbu dawk iż-żewġ nagħġiet, l-ambjent tal-Mellieħa u madwarha ma baqax li kien. Iż-żgħażagħ Melliħin ma jistgħu qatt qatt jifhmu l-ġmiel li kellha l-Mellieħa. Minn post agrikolu u rustiku saret issa post għalkollox turistiku. Mhux għadr, mhux ħażin, imma differenti. U l-bilanċ ma żammejniehx. Ir-regħba rebħet. Xeni mill-isbaħ qridniehom. U min kellu jieħu ħsieb li dan ma jsirx, ma kienx b'saħħtu biżżejjed, kien min kien, għax jaħasra kien kulħadd.

Dan ma ġarax biss il-Mellieħa imma seħħ madwar Malta kollha kemm hi, f'Malta u Għawdex. Atar il-bniedem emmen li jista' jgħaddi mingħajr in-natura u mingħajr il-ħolqien.

Il-Mellieħa tilfet ħafna u qed titlef bla ma l-Melliħin ta' rieda tajba jintebħu.

- L-OQBRA: Insejna x-xogħol li wettqu għadd ta' żgħażagħ Melliħin snin ilu meta kixfu, naddfu u ħadu ħsieb l-oqbra paleokristjani li hemm, fid-daħla ta' Selmun. L-oqbra issa abbandunati. U qisu ma ġara xejn!
- IĊ-ĊANGAR qadim u uniku ta' Selmun kien ewlieni fil-Gżejjer Maltin, qadim daqs ir-Rumani! Struttura għal ġieħna skedata u sagra. Niftakar lil Wenzu l-Ħixwi nieżel bil-ħmara u l-karrettun jaħdem ir-raba' li kellu hemm isfel fuq ir-riħ tat-triq. Għal sekli twal twal twal iċ-Ċangar kienet trejqa kollha ġmiel u saħħa għall-bhejjem u l-karrettuni. Illum kissirnieh għalkollox. U ħadd ma qal xejn! U qisu ma ġara xejn!
- IL-PALAZZ TA' SELMUN kissruh nies għorfa ħafna minn ġewwa, baqqnulu l-ħitan, kissrulu l-ħnejjiet, kissrulu l-art unika, ħarqulu l-artal, radmulu fdalijiet arkeoloġiċi taħt metru konkos, deffsulu pajpijiet tal-ħadid bl-ilma fil-ħitan. U qisu ma ġara xejn!
- IL-BAJJA TAL-GĦADIRA mimlija umbrelel, mimlija binjiet u ristoranti biex min hu għani jibqa' jistagħna u min mejjet biex ikun fuq il-bajjja għall-affari tiegħu ma jistax. Sena agħar minn oħra. U qisu ma ġara xejn!
- Il-ĦAWLIJA u l-ĦEWWIEXA: ix-xgħari quddiem il-Palazz ta' Selmun qridnilhom il-qigħan li kien hemm fuqhom. Sibna li fabbrika li tippakkja l-ħut aħjar mill-ambjent naturali. Kienet art sabiħa u verġni. U qisu ma ġara xejn!
- Il-BLATA kienet dari xenarju mill-isbaħ, kwiet ħemda, furrajna, xgħir, silla, tewm. Art kollha ġmiel naturali bit-tafal, saqwi u siqjiet, u dehriet u suriet uniċi u llum kollha

ħitan imġarrfin, kollha żrieżaq tal-muturi, tal-karozzi, art maqlugħa, terren imkisser u mibdul. U qisu ma ġara xejn!

- Il-FURTIZZA: L-irziezet li kien hemm fix-xagħra tal-furtizza qerduhomlna l-Ingliżi bl-iskuża tal-gwerra. Issa hemm mandra, issa hemm art tal-mistħija. U qisu ma ġara xejn!

Il-lista tkompli ħafna u ħafna itwal. Imma hi twila wisq. Il-gwerra kollha bombi li jsemmu missirijietna ma rnexxilhiex tagħmel ħerba ambjentali li għamilna aħna stess. U qisu ma ġara xejn! Li qed nagħmlu aħna stess. Li sa nibqgħu nagħmlu aħna stess għax ma nafux nieqfu. Il-bilanċ li nitkellmu fuqu ma nistgħu nsibuh qatt għax ma tgħallimniex biżżejjed fuq il-ħolqien, ma nemmnux fil-ġmiel tan-natura.

In-naħla għarfa għax tifhem fi ftit xhur ħajja li mill-fjura xi ħaġa żgħira biss trid, mhux tqaċċatha kollha kemm hi. Imma hemm bhima li l-fjura mhux jifraħ bil-ġmiel tagħha biss irid, imma jqaċċatha, jippossediha u jdawwarha fi flus.

Xi snin ilu ktibt rumanz u semmmejtu ***il-Kmandament Numru Ħdax: La teqridx il-Ħolqien***. Għax kmandament għalkollox għandna barra wieħed li jgħidilna niddefendu l-ambjent! F'dan ir-rumanz stħajjilt lil wieħed individwu jismu Mosè li jfettillu li Alla ltaqa' miegħu Triq ir-Repubbblika l-Belt u qallu biex isir suldat u jiddefendi lill-ambjent bħala wirt naturali u kulturali. U Mosè jsir suldat li jiddefendi b'ħajtu lill-ħolqien. Fl-idealiżmu tiegħu suldat joqtol għal pajjiżu. Dak il-qtil u dawk il-ġlidiet li jiddefendu lil Ommna Malta għal Mosè mhumiex att kriminali u Alla stess jaħfirhomlu. Din li ġejja hija silta minnu.

## ISIB TARFHEM ALLA JKILLU...

"Rodd salib," qalet omm Mosè minn warajh.

Mosè semagħha u qalbha libtet bil-hena malli ratu tabilħaqq irodd salib. U raddet bla taf għaliex salib hi stess.

"Musè!" għajjat warajh missieru mill-bieb ta' barra.

Iż-żagħżugħ waqaf, mhux soltu, imma waqaf. Ħarstu lejn missieru fil-bieb.

"Dod-diskurs ġa għednieh, ibni," qallu. "Lil Tuni dawk il-bgħewla li qed issemmi ent ħabbtuh tabilħaqq… imma dok żelaq, mhux li qed taħseb int! Ħodha minn fuq l-irdum għax siequ ċidiet! Don li qed jieklek, hux vieru?… Daw' nies xierfa Musè, bla kixjenza, ilpup ħaxxejja u ħadd ma jsib tarfhem imbierek! Iddendilx kusek magħhem! La jridu biċċtejn għalqa ħallihem juħduha! Jibnuha jekk iridu jibnuha! Mhux huma jkunu nieku l-blot tax-xagħra! Xil-qaħba trid iddendel kusek magħhem! Daw' ma jħissux bħolna, qalbhem ma tħabbatx bħal tagħna, Musè. Hekk jofu! Ħallihem weħedhem! Isib tarfhem Alla mbagħad!"

Mosè tbissem.

Ma setax jgħidha aħjar missieru. Hekk jirraġuna kull Malti. Jara l-gwaj u jħares in-naħa l-oħra. U d-dinja ddur xorta waħda.

"U tlumhemx Musè!" kompla missieru. "Hekk ħalaqhem Alla stess. Qalbhem imnejka. Mhux għax iridu jkunu qalbhem imnejka, imma għax Alla stess hekk għaġinhem! Ma tistox tlumu kelb iħebb għal qattus! U ma tlumux qattus jiekel ġirdien! Lew ballutra ċċarrat żaqq ġirdien!"

Mosè ċċassa lejn missieru. Kliem Toni, ħaseb, kliem ix-xwejjaħ Toni li kienu sabu mejjet taħt l-irdum. Mosè tbissem. U għadab: kliem dgħajjef ta' nies ċassi, kwieti, ġwejda u bla ħeġġa.

"Melae jsib tarfhem Alla, missier!" qallu bil-kwiet, "Isib, isib…U kif isib… don Alla jof sewwa x'għandu jagħmel!"

Mosè reġa' tbissem, aktarx għadu sogħbien sewwa talli kien riegħex lil ommu u lil missieru ftit qabel. Għalfejn jeħodha magħhom?

"Laqqas Alla ma jilħaqhem dawk Musè!" insista x-xiħ hu u dieħel 'il ġewwa. "Dok ikillu juħloq infern għalihem bess! Ħallik minnhem…"

"Telaq!" qal Mosè.

Dar u telaq lil hemm, imħasseb.

Ftit wara sab ruħu mill-ġdid fit-triq lejn ir-razzett. Kien jaf li ma setax jibqa' ċass ma jagħmel xejn wara dak kollu li kien sar u wara dak kollu li kien inqala' mal-lejl ta' qabel. Ma jistax iħalli lil min jiskapriċċah. Ma kienx ta' xejn li Alla waddablu mill-ġdid dik il-perlina quddiemu.

*Tħallihemx jeqirdu l-ħulqien Musè,* kien qallu Alla.

Ma kienx ta' xejn li kien reġa' fakkru li kien tabilħaqq iltaqa' miegħu fi Triq ir-Repubbblika fil-Karnival dan Alla taċ-ċwieċ. Alla tal-Maltin ukell, ħaseb, Alla taċ-ċwieċ li jħallu lil mkin inikilhem l-erba' xagħri li għendhem u nufs tiżżona ramliet li għandhem! Issa Malta kollha kienet sa tibda tkun taf li qiegħda ssir ġustizzja. Mhux tpattija. Mhux vendetta. Mhux vendikazzjoni. Imma ġustizzja.

Jew jgħidu xil-qaħba jridu, ħaseb. Jgħidu li jridu. Imma jeħtieġ iwassal sa tmiemu dak li kien hemm bżonn isir. Hekk kien qallu Alla stess. Vendikazzjoni jew tpattija jew ġustizzja, ma kienx jinteressah lilu. Imma l-ħolqien innoċenti ma jistax jibqa' jibla' fih bla ma jiċċaqlaq. U Alla lilu kien qabbad.

Jiġi jitnejjek x'jgħidu n-nies.

"Niġi nitnejjek xi jħoss ħaddieħor!" gerger waħdu hu u sejjer ir-razzett. "Min ikisser sa jkillu jħallas ħaqq dok il-bagħal!"

Kemm xtaq isib tarf dawk ix-xeni koroh li kien ra l-isptar u li kienu għadhom sħaħ quddiemu! Kienu xeni makabri, ta' qtil tat-tfal, ma seta' jagħmel xejn dwarhom għalissa, ħaseb, imma kien kuntent li kienu wkoll qed jimbuttawh li jwettaq dak li kien sa jkollu jwettaq lil dak il-bagħal ta' imprenditur li kien qatel lill-imsejken Toni u li kien kisser tant ħitan tas-sejjieħ.

Fuq Rdum Għajn Ħadid wasal ftit wara. Ftit ftit ġie f'tiegħu u ħass kalma kbira. Kien konxju sewwa ta' dak li kien sar u kif kien qatta' lejl barra jaqleb il-ġebel u jħott il-ħitan ta' binjiet għadhom telgħin. Kien konxju tat-trabi mejtin li ra matul il-lejl, li kien ra xi mkien, tal-ilma kiesaħ u l-mewġ qawwi tal-Port il-Kbir, tax-xiħa fit-teatru l-Belt, in-nies iħarsu lejh, il-pulizija jġebbdu 'l barra, mill-ġdid id-dalma qalb il-mewġ, il-kuruturi bojod u ners għaddejja bid-dixx tal-istejnless stil bit-tifrik fih u tal-labra rqiqa u twila dieħla tfittex qalb ta' tarbija… u l-ħoss tal-flaxxing… u l-ħoss tal-flaxxing… u l-ħoss tal-flaxxing…

Jeħtieġ issir ġustizzja. Jeħtieġ issir ġustizzja. Ħobb il-ħolqien. Mhux il-ħarrub biss kien qallu dak il-bniedem imneżża' bil-kuruna tax-xewk f'rasu, mhux l-ambjent biss, imma l-ħolqien hu fejn hu u hu min hu. Madwaru l-imsejkna siġar tat-tin u tal-ħarrub, issa nexfin għalkollox, għeruq ibsin, mejtin. Nofs il-friegħi maħruqin. Mosè tah li jibki, imsejkna siġar. Imsejkna trabi, imsejken ambjent, imsejken ħolqien! Kien beda sewwa x-xogħol fuq ix-xagħra. It-tħammil għall-pedamenti kien beda sewwa.

Mhux l-imprenditur jew l-iżviluppatur għax dak hu xogħlu. Imma dawk li tawh permess u dawk li qalulu jmur ikisser il-blat u jkisser iċ-ċangar qadim u qisu ma ġara xejn.

Ma kienx hemm biss tkissir tal-irdum jew tiġrif tal-ħitan tas-sejjieħ bil-gaffa salvaġġa għaddejja mit-trab qaddis. Ma kienx hemm biss l-imsejken Toni muġugħ jara dik il-ħsara. Lanqas is-siġar maqlugħin minn għeruqhom. Imma kollox f'daqqa. Mosè ma kienx jista' jara distinzjoni bejn dak il-bagħal imġiddem li daħħal gaffa fil-ġmiel tal-ħamrija u qala' s-silla minn għeruqha u l-bagħal tabib li daħħal splengun f'żaqq ġmiel ta' mara żagħżugħa biex jeqirdilha lill-wild li kien qed jikber fiha. Ma kienx hemm x'jagħżel lil dawn minn dak li xerred il-konkos fuq trejqa Ċangar qadima sekli twal twal li issa tkisser u sparixxa fi ftit snin ta' kefrija u alabibiżmu ambjentali li ħallew isir minn suppost kellu jwaqqaf dil-ħsara kollha.

Mosè ma kienx qed jagħmel distinzjoni bejn bagħal tabib li daħħal ħadida tleqq f'ġisem sabiħ ta' mara sturduta mimduda b'sieq lil hemm u l-oħra lil hawn, biex jgħaffġilha ras binha qed jikber ġo fiha, u bagħal ta' imprenditur li ffirma dokumenti biex jherżu l-ġmiel tal-blat qaddis li ħalaq Alla.

Dawn kienu saru issa pezza waħda: ma kinux bnedmin li kien jixirqilhom jibqgħu jieħdu l-istess arja li kien jieħu hu. Kienet sistema li ma kienx ħaqqha tibqa' tirrenja. Huma min huma n-nies. Huma min huma dawn il-bhejjem, ħaseb Mosè.

Ħarstu mwaħħla fuq il-lok fejn darba kien hemm ġmiel ta' siġar, dmugħ jaħraq jittanta jisponta minn xfar għajnejh imma ma jistax minħabba l-għadab li kien jaqbdu. Imbagħad għaddielu ħsieb. Hekk, f'daqqa waħda waqt li ħarstu fuq iz-zkuk maħruqin. Hu kellu jwassal il-ħdax-il kmandament lill-bqija tal-bnedmin, hekk kien qallu Alla Sultan tal-Karnival meta kien rah Triq ir-Repubblika. Imma l-kif u x'fatta qatt ma kien qallu.

U mal-ħaġra t-tajn.

Minn qalb l-imbarazz li kellu missieru fir-razzett ġab biċċa karta ta' xkora tas-siment. Resaq lejn ftit żejt iswed u maħruq li kien baqa' jċarċar f'rokna ta' dik l-istraġi li kien hemm, qabad fergħa ta' zokk maħruq u fuq il-karta kiteb b'ittri kbar, imħawdin u kif jaf,

"JEKK TQAĊĊAT L-AĦĦAR SIĠRA…"

Imbagħad geżwer fil-karta biċċtejn zkuk niexfa u friegħi mqaċċtin tat-tin u tal-ħarrub li kienu għadhom bil-weraq mibrum bin-nixfa, u għamel bukkett ċkejken. Fl-aħħar rabat kollox sewwa b'biċċa fildiferru msadda li sab. Imbagħad xeħet fil-but ponn ġebel mill-blat verġni, imkisser mill-gaffa selvaġġa, u qabad triqtu lejn dar is-sinjur, rasu mġebbda 'l barra, ħarstu ħadra ħadra mberrqa wkoll 'il barra, idejh mixħutin wara dahru jaħfnu l-bukkett sewwa. Mosè ma kienx Mosè dak il-ħin, pass mgħaġġel, pass imħarrek ġmielu; dehra tal-biża', ħarsa ta' biża' akbar. Fehmtu kienet magħmula issa. L-istrateġija kien fassalha. Iwiddeb. Jgħarraf. Imbagħad isir li hemm bżonn isir.

Imma Alla kien miegħu. Alla kien iressaqlu kollox sewwa qrib il-likk. Mosè għadda mill-aktar toroq imwarrbin li seta', imma ma nzerta ebda ruħ, Alla miegħu, Alla jaqbel miegħu sewwa.

Qalbu ħassha tħabbat bil-kalma, taħbita ta' min ikun f'sikktu u kalm sewwa. It-twiddiba. Iwiddeb lis-sinjur biex ir-raba' tal-irdum ma jmissux aktar. Ibeżżgħu. Ħass ftit ftit l-għeja taħkmu, għajjien mejjet wara lejl jiġġerra min-naħa l-oħra ta' Malta lil hawn, imma baqa' miexi. Qawwi f'dak li kien twebbel minn Alla biex jagħmel. Kien Alla, ħaseb, kien Alla li nebbħu x'kellu jagħmel malli wasal fuq l-irdum. Alla kien irid illi Mosè jagħmel dak li suppost ilu li għamel. Il-Kmandament Numru Ħdax Alla kien tah lilu bħala Malti għax il-Maltin kienu l-aktar bnedmin ċwieċ fid-dinja u jħallu lil min inikilhom l-ambjent u ma jagħmlu xejn xejn xejn – ħlief għal għexieren ta' snin jaċċettaw lil min jippoża

fuq it-televiżjoni kemm qed taparsi jieħu ħsieb l-ambjent u sena wara sena jibqa' jitkarrab għall-voti ħalli jkompli jippermetti tkissir kullimkien.

Imma f'daqqa waħda kien imħasseb. Il-misħut dubju li minn żmien għall-ieħor jaħtaflu qalbu u moħħu. Reġa' ftakar. U l-ħsara li kien laħaq wettaq is-sinjur fuq l-irdum, min kien sa jħallas għaliha? Il-mewt ta' Toni, min kien sa jħallas għaliha?

U l-ħarrub imqaċċat u maħruq?

U l-ħitan imġarrfin?

U Wied id-Dis?

U t-tina mqaċċta u maħruqa?

U l-blat tal-wiċċ tax-xagħri?

U t-torrijiet li se jtellgħu?

U dawk l-imsejkna trabi mqaċċtin mill-omm tal-ħajja?

U ċ-Ċangar?

Min kien sa jerfa' r-responsabbiltà tagħhom dawn id-dnubiet?

Kulħadd kien wettaq biċċa mil-ħażen li kienu sofrew il-ħarruba u t-tina u t-tarbija bl-isplengun f'qalbha, u l-ħajt tas-sejjieħ u ċ-Ċangar u l-Bajja tal-Mellieħa maħtufa, u t-tarbija mehruża u mormija f'loki.

Imma min kien sa jpatti għal dan kollu?

Ix-xiħa tal-kittieb Russu Ċekov kienet daħlet il-bank u riedet li l-bank iħallasha talli kien entità soċjali li lil żewġha minn dejjem għakksu u redagħlu kull sold żejjed li kien seta' jġamma'. Riedet teħodha kontra s-sistema li lilha kienet faqqritha. Huma min huma l-komponenti tas-sistema ta' bullies soċjali. Ix-xiħa riedet min ipattilha u ma kinitx sejra lil hemm mill-bank jekk ma jħallashiex kulma kienu serqulha l-allat ta' sistemi manipulattivi soċjali.

Hu x'kien sa jagħmel sewwa?

Dak il-ħin għajnejh żdiedu ħdaru bir-rabja li ħass, imma malli wasal quddiem id-dar tas-sinjur kuntrattur, Mosè għolla l-lukkett tal-grada, daħal iqiegħed il-bukkett xewk u weraq nixfin fuq il-għatba, xeħet ħdejhom ponn ġebel. Qagħad bil-kalma kollha jara t-tiċpis taż-żejt maħruq mal-għatba u mal-koxxa tal-bieb. Imbagħad dar, kalm kalm, ħareġ mill-parapett, reġa' niżżel il-lukkett tal-grada kif kien qabel, u telaq.

Alla miegħi, ħaseb, Alla jaf x'qiegħed nagħmel u ma rani ħadd. Alla jaf li lili jieqaf miegħi ħalli ntemm dak li waħħalt f'rasi, ħaseb.

Alla lil Ġuditta ma webblilhiex f'rasha biex tmur mas-sultan tal-għadu u wara li ssaħħnu u tpaxxih, taqtagħlu rasu u bil-kalma kolha jħalliha toħroġ mill-kamp tal-għadu b'rasu kollha demm fi xkora?

Kif lanqas biss ma ħabbtet aktar mgħaġġel qalbi, staqsa lilu nifsu. Kif jista' jkun nagħmel biċċa bħal din fid-dawl tax-xemx fl-eqqel tal-jum u mhux biss ma jilmaħni ħadd, imma ma nħoss ebda tregħida ma' ġismi? Humiex kollha sinjali mingħand Alla li qiegħed nagħmel dak kollu li xtaqni nagħmel?

Ġebla ġebla, kompla jaħseb. Ħsieb ħsieb. Jekk tqaċċat l-aħħar suġra, jekk tibni l-aħħar xagħra, jekk tuqtol l-aħħar tajra …





# Min Irreklama f'din il-Pubblikazzjoni


A. Vella Borg & Sons Ltd (Tal-Blu) ........ 64
A.J.M Service Station Ltd ........ 27
Aalayah's Stop & Shop ........ 58
Agalaya Beauty Clinic ........ 13
Al Ponte Pizzeria & Restaurant ........ 62
Alkova ........ 119
All Needs Hardware Store ........ 23
Angela's Flower Shop ........ 64
Art in Beauty Med-Aesthetic Clinic ........ 39
Bayleaves Restaurant & Pizzeria ........ 73
Billy's Car Hire ........ 8
Bottles&Bottles ........ 38
Ċavett Place ........ 37
Central Asphalt ........ 46
CLD - Caruana Light Decor ........ 135
Dainty Clothing & Footwear ........ 26
Dingli Butcher ........ 54
Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard ........ 54
Drifter - Airport Transfers ........ 70
Drive Well Motoring School ........ 23
EPC ........ 14
Evergreen Discount Mini Market ........ 72
EyeTech Ltd ........ 42
Field Sports ........ 14
G3 Group ........ 2,3
GAsan Mamo Insurance ........ inside front
George's Bakery ........ 9
Great Dane Restaurant ........ 39
Green Valley Discount Store ........ 25
HB Motors ........ 99
Herbies Jewellery Ltd. ........ 22
Horace Enterprises Ltd. Trophies & Sports Goods ........ 25
ICAM Photography, Design & Printing ........ 72
Imperial Terrace - Imperial Band Club ........ 10
Ir-Razzett Fruit Shop ........ 109
J & G Discount Detergent Shop ........ 69
J. Attard Skip Hire ........ 69
J.Vella - Kisi, Żebgħa u Tikħil ........ 17
JDS ........ inside back
Jevon's Fruit Shop ........ 55
Joe Gauci Metal Works ........ 65
John Bray & Family Funeral Services ........ 43
John Buttigieg Cikkies Fruit & Vegetables ........ 47
Joseph Debono TII MAPFRE ........ 42
Julie's Lifestyle Unisex Hair Salon ........ 125
LABRANDA Riviera Hotel & Spa ........ 63
Lifting Service ........ 63
Manuel Bezzina Co Ltd ........ 55
Manuel's Garage ........ 5
Marianna Stationery ........ 13
Mario Gauci Fruit & Vegetables ........ 89
Maritim Antonine Hotel & Spa ........ 62
Mark Taliana Gardening ........ 35
Meet Garage ........ 58
Mġarr Folk Group ........ 37
Mġarr United Bar & Restaurant ........ 109
Mitħna Restaurant ........ 139
Mosta Bacon ........ 26
Munchies Bistro ........ 59
Nella's by Antonella ........ 30
One80 ........ 18
P&C Cauchi ........ 50
Paradise Bay Resort ........ 15
Paws 'n' Claws ........ 72
Ph Borg Ltd. Fuel & LPG Supplier ........ 38
Popeye Village ........ 73
Reġjun Tramuntana ........ 76
ROCS Group ........ back cover
ROCS Travel ........ 11
Sala Imperial għal attivitajiet soċjali ........ 44
Santa Maria Service Station ........ 70
Stardust Stationery ........ 85
Stephen Deguara Sales, Services & Repairs ........ 84
Suiga Café & Bar ........ 31
Ta' Dronk Wines, Spirits, Cigars & Tobacco ........ 30
Ta' Peter Bar, Restaurant & Games Room ........ 25
Ta' Titta Confectionery ........ 17
Tal-Puzzu Pizza Pasta Grill ........ 125
The Beach at Paradise Bay ........ 34
The Caterer - Ernest Vella ........ 27
The Core Restaurant & Lounge ........ 51
Tony's Bakery ........ 72
Tower Ladder Services ........ 113
Villager by Munchies ........ 59
Welbee's Supermarket ........ 19
Zammit Concrete ........ 22

# At JDS we offer:



A variety of custom made kitchens , bedrooms and bespoke furniture, both modern and traditional to suit your needs.

A variety of custom designs and local manufacture that can provide you with a range of materials and colour schemes of your choice.

All are manufactured locally in Marsa.





We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Visit our showroom in Mellieha to view our Himolla sofa collection. Carrying a 5 year guarantee, Himolla can bring more comfort to home.

Visit the Himolla website:
www.himolla.com











Ask us for any assistance, you may require.

Save money with JDS DIY made to measure services.

JDS Furniture Ltd

Main Street, Mellieha | Garibaldi Street, Marsa | t: +356 2152 2390
e: info@jdsfurniture.com | s: www.jdsfurniture.com | fb: JDS Furniture




“Do not save what is left after spending, but spend what is left after saving.”

**It’s never too early to start saving for your future.**

**Call us for your non-obligatory appointment today!**

+356 2015 1320 | +356 99477121 | pensjoni@pensjoni.com | www.pensjoni.com

ROCS Co. Limited is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV). MMSV (C-15722) is authorised under the Insurance Business Act. Both entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.